

Европейски омбудсман

El Defensor del Pueblo Europeo

Evropský veřejný ochránce práv

Den Europæiske Ombudsmand

Der Europäische Bürgerbeauftragte

Euroopa ombudsman

Ο Ευρωπαίος Διαμεσολαβητής

The European Ombudsman

Le Médiateur européen

An tOmbudsman Eorpach

Il Mediatore europeo

Eiropas ombuds

Europos ombudsmenas

Az Európai Ombudsman

 L-Ombudsman Ewropew

De Europese Ombudsman

Europejski Rzecznik Praw Obywatelskich

O Provedor de Justiça Europeu

Ombudsmanul European

Európský ombudsman

Evropski varuh človekovih pravic

Euroopan oikeusasiamies

Europeiska ombudsmannen

■ Rapport Annwali L-Ombudsman Ewropew

2008

■ Rapport Annwali

L-Ombudsman

Ewropew

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata diment li s-sors ikun rikonxxut.

ISBN 978-92-9212-188-4

ISSN 1725-9762

Dan ir-rapport huwa ppubblikat fuq l-internet fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu>

Settjat f'Cabria, Calibri and Etelka — Pierre Roesch typographie, Strasbourg

Ritratti kollha © Komunitajiet Ewropej, sakemm indikat mod ieħor.

Printed in Luxembourg

Stampat fuq CyclusPrint, karta fina għall-istampar magħmula esklussivament minn fibri riċiklati.

L-OMBUDSMAN EWROPEW



P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS

Prof. Dr Hans-Gert PÖTTERING MPE
President
Parlament Ewropew
Rue Wiertz
1047 Brussell
IL-BELĠJU

Strasburgu, 21 ta' April 2009

Sur President,

Bi qbil mal-Artikolu 195(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali tat-Twettiq tar-Responsabbiltajiet ta' l-Ombudsman, jiena hawnhekk qiegħed nippreżenta r-rapport tiegħi għas-sena 2008.

Dejjem tiegħek,

P. Nikiforos DIAMANDOUROS

Bidliet fir-Rapport Annwali tal-Ombudsman

IR-RAPPORT Annwali tal-Ombudsman Ewropew huwa l-aktar pubblikazzjoni importanti tiegħu. Biex ikun żgħur li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-ħafna qarrejja tiegħu, kull sena l-Ombudsman jirrifletti dwar kif jista' jtejjeb ir-rapport. Innovazzjonijiet reċenti u ewlenin, jinkludu l-introduzzjoni ta' Sommarju Eżekuttiv, sommarji tal-każijiet u analiżi tematika tal-investigazzjonijiet. L-utent aħħari dejjem kien f'moħħ l-awtur meta saru dawn il-bidliet kollha. Ir-riżultat huwa wkoll Rapport iqsar, u b'hekk l-Ombudsman seta' jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi kif ukoll seta' jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli billi jirrispetta l-ogħla standards ambjentali.

Din is-sena rat l-aktar riforma ambizzjuża fir-Rapport tal-Ombudsman s'issa. Dan ġie mfassal bil-ħsieb tat-tnedija tal-websajt il-ġdida tal-Ombudsman f'Jannar 2009. L-informazzjoni li hemm

Ir-Rapport Annwali l-ġdid huwa pubblikazzjoni aktar f'waqtha, aċċessibbli, ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u b'dehra moderna.

disponibbli fuq il-websajt u f'dan ir-Rapport issa jikkomplimentaw lil xulxin għal kollox. Ġiet prodotta wkoll *Ħarsa Ġenerali 2008* ġdida ta' sitt paġni, li tiegħu post is-Sommarju Eżekuttiv u

Statistiċi ta' qabel, li qabel kien ippubblikat bħala pubblikazzjoni separata. Minn April 2009, il-*Ħarsa Ġenerali 2008* hija disponibbli, fi 23 lingwa, f': <http://www.ombudsman.europa.eu/activities/annualreports.faces>

Ir-Rapport Annwali l-ġdid huwa pubblikazzjoni aktar f'waqtha, aċċessibbli, ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u b'dehra moderna. F'dan li ġej, sejrin nispjegaw il-bidliet ewlenin li saru fir-Rapport u sejrin nipprovdul links għal sezzjonijiet tal-websajt tagħna li jgħinuk issib dak li kien stampat qabel fir-Rapport.

■ Struttura


L-istruttura tar-Rapport il-ġdid hija mfassla biex tiggwida lill-qarrej b'mod loġiku minn spjegazzjoni tal-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman (Kapitolu 2), sal-attività konkreta ta' investigazzjoni tal-każijiet fl-2008 (Kapitolu 3), attivitajiet ta' popolarizzazzjoni (Kapitolu 4) u iżviluppi interni li għandhom x'jaqsmu mal-persunal u mal-baġit (Kapitolu 5). Ir-Rapport jibda, bħal qabel, b'daħla mill-Ombudsman, segwita minn Sommarju Eżekuttiv (Kapitolu 1).

■ Kontenut

Il-kontenut tar-Rapport ġie rivedut biex ikun żgurat valur addizzjonali reali għall-qarrej. B'mod partikolari, il-Kapitolu 3 fih rendikont sħiħ, spjegat u komprensiv tal-ħidma bażi tal-Ombudsman li tirrigwarda l-indirizzar tal-ilmenti fl-2008. Bis-sommarji tal-każijiet issa magħmulin disponibbli fuq bażi regolari fit-23 lingwa uffiċjali tal-UE fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu/cases/summaries.faces>, dawn ġew sostitwiti fir-Rapport minn eżempji iqsar li jgħinu biex jispjegaw aħjar is-sejbiet tal-Ombudsman. Il-graffs u ċ-charts tpoġġew tul il-kapitolu kollu, minflok f'anness statistiku separat fl-aħħar tar-Rapport. Il-Kapitolu 3 fih ukoll analiżi tematika wiesgħa li tipprovdi rendikont fil-fond u sintetiku tal-ammont ta' każijiet u tar-riżultati tal-investigazzjonijiet tiegħu fil-kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina. Finalment, il-lista sħiħa ta' ismijiet tal-persunal u dettalji dwar kuntatti issa ġiet sostitwita fir-Rapport b'ħarsa ġenerali lejn id-diversi dipartimenti u unitajiet f'Kapitolu 5. Lista tal-persunal aġġornata b'mod regolari tista' tinstab fuq il-websajt tal-Ombudsman fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu/atyourservice/team.faces>

■ Statistiċi

Huwa u jindirizza r-Rapport Annwali tas-sena l-oħra, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew ħeġġiġna biex intejbu l-preżentazzjoni tad-dejta statistika tagħna. Bi twegħiba għal dan,



għamilna reviżjoni rigoruża ta' liema statistiċi nipproduċu u kif nipproduċuhom. B'riżultat ta' dan, dan ir-Rapport fih statistiċi aktar ċari (pereżempju, dwar bidliet maż-żmien fl-għadd ta' ilmenti). Żidna wkoll informazzjoni ġdida (pereżempju, dwar is-suġġett tal-investigazzjonijiet). Finalment, ivverifikajna u, fejn kien meħtieġ, tejjibna l-metodoloġija għall-kalkolu tal-istatistiċi.

■ Tfassil

It-tfassil tar-Rapport Annwali kollu ġie eżaminat bir-reqqa biex dan ikun kemm jista' jkun faċli biex jintuża u jkun aċċessibbli. Ir-Rapport b'dehra ġdida jinkludi siltiet qosra mit-test, li jenfasizzaw il-punti ewlenin ippreżentati u huma mfasslin b'tali mod li jiġbdu l-attenzjoni tiegħek lejhom. Il-graffs u t-tabelli inklużi fir-Rapport tħejjew b'mod li jinftiehem faċilment.



■ Stampar

Ir-Rapport Annwali huwa stampat fuq CyclusPrint, li hija karta tal-istampar fina prodotta b'mod esklussiv minn fibri riċiklati. Ir-riżultat ta' dan huwa tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u tal-ilma. CyclusPrint hija konformi mal-istandards ambjentali l-aktar stretti. Inġhatat l-ekotikketta Fjura tal-UE, kif ukoll ċertifikati ta' ġestjoni ambjentali EMAS u ISO 14001 EU.

Werrej

Daħla 9

1 Sommarju Eżekuttiv 13

2 Il-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman 23

- 2.1 Id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew 25
- 2.2 Il-bażi legali tal-ħidma tal-Ombudsman 25
- 2.3 Il-mandat tal-Ombudsman 28
- 2.4 L-Ammissibilità u r-raġunijiet għall-investigazzjonijiet 31
- 2.5 Il-proċeduri tal-Ombudsman 32

3 Ilmenti u investigazzjonijiet 37

- 3.1 Deskrizzjoni ġenerali tal-ilmenti eżaminati 39
- 3.2 Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa 44
- 3.3 Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman 46
- 3.4 Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prassi 53
- 3.5 Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa 54
- 3.6 Trasferimenti u pariri 69

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħra 73

- 4.1 Ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u entitajiet tal-UE 75
- 4.2 Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili 78
- 4.3 Ir-relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħra 82

5 Riżorsi 89

- 5.1 Il-persunal 91
- 5.2 Il-Baġit 96

Kuntatt mal-Ombudsman Ewropew 99

Daħla



HUWA pjaċir tiegħi li nippreżentalek ir-Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew f'dehra ġdida. Kif spjegat fil-paġni tal-ftuħ, għamilna sforzi kbar biex intejbu l-faċilità tal-użu tar-Rapport biex inti tkun tista' tikseb ħarsa ġenerali ċara u komprensiva tal-ħidma tal-Ombudsman fl-2008. Nistenna bil-ħerqa l-informazzjoni mingħandek dwar il-bidliet li saru.

Bħal dejjem, ir-Rapport Annwali jiddokumenta l-ħidma tal-Ombudsman għaċ-ċittadini, negozji u organizzazzjonijiet matul is-sena li għaddiet. Huwa jagħmel enfasi fuq l-iżviluppi l-aktar importanti fir-rigward tal-każijiet investigati u r-riżultati miksuba għall-ilmentaturi, u jiddeskrivi fil-qosor il-kwistjonijiet politiċi ewlenin rilevanti għall-istituzzjoni matul is-sena li għaddiet.



Inressqu l-Unjoni eqreb taċ-ċittadini

Spiss ngħid li l-mod kif istituzzjoni tirreaġixxi għall-ilmenti huwa indikatur ewlieni ta' kemm tkun iċċentrata fuq iċ-ċittadin. Bi pjaċir ngħid li, għal darb'oħra fl-2008, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE wrew li, fil-parti l-kbira, huma ħerqana li jsolvu kwistjonijiet li l-Ombudsman iressaq għall-attenzjoni tagħhom. F'129 każ magħluq fl-2008 (36% tat-total), l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat soluzzjoni amikevoli jew solviet il-kwistjoni. F'101 każ ieħor, il-kwistjoni ġiet iċċarata b'mod li ma kinux meħtieġa aktar investigazzjonijiet, filwaqt li f'110 każi l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

Tmien każijiet magħluqa fl-2008 jagħtu eżempju tal-aħjar prassi fir-rigward tal-mod kif l-istituzzjonijiet wiegħbu għal kwistjonijiet imqajma mill-Ombudsman.

Għaldaqstant huwa xieraq li jkun inklużi fost il-każijiet saljenti msemmija f'dan ir-Rapport, sabiex iservu ta' mudell għal imġiba amministrattiva tajba għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE. Tlieta mill-każijiet saljenti kienu jinvolvu lill-Kummissjoni Ewropea, u wieħed kull wieħed lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, lill-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), lill-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF), u, għat-tielet sena konsekuttiva, lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni.

Madankollu mhux it-tweġibiet kollha għall-investigazzjonijiet tal-Ombudsman kienu daqstant eżemplari. Il-Kummissjoni rrifjutat li tibdel il-pożizzjoni tagħha f'każ ta' diskriminazzjoni bbażata

Spiss ngħid li l-mod kif istituzzjoni tirreaġixxi għall-ilmenti huwa indikatur ewlieni ta' kemm tkun iċċentrata fuq iċ-ċittadin.

fuq l-età. Dan ir-rifjut wassalni biex nissottometti lill-Parlament l-uniku rapport speċjali li ħriġt fl-2008. Għalkemm l-għadd ta' investigazzjonijiet li fihom kelli nindirizza rimarki kritiċi lill-istituzzjo-

nijiet tal-UE niżel għal 44 (minn 55 fl-2007), dawn xorta waħda għadhom ħafna. Biex ngħin lill-istituzzjonijiet u lill-korpi jtejbu l-prestazzjoni tagħhom, fl-2008 ippubblikajt żewġ studji fuq il-websajt tiegħi, rigward is-segwitu mogħti mill-istituzzjonijiet ikkonċernati għar-rimarki kritiċi u ulterjuri maħruġa fl-2006 u l-2007. Dawn l-istudji jidentifikaw każijiet saljenti li, għal darb'oħra, għandhom iservu ta' eżempju ta' amministrazzjoni tajba. Sejjer nipubblika rapport simili fl-2009.

Naġixxi bħala għassies tat-trasparenza

Fl-2008, ingħalaq għadd rekord ta' investigazzjonijiet (355), b'ħafna minnhom jieħdu inqas minn sena. Fl-2009, qegħdin nimmiraw biex intejbu l-prestazzjoni tagħna billi nieħdu saħansitra inqas żmien biex nagħlqu l-każijiet. Bla dubju l-iktar allegazzjoni komuni eżaminata fl-investigazzjonijiet miftuħa fl-2008 kienet in-nuqqas ta' trasparenza (36% tal-investigazzjonijiet). Kemm jekk f'każijiet kuntrattwali, talbiet għall-aċċess ta' dokumenti, ilmenti ta' ksur ta' liġi, kif ukoll proċeduri ta' għażla, ir-rifjut tal-għoti ta' informazzjoni kienet tema rikorrenti. F'kull wieħed minn dawn il-każijiet,

ħeġġiġt lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE biex jiżguraw l-oġġla livelli ta' trasparenza fl-attivitàjiet tagħhom. Xi każijiet kienu jinvolvu kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta, li, m'hemmx dubju li jeħtieġu approċċ li jsib bilanċ bejn il-privatezza u t-trasparenza. F'bosta minnhom, ikkonsultajt mas-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, li l-parir tiegħu kien ta' għajjnuna kbira.

Ta' importanza partikolari rigward it-trasparenza fl-2008 kienet il-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tar-regoli tal-UE dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Esprimejt it-tħassib tiegħi dwar ċerti aspetti ta' din il-proposta li mill-bqija hija tajba u ħeġġiġt lill-Parlament biex juża l-irwol tiegħu bħala koleġiżlatur fuq din il-kwistjoni biex ikun żgurat l-aħjar riżultat għaċ-ċittadini. Bħala parti mill-kontribut tiegħi għal dan id-dibattitu, mexxejt studju komparattiv fost il-kollegi tiegħi fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen dwar l-aħjar prassi fl-Istati Membri fir-rigward tal-aċċess pubbliku għal informazzjoni li tinstab fid-databases. Ispirajt ruħi mir-riżultati ta' dan l-istudju biex nifformula proposti konkreti relatati mar-riforma tar-regoli tal-UE dwar l-aċċess għal dokumenti. Fl-2009, sejjer insegwi mill-qrib l-iżviluppi f'dan id-dibattitu.

Il-promozzjoni ta' kultura ta' servizz

Fl-2008, l-Ombudsman irreġistra total ta' 3 406 ilment. Bħal dejjem, għamilna sforz biex niżguraw li dawk kollha li jista' jkollhom ilment x'jagħmlu jkunu konxji mis-servizzi tal-Ombudsman.

Bħal dejjem, għamilna sforz biex niżguraw li dawk kollha li jista' jkollhom ilment x'jagħmlu jkunu konxji mis-servizzi tal-Ombudsman.

Pereżempju, fir-rigward tan-negozji, l-NGOs, u organizzazzjonijiet oħrajn, li fil-passat għamlu relattivament ftit użu mill-Ombudsman, ippubblicizzajna l-investigazzjoni fuq inizjattiva tagħna stess dwar il-ħeffa fil-ħlasijiet mill-Kummissjoni sabiex nuru x'nistgħu nagħmlu għalihom b'mod konkret.

Fi kważi 80% tal-każijiet irreġistrati, konna kapaċi ngħinu lill-ilmentatur billi ftaħna investigazzjoni fuq il-każ, irreferejnih lil korp kompetenti, jew tajnih parir fuq minn fejn jista' jfittex l-għajjnuna. Spiss, il-parir huwa li wieħed jikkuntattja membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. F'Novembru, Ombudsmen reġjonali fin-Netwerk iltaqgħu f'Berlin biex jiddiskutu kif, flimkien, nistgħu ntejbju s-servizz li nipprovdu liċ-ċittadini. Komplejt ukoll nikkomunika mal-Membri u mal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE biex inħeġġiġhom jadottaw kultura ta' servizz liċ-ċittadini. Fost l-avvenimenti ewlenin f'dan ir-rigward kien hemm l-iffirmar ta' Memorandum ta' Fehim mal-President tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-qbil mill-Aġenziji tal-Unjoni li jadottaw il-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba fir-relazzjonijiet tagħhom maċ-ċittadini.

Żvilupp finali importanti fl-2008 kien jikkonċerna r-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman. Il-bidliet li saru jiżguraw li ċ-ċittadini jista' jkollhom fiduċja sħiħa fl-abbiltà tal-Ombudsman li jmexxi investigazzjoni bir-reqqa tal-ilmenti tagħhom mingħajr restrizzjonijiet. Għandi ħerqa kbira li nkompli fil-ħidma tiegħi għaċ-ċittadini fl-2009 fuq il-bażi ta' dan il-mandat aktar b'saħħtu.

Strasburgu, 16 ta' Frar 2009



P. Nikiforos DIAMANDOUROS

The image features a solid green background. On the left side, there is a large, white, abstract geometric shape that resembles a stylized letter 'L' or a corner of a page. The shape is composed of two main rectangular sections meeting at a right angle, with the top-left corner of the upper section being slightly rounded or cut off. The text 'Sommarju Eżekuttiv' is positioned to the right of this white shape, centered vertically relative to the height of the shape's upper section.

Sommarju Eżekuttiv

L-ERBATA-X-IL Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew jagħti rendikont tal-attivitajiet tal-Ombudsmen fl-2008. Huwa s-sitt Rapport Annwali ppreżentat mis-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS, li beda l-ħidma tiegħu bħala Ombudsman Ewropew fl-1 ta' April 2003.

■ Struttura tar-Rapport

Ir-Rapport jikkonsisti f'ħames kapitoli. Jibda b'daħla personali mill-Ombudsman segwita b'dan is-Sommarju Eżekuttiv, li jikkostitwixxi l-Kapitolu 1.

Il-Kapitolu 2 jispjega l-mandat tal-Ombudsman u jiddeskrivi l-proċeduri tal-Ombudsman li bihom jittratta l-ilmenti u jmexxi l-investigazzjonijiet. Jinkludi kwalunkwe żvilupp importanti li seħħ matul is-sena li għaddiet.

Il-Kapitolu 3 jagħti stampa ġenerali tal-ilmenti li daħlu matul is-sena, kif ukoll studju dettaljat tal-investigazzjonijiet li saru. Hemm taqsima dwar każijiet saljenti identifikati mill-Ombudsman, kif ukoll analiżi tematika li tkopri l-aktar sejbiet sinifikanti tal-liġi u tal-fatti li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman għall-2008. Il-Kapitolu jagħlaq b'ħarsa lejn każijiet li jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman u lejn kif l-Ombudsman ta segwitu għal dawn l-ilmenti.

Il-Kapitolu 4 jikkonċerna l-attivitajiet ta' popolarizzazzjoni tal-Ombudsman, u jkopri r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u ma' korpi oħrajn tal-Unjoni Ewropea, ir-relazzjonijiet mal-komunità ta' ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, u ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-Ombudsman.

Il-Kapitolu 5 jipprovdi dettalji dwar il-persunal u l-baġit tal-Ombudsman.

■ Il-missjoni tal-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew ġie stabbilit fit-Trattat ta' Maastricht bħala parti miċ-ċittadinanza tal-Unjoni. L-Ombudsman jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji, bl-eċċezzjoni tal-

Bħal dejjem, għamilna sforz biex niżguraw li daww kollha li jista' jkollhom ilment x'jaqgħu jkunu konxji mis-servizzi tal-Ombudsman.

Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza waqt li jkunu qed jaġixxu fl-irwoli ġudizzjarji tagħhom. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman fisser "amministrazzjoni ħażina"

b'tali mod li titlob rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-istat tad-dritt u għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Minbarra li jwieġeb għall-ilmenti minn individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman jaħdem b'mod proattiv, billi jniedi investigazzjonijiet fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jiltaqa' ma' Membri u ma' uffiċjali ta' istituzzjonijiet u korpi tal-UE, u jilħaq liċ-ċittadini sabiex jinfurmahom dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif għandhom jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

■ Ilmenti u investigazzjonijiet

Ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti eżaminati

Fl-2008, l-Ombudsman irreġistra¹ 3 406 ilment, meta mqabbel ma' 3 211 fl-2007. Kważi 60% tal-ilmenti kollha rreġistrati mill-Ombudsman fl-2008 ntbagħtu b'mod elettroniku, jew permezz ta' e-mail jew permezz tal-użu ta' formola tal-ilmenti fuq il-websajt tal-Ombudsman.

B'kolloxx ġew ipproċessati 3 346 ilment², meta mqabbla ma' 3 265 fl-2007. Mill-ilmenti kollha pproċessati, 24% (802 ilmenti) instabu li kienu fil-mandat tal-Ombudsman Ewropew, filwaqt li 9% taw bidu għal investigazzjoni. Fi kważi 80% tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lill-ilmentatur billi stħarreġ il-każ, irrefera l-ilment lill-korp kompetenti, jew billi ta parir dwar fejn wiehied għandu jirrikorri għal soluzzjoni immedjata u effikaċi għall-problema.

Fl-2008, il-kont ewlieni tal-posta elettronika tal-Ombudsman intuża biex iwieġeb għal total ta' aktar minn 4 300 e-mail għal talbiet ta' informazzjoni. Madwar 3 300 kienu talbiet individwali għal informazzjoni, filwaqt li madwar 1 000 kienu relatati ma' e-mails tal-massa. B'kolloxx, għalhekk, l-Ombudsman indirizza 'l fuq minn 7 700 ilment u talba għal informazzjoni minn ċittadini matul is-sena inkwistjoni.

Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa

Fl-2008, fuq il-bażi tal-ilmenti, infetħu total ta' 293 investigazzjoni ġdida. Minn dawn, 26% ġew sottomessi minn kumpaniji u assoċjazzjonijiet, filwaqt li 74% ġew sottomessi minn ċittadini individwali.

L-Ombudsman ta bidu wkoll għal tliet investigazzjonijiet fuq inizzjattiva personali. Tnejn minn dawn kienu jikkonċernaw każijiet li kienu sottomessi minn persuna mhux awtorizzata (jiġifieri, ilmentatur li mhuwiex ċittadin jew resident tal-Unjoni jew persuna legali b'uffiċċju li mhuwiex reġistrat fi Stat Membru). It-tielet kien jinvolvi l-użu tas-setgħa tal-inizzjattiva personali tal-Ombudsman biex jittratta dik li dehret li kienet problema sistematika li tirrigwarda s-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-Kummissjoni Ewropea (OI/3/2008/FOR).

Kif ikun il-każ kull sena, il-parti l-kbira tal-investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman fl-2008 kienu jirrigwardaw lill-Kummissjoni (195 investigazzjoni jew 66% tat-total). Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni Komunitarja ewlenija li tieħu deċiżjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa loġiku li tkun l-oġġett prinċipali tal-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 28 investigazzjoni (10%) li jirrigwardaw l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew, 20 (7%) li jirrigwardaw l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), 10 (3%) li jirrigwardaw il-Kunsill tal-UE, u 7 (2%) li jirrigwardaw l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Għoxrin istituzzjoni u korp ieħor tal-UE kienu s-suġġett ta' 37 investigazzjoni oħra.

It-tipi ewlenin ta' amministrazzjoni ħażina allegati fl-investigazzjonijiet li nfetħu fl-2008 kienu nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut tal-informazzjoni (107 każijiet jew 36% tat-total), nuqqas ta' ġustizzja jew abbuż tal-poter (59 każ, 20%), proċeduri mhux sodisfaċenti (27 każ, 9%), negliġenza (25 każ, 8%), dewmien li seta' ġie evitat (24 każ, 8%), żball legali (21 każ, 7%), diskriminazzjoni (14-il-każ, 5%), u n-nuqqas ta' assigurazzjoni tar-rispett tal-obbligi, jiġifieri, li l-Kummissjoni naqset li tiżvolġi l-irwol tagħha bħala "għassiesa tat-Trattat" vis-à-vis l-Istati Membri (14-il-każ, 5%).

L-Ombudsman għalaq 355 investigazzjoni fl-2008 (meta mqabbel ma' 348 fl-2007). Minn dawn, 352 kienu relatati ma' ilmenti u tlieta kienu fuq inizzjattiva personali. Il-parti l-kbira tal-investigazzjonijiet ingħalqu f'sena (52%). Aktar minn terzi (36%) ingħalqu fi żmien tliet xhur. Il-każijiet ħadu medja ta' 13-il xahar biex jingħalqu.

1. Minn din is-sena, ir-Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew qed juża l-kategorija statistika "ilmenti rreġistrati" minflok "ilmenti riċevuti", biex jiddistingwi bejn ilmenti li fil-fatt jiġu rreġistrati matul sena kalendarja speċifika u dawk li jaslu fl-istess żmien iżda jiġu rreġistrati fis-sena ta' wara.

2. Il-kategorija statistika "ipproċessati" tfisser jekk tkunx saret l-analiżi mfassla biex tiddetermina jekk l-ilment (i) jaqax fil-mandat tal-Ombudsman, (ii) jissodisfax il-kriterji ta' ammissibilità, u (iii) jipprovdix raġunijiet biex tinfetħu investigazzjoni. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex dan isir, l-għadd ta' ilmenti "ipproċessati" f'sena speċifika huwa differenti mill-għadd ta' ilmenti "irreġistrati" fl-istess sena.

Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li kontriha jsir l-ilment. Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità hija essenzjali għas-suċċess ta' eżiti simili, li jgħinu biex itejbu relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u tista' tevita l-bżonn ta' kawża li tiegħu ż-żmien u li tiswa l-flus. Riżultat pożittiv kien miksub malajr għall-ilmentatur f'129 każ magħluq fl-2008 (36% tat-total). Dawn il-każijiet jew kienu solvuti mill-istituzzjoni jew intlaħaq ftehim fuq soluzzjoni bonarja (dan jittqabbel ma' 134 każ fl-2007, li dan stess kien id-doppju tan-numru ta' każijiet bħal dawn fl-2006).

F'31% tal-każijiet (110), ma nstabex l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dan ma jfissirx bilfors riżultat negattiv għall-ilmentatur, għax għallinqas jibbenefika milli jirċievi spjegazzjoni sħiħa mill-istituz-

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li kontriha jsir l-ilment.

zjoni jew korp ikkonċernat ta' dak li għamel, kif ukoll l-opinjoni tal-Ombudsman dwar il-każ.

L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina fi 15% tal-każijiet (53), iżda madankollu kien kapaċi jikseb riżultat pożittiv għall-ilmentatur fi tmienja minn dawn il-każijiet permezz tal-aċċettazzjoni tal-abbozz tar-rakkomandazzjoni li hu għamel lill-istituzzjoni kkonċernata. F'każ wieħed fejn il-Kummissjoni naqset li taċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni li tirrigwarda diskriminazzjoni minħabba l-età (185/2005/ELB), l-Ombudsman issottometta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Dan huwa l-arma aħħarija tal-Ombudsman u huwa l-aħħar pass sostantiv li jieħu meta jkun qed jittratta każ. F'44 każ, l-investigazzjoni ingħalqet b'rimarka kritika lill-istituzzjoni jew korp ikkonċernat. Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha kien iġġustifikat u jindika lill-istituzzjoni jew lill-korp ikkonċernat x'għamel/għamlet ħażin, sabiex fil-futur jevitaw milli jerġgħu jwettqu l-amministrazzjoni ħażina.

Huwa bl-istess ħsieb li titjeb il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-futur li l-Ombudsman għamel użu akbar mir-rimarki ulterjuri, meta jidentifika opportunità biex itejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni. L-Ombudsman għamel rimarki ulterjuri f'total ta' 41 każ fl-2008.

Huwa importanti għall-istituzzjonijiet u l-korpi li jsegwu rimarki kritiċi u ulterjuri mill-Ombudsman u li jieħdu azzjoni biex isolvu problemi pendenti. B'dan il-ħsieb, fl-2008, l-Ombudsman ippub-

Huwa importanti għall-istituzzjonijiet u l-korpi li jsegwu rimarki kritiċi u ulterjuri mill-Ombudsman u li jieħdu azzjoni biex isolvu problemi pendenti.

blika fuq il-websajt tiegħu, żewġ studji tas-segwitu mwettqa mill-istituzzjonijiet involuti għar-rimarki kritiċi u r-rimarki ulterjuri li nħarġu fl-2006 u fl-2007. L-Ombudsman qed jikkunsidra li jinforma lill-pubbliku fuq bażi annwali dwar is-sejbiet tiegħu dwar is-segwitu tal-istituzzjonijiet għar-rimarki kritiċi u ulterjuri.

Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prassi [→→→]

Tmien każijiet magħluqa fl-2008 jikkostitwixxu eżempji li jispjegaw sew l-aħjar prassi. Dawn iservu bħala mudell għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha Ewropej, fir-rigward ta' kif jirreaġixxu bl-aħjar mod għal kwistjonijiet li jqajjem l-Ombudsman.

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qabel li jiżvela lill-kandidati, fuq talba tagħhom, il-kriterji ta' evalwazzjoni użati fil-proċeduri ta' għażla, kif ukoll it-tqassim tal-marki individwali. Dan segwa investigazzjoni fuq inizzjattiva personali mill-Ombudsman, li faħħar lill-EPSO talli adotta approċċ daqshekk trasparenti (OI/5/2005/PB). **L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)** irreaġixxa b'mod kostruttiv għal talba għall-aċċess ta' dokumenti. Bil-ħruġ ta' żewġ verżjonijiet tar-rapport rilevanti, wieħed bid-dejta personali tal-ilmentatur u l-ieħor mingħajr, huwa kkonforma mar-regoli tal-UE għall-aċċess għad-dokumenti, filwaqt li wera approċċ iċċentrat fuq iċ-ċittadin (754/2007/BU). F'każ ieħor li jikkonċerna l-aċċess għal dokumenti u informazzjoni, ċittadina Awstrijaka ilmentat mal-Ombudsman dwar informazzjoni mhux adegwata li rċeviet mir-Reġistru tal-**Qorti Ewropea tal-Ġustizzja**. Wara l-intervent tal-Ombudsman, ir-Reġistru baġhat ittra lill-ilmentatriċi b'informazzjoni aktar dettaljata u kkonferma lill-Ombudsman li kien inkluda dawn l-indikazzjonijiet addizzjonali fl-ittri standard għal każijiet simili (2448/2008/WP).

L-Ombudsman faħħar lill-**Kummissjoni** għall-approċċ kostruttiv f'żewġ każijiet kuntrattwali. F'każ li kien jikkonċerna tilwima dwar ħlas ma' kumpanija Taljana fuq proġett tal-UE biex

tipprovdi ilma għal persuni spostati fil-Liberja, il-Kummissjoni kienet eżawrjenti u kostruttiva matul il-proċedura kollha, saħansitra sal-punt li aċċettat ħlasijiet addizzjonali rilevanti identifikati mis-servizzi tagħha stess u mill-ilmentatur. B'riżultat ta' dan, il-kumpanija Taljana rċeviet aktar minn EUR 100 000 (**3490/2005/(ID)PB**). F'każ li kien jikkonċerna istitut Awstrijakk involut f'kuntratt ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tal-inġinerija kimika, il-Kummissjoni qablet li tħallas EUR 54 000. Dan seħħ wara t-talba tal-Ombudsman biex terġa' tikkunsidra r-rifjut tagħha li tħallas somma pendenti minħabba li ma kinitx irċeviet id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż finali fil-ħin (**3784/2006/FOR**). Fil-każ **2672/2008/VL**, l-Ombudsman uża proċedura ta' investigazzjoni simplifikata u kien inkoraġġut jinnota li l-Kummissjoni wieġbet b'mod pożittiv billi solviet, b'mod mgħaġġel u eżemplari, tilwima kontenzjuża bl-e-mail li tinvolvi riċerkatur akkademiku u uffiċjal tal-Kummissjoni.

Eżempji oħrajn tal-aħjar prassi jinkludu l-każ **1162/2007/FOR**, fejn il-Kunsill qabel li jagħmel pagament *ex gratia* ta' EUR 1 000 bħala rikonoxximent tal-inkonvenjenza u l-istress li soffra l-ilmentatur. Il-Kunsill fil-bidu kien offra lill-ilmentatur kuntratt ta' sena u mbagħad bidel il-kundizzjonijiet meta huwa rrealizza li l-ilmentatur kien sejjer jagħlaq 65 sena matul dak il-perijodu. Fl-aħħar nett, għat-tielet sena konsekuttiva, ir-reazzjoni tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) għal ilment li tressaq għall-attenzjoni tagħha jixirqilha kull tiffir. Fil-każ **893/2006/BU**, l-EASA mhux biss skużat ruħha għall-iżball li kienet għamlet fil-proċedura ta' għażla, iżda wkoll qablet li tagħti lill-ilmentatur l-informazzjoni li talab u kkommettiet ruħha li jagħmel l-istess fi proċeduri futuri.

Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa

Id-deċiżjonijiet li jagħluq l-każijiet normalment jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk din tkun differenti, fil-lingwa tal-ilmentatur.

Id-deċiżjonijiet li jagħluq l-każijiet normalment jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk din tkun differenti, fil-lingwa tal-ilmentatur.

Matul l-2008, l-Ombudsman adotta format ġdid u struttura ġdida għad-deċiżjonijiet tiegħu, li, filwaqt li żammew il-fatti u l-analiżi essenzjali, iqassru t-test, jagħmluh aktar faċli biex jinqara, u għalhekk aktar aċċessibbli.

Numru ta' każijiet jinsabu disponibbli fuq il-websajt tal-Ombudsman f'forma qasira fit-23 lingwa uffiċjali tal-UE. Dawn is-sommarji jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet u korpi Komunitarji koperti mit-355 deċiżjoni li għalqu każijiet fl-2008, kif ukoll ir-raġunijiet differenti għall-għeluq tal-każijiet.

It-Taqsima 3.5 ta' dan ir-Rapport tanalizza l-aktar sejbiet sinifikanti tal-liġi u tal-fatti fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2008. Hija organizzata f'termini ta' klassifikazzjoni tematika tas-suġġett ewlieni tal-investigazzjonijiet, mibnija madwar seba' kategoriji prinċipali³:

- Trasparenza, aċċess pubbliku u dejta personali;
- Il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat;
- Is-sejħiet għall-offerti u l-għotjiet;
- Attwazzjoni ta' kuntratti;
- Amministrazzjoni u regolamenti tal-persunal;
- Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla;
- Kwistjonijiet istituzzjonali, politiċi u oħrajn.

L-ewwel Taqsima tal-analiżi tematika tagħti ħarsa lejn id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2008 dwar ilmenti li jikkonċernaw (i) l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti, (ii) l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni u (iii) l-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tas-suġġetti tad-dejta li jkollhom aċċess għad-dejta tagħhom. Il-kwistjonijiet eżaminati jvarjaw minn dewmien fl-għoti tal-aċċess għad-dokumenti għal interpretazzjonijiet diverġenti tal-eċċezzjonijiet ipprovduti bir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti⁴. Saret analiżi wkoll tal-każijiet li fihom l-Ombud-

3. Fuq il-bażi tal-investigazzjonijiet miftuħa fl-2008, it-tqassim f'termini tas-suġġett ewlieni tal-investigazzjonijiet huwa kif ġej: trasparenza (26%), kwistjonijiet istituzzjonali u politiċi (17%), il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat (17%), kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla (14%), amministrazzjoni u regolamenti tal-persunal (10%), attwazzjoni ta' kuntratti (8%), sejħiet għall-offerti u għotjiet (8%).

4. Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

smen ikkonsulta mas-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-dejta fi kwistjonijiet ta' trasparenza.

It-tieni kategorija ta' każijiet tikkonċerna ilmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattat. L-Ombudsman jista' jittratta kemm l-aspetti proċedurali kif ukoll dawk sostantivi tat-trattament tal-Kummissjoni ta' dawn il-każijiet. Fir-rigward tal-aspetti sostantivi, l-analiżi tal-Ombudsman għandha l-għan li tivverifika jekk il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni humiex raġonevoli u jekk humiex argumentati sew u spjegati bir-reqqa lill-ilmentaturi. Fir-rigward tal-aspetti proċedurali, il-punt ewlieni ta' referenza fl-investigazzjonijiet tal-Ombudsman huwa l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward tal-ksur tal-liġi Komunitarja⁵. Fost l-allegazzjonijiet eżaminati b'relazzjoni ma' każijiet bħal dawn fl-2008 kien hemm dewmien, l-għoti ta' informazzjoni inadegwata lill-ilmentatur, u n-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-ilmenti.

It-tielet Taqsima tal-analiżi tematika tittratta ilmenti dwar l-għoti, jew in-nuqqas ta' għoti, ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet. L-investigazzjoni tal-Ombudsman f'każijiet bħal dawn hija limitata għall-ivverifikar dwar jekk ir-regoli li jirregolaw il-proċedura ġewx issodisfati, jekk il-fatti humiex korretti, u li ma sar l-ebda żball ovvju ta' evalwazzjoni jew użu ħażin tal-poter. Jista' wkoll jinvestiga jekk l-istituzzjonijiet ikkonformawx mad-dmirijiet tagħhom li jagħtu raġunijiet u jekk dawn humiex koerenti u raġonevoli. Fl-2008, l-Ombudsman eżamina kwistjonijiet ta' trattament mhux xieraq tal-proċeduri tas-sejħiet għal offerti, nuqqas ta' informazzjoni adegwata, u akkużi bla bażi.

Ir-raba' kategorija tħares lejn każijiet li fihom l-ilmentaturi jikkuntestaw in-nuqqas min-naħa tal-istituzzjonijiet li jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti. Fir-rigward ta' tilwim kuntrattwali, l-Ombudsman jikkunsidra ġġustifikat il-fatt li jillimita l-investigazzjoni tiegħu għal evalwazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni jew korp Komunitarju pprovdilux rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tiegħu u għaliex iħoss li l-opinjoni tiegħu dwar il-pożizzjoni kuntrattwali hija ġustifikata. Fl-2008, l-Ombudsman investiga kwistjonijiet ta' dewmien fil-ħlasijiet, trattament mhux ġust, u problemi relatati ma' subkuntratturi.

Il-ħames kategorija tħares lejn ilmenti li jikkonċernaw l-attivitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet, l-aktar, f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Persunal għall-uffiċjali u testi rilevanti oħrajn. In-natura ta' dawn il-każijiet tvarja b'mod konsiderevoli u jikkonċernaw kważi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha.

Is-sitt taqsima tal-analiżi tematika teżamina ilmenti relatati mal-kompetizzjonijiet miftuħa u proċeduri oħra tal-għażla. Il-parti l-kbira ta' dawn il-każijiet tikkonċerna l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), u jirrigwardaw in-nuqqas ta' trasparenza, problemi materjali li wieħed jiltaqa' magħhom b'konnessjoni mal-eżamijiet, u allegazzjonijiet ta' trattament inġust.

L-aħħar kategorija li jifdal tkopri firxa ta' ilmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet tagħhom ta' tfassil ta' politika jew l-operat ġenerali tagħhom.

■ Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet, ombudsmen, u partijiet interessati oħra

Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi tal-UE

Ir-relazzjonijiet kostruttivi mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE huma ta' importanza enormi għall-Ombudsman Ewropew minħabba li dawn jgħinu sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli għall-

Ir-relazzjonijiet kostruttivi mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE huma ta' importanza enormi għall-Ombudsman Ewropew minħabba li dawn jgħinu sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli għall-ilmentaturi.

ilmentaturi. Matul l-2008, l-Ombudsman kompli jiltaqa' b'mod regolari mal-Membri u l-uffiċjali tal-istituzzjonijiet biex jiddiskuti modi kif itejbu l-kwalità tal-amministrazzjoni tal-UE.

Ta' importanza partikolari fl-2008 kienu l-laqqgħat mar-rappreżentanti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

5. Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward tal-ksur tal-liġi Komunitarja, ĠU 2002 C 244, p. 5.

marbuta mar-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman. Wara opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni u l-qbil tal-Kunsill, il-Parlament adotta deċiżjoni⁶ li tirrevedi l-Istatut fit-18 ta' Ġunju. Ir-riforma tar-Regolament 1049/2001 għaddejja 'l ħin kollu dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti⁷ wkoll dehret fl-aġenda interistituzzjonali tal-Ombudsman fl-2008.

L-Ombudsman Ewropew jiltaqa' regolarment ma' Membri u uffiċjali tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet tal-UE. Is-Sur DIAMANDOUROS jidher fir-ritratt mas-Sur Hans-Gert PÖTTERING, President tal-Parlament Ewropew. Strasburg, 12 ta' Marzu 2008.



Avvenimenti importanti oħra fis-sena inkwistjoni jinkludu l-iffirmar ta' Memorandum ta' Fehim⁸ mal-President tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-qbil mill-Aġenziji kollha tal-Unjoni li jaċċettaw il-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba. L-Ombudsman iltaqa' wkoll b'mod regolari ma' rappreżentanti tal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal biex jgħin fil-promozzjoni tal-ogħla standards ta' servizz liċ-ċittadini fil-proċeduri tal-għażla.

L-Ombudsman kompla jilħaq istituzzjonijiet u korpi oħrajn fl-2008, permezz ta' laqgħat ma' rappreżentanti ewlenin tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, il-Qorti tal-Prim'Istanza, it-Tribunal tas-Servizz Ċivili, u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. L-Ombudsman ippreżenta x-xogħol tiegħu lil membri tan-Netwerk SOLVIT f'Novembru u ta deskrizzjoni ġenerali tar-relazzjonijiet mas-Sorveljatur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta waqt avveniment li kien qed ifakkar il-ħames sena ta' dik l-istituzzjoni f'Diċembru. Fl-aħħar nett, aktar kmieni fis-sena, l-Ombudsman iltaqa' mal-Presidenti tal-Kumitati tal-Persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jispjegalhom l-irwol tiegħu fit-titjib tal-kwalità tal-amministrazzjoni tal-UE.

Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili

Bosta ilmentaturi jfittxu l-għajjnuna tal-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. L-Ombudsman Ewropew jikkopera mill-qrib mal-

L-Ombudsman Ewropew jikkopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri sabiex jassigura li l-ilmenti kollha taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE jkunu investigati minnufih u b'mod effettiv.

kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri sabiex jassigura li l-ilmenti kollha taċ-ċittadini dwar il-liġi tal-UE jkunu investigati minnufih u b'mod effettiv. Din il-kooperazzjoni ħafna drabi ssir permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. In-Netwerk issa jinkludi kważi 90 uffiċċju f'31 pajjiż, li jkopru l-livelli nazzjonali u reġjonali

fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll il-livell nazzjonali fil-pajjiżi kandidati għad-dħul fl-UE flimkien man-Norveġja u l-Iżlanda. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew huwa wkoll membru sħiħ tan-Netwerk.

Wieħed mill-iskopijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment rapidu ta' ilmenti lill-ombudsman kompetenti jew korp simili. Matul l-2008, f'1 079 każ, l-ilment ġie riferut lil xi membru tan-

6. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2008/587 tat-18 ta' Ġunju 2008, li temenda d-Deċiżjoni 94/262 dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman, ĠU 2008 L 189, p. 25.

7. Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

8. Memorandum ta' Fehim bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Bank Ewropew għall-Investment rigward informazzjoni dwar il-politiki, l-istandards u l-proċeduri tal-Bank u t-trattament tal-ilmenti, inkluż ilmenti minn dawk li mhumiex ċittadini u residenti tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2008 C 244, p. 1.

Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jew l-ilmentatur ingħata parir li jikkuntattja lil xi membru tan-Netwerk.

It-Taqsima 4.2 ta' dan ir-Rapport tagħti dettalji dwar l-attivitajiet tan-Netwerk fl-2008, li l-punt ewlieni tagħhom kien is-Sitt Seminar ta' l-Ombudsmen Reġionali tal-Istati Membri tal-UE, li sar f'Berlin f'Novembru. Is-Seminar ġie organizzat b'mod konġunt mill-Ombudsman Ewropew u miċ-Chairman tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Reġionali ta' Berlin, is-Sur Ralf HILLENBERG. Madwar 90 persuna attendew is-Seminar li ffoka fuq ilmenti u petizzjonijiet minn persuni vulnerabbli. L-uffiċjali ta' kollegament fi ħdan in-Netwerk ukoll iltaqgħu fl-2008 fi Strasburgu.

Żjarat ta' informazzjoni koorganizzati mal-ombudsmen fl-Istati Membri u pajjiżi kandidati dehru li kienu effikaċi ħafna fl-iżvilupp tan-Netwerk. Matul l-2008, l-Ombudsman Ewropew żar il-kollegi ombudsman tiegħu f'Ċipru (Marzu), fil-Greċja (Mejju), fil-Latvja (Settembru) u fil-Litwanja (Ottubru).

L-Ombudsman Ewropew jikkopera mill-qrib mal-kontrapartijiet tiegħu fl-Istati Membri permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. L-uffiċjali ta' komunikazzjoni fl-uffiċji nazzjonali tal-ombudsmen joperaw bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għall-membri tan-Netwerk. Is-sitt seminar biennali tagħhom seħħ bejn l-1 u t-3 ta' Ġunju 2008 fi Strasburgu.



In-Netwerk iservi bħala mekkaniżmu utli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġi tal-UE u l-aħjar prassi permezz tas-seminars imsemmija qabel, Newsletter li toħroġ kull sentejn, diskussjoni elettronika u forum ta' skambju ta' dokumenti, u servizz elettroniku ta' aħbarijiet kuljum. Minbarra dawn l-iskambji ta' informazzjoni informali regolari fin-Netwerk, teżisti proċedura speċjali li permezz tagħha l-ombudsmen nazzjonali jew reġionali jistgħu jitolbu tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet dwar il-liġi tal-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inklużi mistoqsijiet li jitqajmu waqt it-trattament ta' każijiet speċifiċi. Matul l-2008, waslu tmien mistoqsijiet ġodda.

Relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħra

L-Ombudsman Ewropew huwa impenjat li jiżgura li kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha xi problema mal-istituzzjonijiet jew mal-korpi tal-UE tkun konxja mid-dritt li tilmenta

L-Ombudsman Ewropew huwa impenjat li jiżgura li kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha xi problema mal-istituzzjonijiet jew mal-korpi tal-UE tkun konxja mid-dritt li tilmenta miegħu dwar amministrazzjoni ħażina.

miegħu dwar amministrazzjoni ħażina. It-Taqsima 4.3 ta' dan ir-Rapport tagħti ħarsa ġenerali lejn in-numru kbir ta' modi li permezz tagħhom fl-2008 l-Ombudsman fittex li jqajjem għarfien dwar id-dritt tal-ilment. Saru madwar 135 preżentazzjoni mill-Ombudsman u l-persunal tiegħu lil gruppi interessati fil-ħidma tiegħu. L-attivitajiet ewlenin tal-midja tal-Ombudsman fl-2008

kienu jinkludu konferenzi stampa fi Brussell, Budapest u Strasburgu, kif ukoll f'Ateni, Nikosija, Riġa u Vilnius, bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni msemmija qabel. Matul is-sena, tqassmu sbatax-il stqarrija għall-istampa nħarġu u tqassmu lill-ġurnalisti u lill-partijiet interessati madwar l-Ewropa. Fost il-kwistjonijiet koperti kien hemm it-trasparenza fil-qasam tal-benefiċċji tal-MPE, ir-reviżjoni

tal-Istatut tal-Ombudsman u r-riforma tar-regolamenti tal-UE rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Ta' interess partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-pubblikazzjonijiet fl-2008 kien hemm gwida għida għall-ħidma tal-Ombudsman, ippubblikata fit-23 lingwa uffiċjali tal-UE. Il-websajt tal-Ombudsman ġiet aġġornata b'mod regolari b'deċiżjonijiet, stqarrijiet għall-istampa, u dettalji tal-attivitàjiet ta' komunikazzjoni tiegħu. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008, il-websajt irċeviet madwar 440 000 viżitatur individwali, bl-akbar numru ta' viżitaturi jiġi mir-Renju Unit, segwit mill-Ġermanja, Franza, Spanja u l-Italja.

L-Ombudsman Ewropew jagħmel żjarat regolari ta' informazzjoni fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi kandidati sabiex jiżviluppa r-relazzjonijiet mal-ombudsmen u sabiex iżid l-għarfien dwar xogħlu. Waqt iż-żjara tiegħu fil-Litwanja, li seħħet bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru 2008, is-Sur DIAMANDOUROS għamel lekċer pubblika għall-ħaddiema taċ-ċivil u l-istudenti universitarji u ltaqa' mar-rappreżentanti tal-komunità kummerċjali tal-Litwanja, kif ukoll mal-NGOs. Il-parteeċipanti fil-laqqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Avukati tal-Litwanja, il-Kmamar tal-Kummerċ, l-Industrija u s-Snajja', kif ukoll il-Konfederazzjoni Kummerċjali ta' Min lħaddem jidhru fir-ritratt.



■ Riżorsi

It-Taqsima 5.1 ta' dan ir-Rapport tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-istruttura tal-uffiċċju tal-Ombudsman u tipprovdi xi tagħrif bijografiku dwar l-Ombudsman u l-persunal manijerjali tiegħu.

Fl-2008 twettaq programm ambizzjuż ta' ristrutturar intern fl-uffiċċju tal-Ombudsman.

Fl-2008 twettaq programm ambizzjuż ta' ristrutturar intern fl-uffiċċju tal-Ombudsman. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju u kien jinvolvi l-ħolqien ta' erba' Unitajiet fi ħdan kull wieħed mid-Dipartimenti eżistenti: id-Dipartiment Legali u d-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi. Dan ir-ristrutturar jimmira li jistabbilixxi struttura manijerjali li fiha, iż-żewġ Kapijiet tad-Dipartimenti tal-uffiċċju, li jikkorrispondu mad-diretturi u li jirrapportaw lis-Segretarju Ġenerali, kull wieħed minnhom ikun megħjun minn erba' Kapijiet ta' Unitajiet b'aktar prerogattivi manijerjali.

It-Taqsima 5.1 tinkludi wkoll tagħrif dwar l-irtiri u l-laqqgħat tal-persunal tal-Ombudsman. L-irtiri tal-persunal jiffurmaw parti integrali tal-ippjanar strateġiku tal-Ombudsman l-aktar billi jipprovdu gwida utli għat-tfassil tal-politika u għat-tnejjja tal-Pjan ta' Ġestjoni Annwali (AMP). Jiffurmaw parti minn ċiklu annwali ta' avvenimenti li jipprovdu opportunità lill-persunal u lill-apprendisti li jiskambjaw opinjonijiet dwar temi marbuta direttament max-xogħol tal-Ombudsman. L-istituzzjoni organizzata it-tieni rtir tagħha bejn is-27 u d-29 ta' Frar 2008. L-informazzjoni immedjata li waslet lura mill-persunal tissuġġerixxi b'mod ċar li t-tieni rtir kien meqjus bħala esperjenza pożittiva ħafna, u t-tieni u s-suġġetti diskussi kienu kkunsidrati ta' rilevanza kbira.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Ombudsman wera total ta' 57 kariga fl-2008, l-istess bħall-2006 u l-2007. L-approprijazzjonijiet ibbaġittjati fl-2008 ammontaw għal EUR 8 505 770.

Il-mandat u l-proċeduri tal-Ombudsman

DAN IL-KAPITOLU fih spjegazzjoni dettaljata tal-irwol tal-Ombudsman Ewropew, u jkopri l-bażi legali tal-ħidma tiegħu, deskrezzjoni tal-mandat tiegħu, u nformazzjoni rigward l-ammissibilità u r-raġunijiet għall-ftuħ tal-investigazzjonijiet. Jinkludi eżempji ta' każijiet trattati fl-2008 biex jispjegaw dawn l-elementi u jagħmel enfasi fuq żviluppi speċifiċi, bħar-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman. Il-Kapitolu jintemm b'ħarsa ġenerali lejn il-proċeduri tal-Ombudsman li permezz tagħhom jittratta l-ilmenti u jmessi l-investigazzjonijiet, inkluż l-użu akbar ta' proċeduri informali mmirati sabiex isolvu l-ilmenti fil-pront.

2.1 Id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew

Id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 21 tat-Trattat tal-KE) u huwa inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali

Id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea.

tal-Unjoni Ewropea¹ (Artikolu 43). Każijiet possibbli ta' amministrazzjoni ħażina jiġbdu l-attenzjoni tal-Ombudsman l-aktar permezz tal-ilmenti, li t-trattament tagħhom jirrappreżenta

l-aktar aspekk importanti tal-irwol reattiv tal-Ombudsman. L-Ombudsman imexxi wkoll investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali, u permezz ta' hekk jassumi rwol proattiv fil-ġlieda kontra l-amministrazzjoni ħażina (ara t-Taqsima li jmiss).

2.2 Il-bażi legali tal-ħidma tal-Ombudsman

Il-ħidma tal-Ombudsman hija regolata mill-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, mill-Istatut tal-Ombudsman u mid-dispożizzjonijiet implimentattivi adottati mill-Ombudsman skont l-Artikolu 14 tal-Istatut.

Reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman

Il-Parlament Ewropew adotta l-Istatut fl-1994². Wara reviżjoni attenta, fl-2006 l-Ombudsman ikkonkluda li l-Istatut qed ikompli jipprovdi qafas tajjeb għall-attivitàjiet tiegħu, iżda li ċerti bidliet limitati jistgħu jtejbju l-kapaċità tiegħu li jaħdem b'mod aktar effettiv għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej. F'Ġunju tal-2008, wara rapport mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (rapporteur is-Sinjorina Anneli JÄÄTTEENMÄKI MPE), il-Parlament Ewropew adotta deċiżjoni³ li tirrevedi l-Istatut, b'effett mill-31 ta' Lulju 2008.

L-aktar żewġ bidliet importanti jsaħħu s-setgħat ta' investigazzjoni tal-Ombudsman. L-ewwel, l-Ombudsman issa għandu aċċess sħiħ waqt l-investigazzjonijiet tiegħu għal dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Dawn ma jistgħux jirrifjutaw aktar

1. Il-Karta kienet oriġinarjament ipproklamata f'Diċembru 2000 u mbagħad reġgħet ġiet iffirmata u pproklamata fit-12 ta' Diċembru 2007 qabel l-iffirmar tat-Trattat ta' Liżbona fit-13 ta' Diċembru 2007, ĠU 2007 C 303, p. 1.

2. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweqqif ta' l-obbligi ta' l-Ombudsman, ĠU 1994 L 113, p. 15.

3. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2008/587 tat-18 ta' Ġunju 2008, li temenda d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman, ĠU 2008 L 189, p. 25.

milli jikxfu dokumenti għal “raġunijiet ta’ segretezza sostanzjali kif xieraq”. It-tieni, uffiċjali tal-UE li jagħtu xhieda lill-Ombudsman m’għadhomx meħtieġa li jikkellmu “fl-isem u skont l-istruzzjonijiet tal-amministrazzjonijiet tagħhom”. Id-dispożizzjonijiet għall-Ombudsman li jżomm il-kunfidenzjalità tad-dokumenti u tal-informazzjoni huma wkoll iċċarati u msaħħa. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 5 tal-Istatut jipprovdri bażi għall-Ombudsman li jikkoopera ma’ istituzzjonijiet u korpi tal-Istati Membri li għandhom ir-responsabbiltà tal-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Fit-3 ta’ Diċembru 2008, l-Ombudsman irreveđa d-dispożizzjonijiet implimentattivi sabiex jirriflettu l-bidliet fl-Istatut u sabiex jikkunsidraw l-esperjenza miksuba sa mill-2004 meta tbiddlu l-aħħar id-dispożizzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet implimentattivi daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2009. Huma ntiżi sabiex iżommu u jsaħħu l-fiduċja kemm tal-ilmentaturi kif ukoll tal-istituzzjonijiet fl-investigazzjonijiet tal-Ombudsman. B’mod partikolari:

— **l-ilmentatur** jista’ jkun fiduċjuż li: (i) hu jew hi tista’ tara l-materjal kollu li l-istituzzjoni kkonċernata tagħżel li tibgħat lill-Ombudsman bħala parti mill-opinjoni tagħha dwar l-ilment, jew bħala tweġiba għal investigazzjonijiet ulterjuri u (ii) l-Ombudsman għandu aċċess sħiħ għall-informazzjoni u d-dokumenti li hu jikkunsidra rilevanti għall-investigazzjoni;

— **l-istituzzjonijiet** jistgħu jkunu fiduċjużi li, meta l-Ombudsman jitlob dokumenti jew informazzjoni ulterjuri għal dawk ipprovduti fl-opinjoni u fit-tweġibiet għal investigazzjonijiet ulterjuri tal-istituzzjoni, jew meta jispezzjona l-fajl, la l-pubbliku u lanqas l-ilmentatur mhuwa ser ikollu aċċess għal kwalunkwe informazzjoni jew dokumenti li l-istituzzjoni tidentifika bħala kunfidenzjali. ■

L-Istatut tal-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet implimentattivi huma disponibbli fuq il-websajt tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>). Id-dispożizzjonijiet implimentattivi huma disponibbli wkoll f’kopji stampati mill-Uffiċċju tal-Ombudsman.

■ Ilmenti u investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali

L-Artikolu 195 tal-KE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman li jirċievi ilmenti minn kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni jew minn kwalunkwe persuna naturali jew legali li tgħix jew li għandha l-uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru. L-Ombudsman għandu wkoll is-setgħa li jiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali. Bl-użu tas-setgħa, tal-inizjattiva personali, l-Ombudsman jista’ jinvestiga każ ta’ possibbiltà ta’ amministrazzjoni ħażina li jkun inġieb għall-attenzjoni tiegħu minn persuna li ma tkunx intitolata biex tressaq ilment. Il-prattika tal-Ombudsman f’każijiet bħal dawn hija li jagħti lill-persuna kkonċernata l-istess opportunitajiet proċedurali matul l-investigazzjoni daqs li kieku l-każ kien indirizzat bħala ilment. Normalment, l-Ombudsman jindirizza l-kwistjoni ta’ jekk għandux juża s-setgħa ta’ inizjattiva personali b’dan il-mod fuq bażi ta’ każ b’każ. Fl-2008 nfetħu żewġ investigazzjonijiet ta’ din ix-xorta fuq inizjattiva personali.

Memorandum ta’ Fehim mal-Bank Ewropew għall-Investment (BEI)

Fir-Rapport Annwali għall-2006, l-Ombudsman qal li, minħabba limitazzjonijiet possibbli tar-riżorsi fil-ġejjieni, huwa ppreveda li l-użu tas-setgħa ta’ inizjattiva personali għandha tkun riservata biss għal meta l-unika raġuni biex ma jinvestigax allegat każ ta’ amministrazzjoni ħażina mill-BEI fl-attivitajiet tiegħu ta’ self barra l-UE (self estern) tkun dik meta l-ilmentatur ma jkunx ċittadin jew residenti tal-Unjoni. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’

Ottubru 2007, il-Parlament Ewropew laqa' b'merħba d-dikjarazzjoni ta' l-Ombudsman u stiednu sabiex jikkunsidra li jikkonkludi Memorandum ta' Fehim (MoU) mal-BEI. F'Diċembru 2007, l-Ombudsman kiteb lill-President tal-BEI għal diskussjonijiet dwar l-abbozzar ta' Memorandum ta' Fehim. Il-MoU⁴ ġie ffirmat mill-Ombudsman u mill-President tal-BEI fid-9 ta' Lulju 2008. L-iskop tal-ftehim huwa li titjieb il-protezzjoni tal-partijiet interessati minn kwalunkwe amministrazzjoni ħażina possibbli fir-rigward tal-attivitàjiet tal-BEI. Huwa jipprevedi li l-protezzjoni tal-parti interessata tkun estiża għal dawk li mhumix residenti tal-UE jew li m'għandhomx uffiċċju rreġistrat fl-UE (ara aktar l-isfel fit-Taqsima 4.1). ■

L-Ombudsman jista' wkoll juża s-setgħa ta' inizjattiva personali biex jittratta dik li tidher li hija problema sistematika fl-istituzzjonijiet. Huwa għamel dan f'okkażjoni waħda fl-2008:

Investigazzjoni fuq inizjattiva personali dwar is-Sistema ta' Twissija Bikrija

L-Ombudsman fetaħ investigazzjoni fuq inizjattiva personali dwar is-“Sistema ta' Twissija Bikrija” (Ews) tal-Kummissjoni Ewropea. Din is-sistema kompjuterizzata ta' informazzjoni telenka kumpaniji, NGOs, assoċjazzjonijiet u partijiet oħra li, skond il-Kummissjoni, huma maħsuba li jirrappreżentaw theddida għall-interessi finanzjarji tal-UE. Filwaqt li l-Ombudsman jifhem li huwa mportanti ħafna li l-Kummissjoni għandha tagħmel kull sforz biex tħares l-interessi finanzjarji tal-UE, huwa jinsisti li partijiet konċernati għandhom ikunu ttrattati b'mod ġust u bir-rispett dovut għall-prinċipju legali fundamentali tal-preżunzjoni ta' innoċenza.

L-Ombudsman għalhekk talab lill-Kummissjoni biex tipprovdi dettalji dwar l-għadd ta' partijiet interessati inklużi fl-Ews, kif ukoll dwar il-bażi legali għall-kategoriji varji ta' twissija tal-Ews. Talab ukoll lill-Kummissjoni biex tiċċara l-politika ta' informazzjoni tagħha rigward partijiet ikkonċernati u biex tispjega l-mekkaniżmi ta' appelli disponibbli kontra inklużjoni fil-lista tal-Ews.

OI/3/2008/FOR ■

L-investigazzjoni fuq inizjattiva personali li ġejja ngħalqet fl-2008:

Investigazzjoni fuq inizjattiva personali dwar il-prontezza fil-ħlasijiet mill-Kummissjoni

F'Diċembru 2007, l-Ombudsman ta bidu għall-ewwel darba għat-tieni investigazzjoni dwar il-prontezza fil-ħlasijiet mill-Kummissjoni. Din uriet li l-kwistjoni tad-dewmien fil-ħlasijiet għadha problema serja. Filwaqt li l-Ombudsman faħħar lill-Kummissjoni għall-miżuri li diġà ħadet biex tnaqqas id-dewmien fil-ħlasijiet, talabha tagħmel titjib ulterjuri, b'mod speċjali f'dak li jirrigwarda kuntratturi aktar vulnerabbli, bħalma huma ċittadini individwali u kumpaniji u organizzazzjonijiet żgħira u ta' daqs medju. L-Ombudsman ħabbar li sejjer iwettaq investigazzjoni ġdida kmieni fis-sena 2009.

OI/5/2007/GG ■

4. Memorandum ta' Fehim bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Bank Ewropew għall-Investment li jirrigwarda l-informazzjoni dwar il-polititki, l-istandards u l-proċeduri tal-Bank u t-trattamenti tal-ilmenti, inklużi ilmenti mingħand dawk li mhumix ċittadini u residenti tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2008 C 244, p. 1.

2.3 Il-mandat tal-Ombudsman

L-Artikolu 195 tal-KE jawtorizza lill-Ombudsman biex jirċievi ilmenti fir-rigward ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-irwol ġudizzjarju tagħhom. Għaldaqstant, ilment ma jaqax taħt il-mandat jekk:

- (i) ma jkunx kontra korp jew istituzzjoni tal-Komunità;
 - (ii) ikun kontra l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti tal-Prim'Istanza fl-irwol ġudizzjarju tagħhom; jew
 - (iii) ma jkunx jikkonċerna possibbiltà ta' każ ta' amministrazzjoni ħażina.
- Kull waħda minn dawn hija diskussa iżjed 'l isfel.

■ L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità

Il-mandat tal-Ombudsman Ewropew ikopri l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità. L-istituzzjonijiet huma elenkati fl-Artikolu 7 tat-Trattat iżda ma hemm ebda definizzjoni jew lista awtoritativa tal-korpi Komunitarji. Dan it-terminu jinkludi l-korpi stabbliti mit-Trattati, bħal ma huma l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll il-korpi mwaqqfa mil-leġiżlazzjoni skont it-Trattati, inklużi aġenziji bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-

L-ilmenti kontra l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew, anki jekk ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet fi ħdan l-iskop tal-liġi tal-UE.

Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX). L-ilmenti kontra l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew, anki jekk ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet fi ħdan l-iskop tal-liġi tal-UE. Ħafna minn dawn l-ilmenti jaqgħu taħt il-mandat tal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen (ara iżjed 'l isfel fit-Taqsima 3.6).

Ilmenti li ma kinux kontra istituzzjoni jew korp tal-Komunità

Ċittadin Olandiż ilmenta li kellu jħallas somma ta' EUR 14-il fix-xahar biex jittrasferixxi flus permezz tal-internet banking mill-kont bankarju Franċiż tiegħu għall-kont bankarju Olandiż tiegħu. Minħabba li l-ilment kien kontra bank Franċiż, dan kien barra l-mandat tal-Ombudsman Ewropew.

L-Ombudsman informa lill-ilmentatur dwar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001, li jimmira li jneħħi d-differenzi fil-prezzijiet bejn pagamenti transkonfinali u nazzjonali. L-Ombudsman ipprova wkoll il-link għall-websajt tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-suġġett. Fl-aħħar nett, huwa għarraf lill-ilmentatur li, minħabba li l-każ jista' jinvolti ksur tal-liġi Komunitarja, l-ilmentatur jista' jikkunsidra li jikkuntattja lill-Kummissjoni b'mod dirett.

Każ kunfidenzjalil ■

Ilmentatur irrikorra għall-ġhajna tal-Ombudsman Ewropew rigward problemi li kien iltaq' magħhom fid-drittijiet tal-pensjoni tiegħu fil-Liechtenstein. Dawn il-problemi kien relatati mal-fatt li, għalkemm kien hađem fil-Liechtenstein, huwa kien qed joqgħod l-Awstrija. Huwa allega li l-gvern tal-Liechtenstein kien qiegħed jikser il-liġi Komunitarja dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali lil persuni impjegati u lill-familji tagħhom li jkunu qed jiċċaqilqu minn pajjiż għal ieħor fil-Komunità.

Minħabba li l-ilment ma kienx jikkonċerna istituzzjoni jew korp tal-Komunità, l-Ombudsman ma kienx awtorizzat jitrattah. L-ilmentatur ingħata parir li jissottometti ilment lill-Awtorità tas-Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

505/2008/TJ ■

Ilmentatur ikkuntattja lill-Ombudsman, bl-argument li s-sessjonijiet plenarji tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu huma ħela ta' flus u għaldaqstant għandhom jitwaqqfu. L-Ombudsman spjega li d-deċiżjoni rigward fejn isiru s-sessjonijiet plenarji tittieħed b'mod esklussiv mill-Istati Membri. Huwa nnota li kien hemm il-possibbiltà li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew jista' jitratta l-motiv tal-ilment ta' din il-persuna.

2759/2008/DH ■

■ Il-qradi fl-irwol ġudizzjarju tagħhom

L-Ombudsman ma jistax jinvestiga ilmenti kontra l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti tal-Prim'Istanza fl-irwol ġudizzjarju tagħhom. Il-każ li ġej jgħin biex jispjega dan il-punt.

Ilment kontra l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠKE) fl-irwol ġudizzjarju tagħha

Ċittadin Ġermaniż ilmenta mal-Ombudsman, b'referenza għal sentenza tal-QĠKE rigward l-annullament tal-"benefiċċju tas-sidien ta' darhom" (*Eigenheimzulage*) fil-Ġermanja. IL-QĠKE kienet iddeċidiet li l-Ġermanja kienet qed tikser il-liġi Komunitarja billi teskludi l-possibbiltà li dan il-benefiċċju jingħata wkoll lil persuni soġġetti għal tassazzjoni sħiħa fil-Ġermanja iżda li joqogħdu fi Stat Membri ieħor. L-ilmentatur ikkontesta l-mod kif din is-sentenza kienet qed tiġi implimentata fil-Ġermanja.

L-ilmentatur deher li kien qed jiddikjara li kien il-kompitu tal-QĠKE li jinkludi miżuri implimentattivi fis-sentenzi tiegħu. L-ilment għalhekk kien jikkonċerna l-attività ġudizzjarja tal-QĠKE u ma kienx jaqa' taħt il-mandat tal-Ombudsman.

L-ilmentatur kien infurmat li seta' jfittex l-għajjnuna tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Federali Ġermaniż (*Bundestag*) jew iressaq ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea (li kienet ressqet l-azzjoni kontra l-Ġermanja quddiem il-QĠKE).

376/2008/CD ■

■ Amministrazzjoni ħażina

L-Ombudsman Ewropew konsistentament adotta l-pożizzjoni li amministrazzjoni ħażina hija kunċett wiesa' u l-amministrazzjoni tajba teħtieġ, fost affarijiet oħra, il-konformità mar-regoli u

Amministrazzjoni ħażina ssejh meta korp pubbliku ma jaġixxix skont regola jew prinċipju vinkolattiv/a.

l-prinċipji legali, inklużi d-drittijiet fundamentali. Madankollu, il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jmorru lil hinn minn hekk, billi jesigū mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Komunità mhux

biss li jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom, iżda wkoll li jkunu orjentati lejn is-servizz u jassiguraw li l-membri tal-pubbliku jkunu ttrattati sewwa u jgawdu mid-drittijiet tagħhom b'mod sħiħ. Għalhekk, waqt li l-illegalità neċessarjament timplika amministrazzjoni ħażina, l-amministrazzjoni ħażina mhux bilfors tkun tinvolvi illegalità. Għaldaqstant, is-sejbiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-Ombudsman mhux bilfors jimplikaw li hemm imġiba illegali li tista' tiġi sanzjonata mill-qorti⁵.

B'reazzjoni għal talba mill-Parlament Ewropew għal definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman offra d-definizzjoni li ġejja fir-*Rapport Annwali tiegħu tal-1997*:

"Amministrazzjoni ħażina ssejh meta korp pubbliku ma jaġixxix skont regola jew prinċipju vinkolattiv/a".

Fl-1998, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li tilqa' b'merħba din id-definizzjoni. Skambju ta' korrispondenza bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni matul l-1999 għamilha ċara li l-Kummissjoni qablet ukoll fuq din id-definizzjoni.

5. Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Ottubru 2004 fil-każijiet konġunti T-219/02 u T-337/02, *Herrera vs Il-Kummissjoni*, paragrafu 101, u tal-4 ta' Ottubru 2006 fil-Każ T-193/04 R, *Hans-Martin Tillack vs Il-Kummissjoni*, paragrafu 128.

Hemm limiti għall-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina. Pereżempju, l-Ombudsman dejjem ikkunsidra li l-ħidma politika tal-Parlament Ewropew ma tqajjimx kwistjonijiet ta' possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina. Għaldaqstant, l-ilmenti kontra d-deċiżjonijiet tal-Kumitati tal-Parlament jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman.

Ilmenti kontra l-ħidma politika tal-Parlament Ewropew

Fl-2008, żewġ Membri tal-Parlament Ewropew ilmentaw separatament mal-Ombudsman rigward penali imposti fuqhom wara protesti li seħħew fil-plenarja waqt is-sessjoni parzjali tal-Parlament Ewropew ta' Diċembru 2007. L-ilmentaturi kkontestaw:

- (i) il-proċeduri stabbiliti fir-Regoli 147 (penali) u 148 (proċeduri ta' appelli nterni) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament;
- (ii) l-applikazzjoni tar-Regola 147 għall-avvenimenti li taw lok għal dawn il-penali. Skont l-ilmentaturi, dawn l-avvenimenti ma kinux skont ir-Regola 147. Huma kkritikaw ukoll l-imġiba tal-President tal-Parlament waqt is-sessjoni plenarja inkwistjoni;
- (iii) il-validità tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Bureau tal-Parlament fuq l-appelli kontra d-deċiżjoni tal-President li jimponi penali.

L-Ombudsman ikkunsidra li l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-andament tas-sessjonijiet plenarji huma parti mill-ħidma politika tal-Parlament. Barra minn hekk, filwaqt li ċerti tipi ta' deċiżjonijiet mill-Bureau huma ta' natura amministrattiva, il-Bureau jaġixxi bħala korp politiku tal-Parlament meta jisma' appell kontra deċiżjoni tal-President li jimponi penali. Għalhekk, l-ilmenti ma qajmux kwistjoni ta' amministrazzjoni ħażina li setgħet tiġi trattata mill-Ombudsman.

1156/2008/CHM u 1176/2008/WP ■

L-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali taċ-ċittadinanza tal-Unjoni (Artikolu 41). Huwa importanti li wieħed jirrikonoxxi li kultura

Huwa importanti li wieħed jirrikonoxxi li kultura ta' servizz liċ-ċittadini tiffirma parti integrali minn amministrazzjoni tajba.

ta' servizz liċ-ċittadini tiffirma parti integrali minn amministrazzjoni tajba. M'għandhiex titħallat ma' kultura ta' tort li tinkoraġġixxi d-difensiva. (F'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed jinnota li l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman mhumieq proċedura dixxiplinari jew pre-dixxiplinari.)

L-istrateġija tal-Ombudsman għall-promozzjoni ta' kultura ta' servizz tinkludi mhux biss inizjattivi proattivi varji, iżda tapplika wkoll għat-trattament tal-ilmenti. Parti importanti ta' kultura ta' servizz hija l-ħtieġa li wieħed jirrikonoxxi l-iżbalji meta dawn isiru u jekk ikun possibbli li jirringa l-affarijiet kif xieraq. Jista' jkun li kull ma jkun hemm bżonn tkun apoloġija f'waqtha biex il-mentatur joħroġ sodisfatt, jew għallinqas biex jiġi evitat il-bżonn li l-Ombudsman jaġmel xi kritika formali tal-istituzzjoni kkonċernata.

L-Europol jaġmel apoloġija f'każ ta' aċċess għal dokumenti

Ġurnalista Daniż ippreżenta ilment lill-Ombudsman, li jallega li l-Europol ma kienx implimenta kif xieraq ir-regoli ġodda tiegħu dwar l-aċċess għal dokumenti fil-każ tiegħu. L-Europol għamel apoloġija għal kwalunkwe inkonvenjent li seta' kkawża minħabba li naqas li jwieġeb fiż-żmien stipulat, u ddikjara li jassumi r-responsabbiltà kollha għad-dewmien. Barra minn hekk, assigura li talbiet futuri lill-Europol jitwieġbu mingħajr dewmien.

111/2008/TS ■

IF'każijiet aktar kumplessi li fihom l-Ombudsman jaġmel sejba preliminari ta' amministrazzjoni

L-Ombudsman jipprova, fejn ikun possibbli, li jippromwovi "soluzzjoni amikevoli" li tkun aċċettabbli kemm għall-ilmentatur kif ukoll għall-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat.

ħażina, huwa jipprova, fejn ikun possibbli, li jippromwovi "soluzzjoni amikevoli" li tkun aċċettabbli kemm għall-ilmentatur kif ukoll għall-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat. Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota, li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-

Istatut (Artikolu 3.5⁶) u d-Dispożizzjonijiet Implimentattivi (Artikolu 6.1⁷) japplikaw biss jekk ikun jidher li hemm amministrazzjoni ħażina u jekk ikun jidher possibbli li din tiġi eliminata.

■ Il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba

Fis-6 ta' Settembru 2001, il-Parlament Ewropew approva l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea, l-amministrazzjonijiet tagħhom u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-kodiċi jikkunsidra l-prinċipji tal-liġi amministrattiva Ewropea inkluża fil-ġurisprudenza tal-qrati Ewropej u huwa ispirat mil-liġijiet nazzjonali. Il-Parlament talab lill-Ombudsman sabiex huwa wkoll japplika l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba. Għaldaqstant, l-Ombudsman jikkunsidra r-regoli u l-prinċipji inklużi fil-Kodiċi meta jkun qiegħed jeżamina l-ilmenti kif ukoll meta jkun qiegħed jagħmel investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

L-Ombudsman laqa' bi pjaċir il-konferma mill-Kapijiet tal-Aġenziji tal-UE, fil-laqgħa tagħhom f'Liżbona fl-24 ta' Ottubru 2008, li huma kollha jaċċettaw il-Kodiċi Ewropew ta' Mġiba Amministrattiva Tajba u li se jrin jikkunsidraw l-aħjar mod kif jipubblicizzawha (ara Taqsima 4.1 aktar 'l isfel).

2.4 L-Ammissibiltà u r-raġunijiet għall-investigazzjonijiet

Qabel ma l-Ombudsman ikun jista' jiftaħ investigazzjoni, ilment irid qabelxejn jissodisfa kriterji ulterjuri ta' ammissibiltà. Dawn il-kriterji, kif stipulati fl-Artikoli pertinenti tal-Istatut, jispesifikaw li:

1. l-awtur u l-materja tal-ilment iridu jkunu identifikati (Artikolu 2(3) tal-Istatut);
2. l-Ombudsman jista' ma jintervjenix f'każijiet li jkunu quddiem il-qrati jew jiddubita mill-validità tad-deċiżjoni tal-qorti (Artikolu 1(3) tal-Istatut);
3. l-ilment irid isir fi żmien sentejn mid-data ta' meta l-fatti li fuqhom ikun ibbażat l-ilment ikunu ġew għall-attenzjoni tal-ilmentatur (Artikolu 2(4) tal-Istatut);
4. l-ilment irid ikun ippreċedut minn approċċi amministrattivi xierqa għall-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat (Artikolu 2(4) tal-Istatut); u
5. fil-każ ta' ilmenti li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet tax-xogħol bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi u l-uffiċjali tagħhom, iridu jiġu eżawriti l-possibiltajiet għas-sottomissjoni ta' talbiet u ilmenti amministrattivi interni qabel jitressaq it-tali ilment (Artikolu 2(8) tal-Istatut).

Ilment li ma kienx ippreċedut minn approċċi amministrattivi

Ilmentatur irrikorra għall-Ombudsman biex jirrapporta li kienu qed isiru kontrolli regolari tal-konfini mill-awtoritajiet Olandiżi fuq il-konfini bejn l-Olanda u l-Ġermanja f'Vetschau. Huwa qal li dawn il-kontrolli kienu qed isiru regolarment fl-eqel tat-traffiku, u għalhekk kienu qed joħolqu konġestjoni ta' traffiku. Huwa argumenta li l-kontrolli jammontaw għal nuqqas maħsub li jiġu osservati l-ftehimiet ta' Schengen u allega nuqqas ta' superviżjoni fl-Olanda f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet. Minħabba li l-Kummissjoni Ewropea hija l-korp responsabbli mis-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' Schengen, l-ilment inftehem li kien indirizzat kontra l-Kummissjoni.

Minħabba l-fatt li l-ilmentatur apparentament ma kienx għadu kkuntattja lill-Kummissjoni, l-ilment ġie meqjus bħala inammissibbli minħabba nuqqas ta' approċċi ammini-

6. "Sakemm ikun possibbli, l-Ombudsman għandu jfittex soluzzjoni mal-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat sabiex jelimina l-possibiltajiet ta' amministrazzjoni ħażina u sabiex jissodisfa lill-ilmentatur."

7. "Jekk l-Ombudsman isib każ ta' amministrazzjoni ħażina, sakemm ikun possibbli, huwa għandu jikkoopera mal-istituzzjoni kkonċernata fit-tiftix għal soluzzjoni amikevoli sabiex jeliminaha u sabiex jissodisfa lill-ilmentatur."

strattivi xierqa minn qabel. L-ilmentatur ġie infurmat li jekk, wara li tkun ikkuntattjata, il-Kummissjoni tonqos li twieġeb fi żmien raġonevoli jew it-tweġiba tagħha ma tkunx sodisfaċenti, huwa jkun jista' jissottometti ilment ieħor lill-Ombudsman.

817/2008/BEH ■

L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE jawtorizza lill-Ombudsman sabiex “jagħmel investigazzjonijiet li għalihom iħoss li hemm biżżejjed provi”. Biex ikun evitat li jinħolqu aspettattivi mhux ġustifikati

Biex ikun evitat li jinħolqu aspettattivi mhux ġustifikati fost l-ilmentaturi u biex ikun żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi, l-ilmenti ammissibbli kollha jiġu studjati bir-reqqa biex ikun ivverifikat jekk hemmx prospett raġonevoli li investigazzjoni sejra twassal għal riżultat utli.

fost l-ilmentaturi u biex ikun żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi, l-ilmenti ammissibbli kollha jiġu studjati bir-reqqa biex ikun ivverifikat jekk hemmx prospett raġonevoli li investigazzjoni sejra twassal għal riżultat utli. Jekk le, l-Ombudsman jagħlaq il-każ bħala wieħed li ma jipprovdi biżżejjed raġunijiet għal investigazzjoni. L-Ombudsman huwa wkoll tal-opinjoni li, jekk ilment ikun diġà ġie indi-

rizzat bħala petizzjoni mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, normalment ma jkun hemm ebda raġuni għal investigazzjoni mill-Ombudsman, sakemm ma jiġux ippreżentati provi ġodda. Huwa importanti li wieħed jinnota li 44% tal-każijiet ammissibbli ttrattati fl-2008 kienu meqjusin bħala li ma jipprovdux bażi għal investigazzjoni.

Ilment li fih ma kienx hemm bażi biex tinbeda investigazzjoni

Ċittadin Grieg ressaq ilment dwar dik li hu sejjaħ l-imġiba “inaċċettabbli” ta' individwu li jaħdem għall-kumpanija tas-sigurtà tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Greċja. Huwa talab l-isem tal-impjegat, u talab ukoll li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikun żgurat li dan l-impjegat iġib ruħu kif jixraq fil-futur u jkun spjegat lilu biċ-ċar il-fatt li l-imġiba tiegħu kienet ħolqot impressjoni negattiva ħafna tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Ir-Rappreżentanza wieġbet lill-ilmentatur, filwaqt li offriet apoloġija għall-imġiba tal-imsemmi mpjegat, u offriet li tgħin lill-ilmentatur fl-ewwel talba tiegħu, u wriet ix-xewqa li l-inċident sfortunat ma jibdilx is-sentimenti tal-ilmentatur lejn l-UE. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet ħadet il-miżuri xierqa u li ma kienx hemm biżżejjed bażi biex tinfetaħ investigazzjoni.

87/2008/VAV ■

2.5 Il-proċeduri tal-Ombudsman

Normalment l-ilmenti kollha li jintbagħtu lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u rikonoxxuti fi żmien ġimgħa minn meta jaslu. Id-dikjarazzjoni ta' rċevuta li tintbagħat tgħarraf lill-ilmentatur bil-proċedura u tkun tinkludi numru ta' referenza, kif ukoll l-isem u n-numru tat-telefon tal-persuna li tkun qiegħda tindirizza l-ilment.

L-ilment jiġi analizzat sabiex jiġi stabbilit jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni u l-ilmentatur jiġi mgħarraf bir-riżultat tal-analiżi, normalment fi żmien xahar. Jekk ma tinfetaħx investigazzjoni, l-ilmentatur jiġi mgħarraf bir-raġuni. Fejn ikun possibbli, l-ilment jiġi trasferit, jew l-ilmentatur jingħata parir xieraq dwar għand liema korp kompetenti għandu jirrikorri.

Waqт investigazzjoni, l-ilmentatur jiġi mgħarraf b'kull pass ġdid li jittieħed. Meta l-Ombudsman jiddeċiedi li jagħlaq l-investigazzjoni, huwa jgħarraf lill-ilmentatur bir-riżultati tal-investigazzjoni u bil-konklużjonijiet tiegħu. Id-deċiżjonijiet tal-Ombudsman ma jorbtux legalment u ma johlqux drittijiet li jistgħu jiġu nfurzati b'mod legali għall-ilmentatur, jew għall-istituzzjoni jew korp konċernat.

■ Proċeduri ssimplifikati ta' investigazzjoni

Bħala alternattiva għall-ftuħ ta' investigazzjoni bil-miktub dwar il-possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina, u bil-għan li l-problema rilevanti tissolva fl-iqsar żmien possibbli, l-Ombudsman jagħmel użu minn proċeduri informali u flessibbli, bil-qbil u l-kooperazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-korp ikkonċernat.

Matul l-2008, 101 każ ġew solvuti wara li l-intervent tal-Ombudsman irnexxielu jikseb tweġiba f'waqtha għal korrispondenza mhux imwiegħa (ara t-Taqsima 2.9 tar-*Rapport Annwali 1998* għal dettalji dwar il-proċedura). Intużat ukoll proċedura ssimplifikata, pereżempju, fil-każijiet li ġejjin, li jagħmlu parti mill-każijiet saljenti ta' din is-sena:

→→→ Il-Kummissjoni ssolvi tilwima dwar e-mail b'mod eżemplari u fil-pront

Riċerkatur ilmenta mal-Ombudsman wara tilwima permezz ta' e-mail li hu kien kellu ma' uffiċjal tal-Kummissjoni. It-tilwima kienet iċċentrata fuq ix-xewqa tar-riċerkatur li jikkwota, f'pubblikazzjoni akkademika, it-tweġiba tal-uffiċjal għal sensiela ta' mistoqsijiet kritiċi li kien saqsiha permezz tal-e-mail. L-uffiċjal tal-Kummissjoni oġġezzjonat bis-saħħa għal dan. Wara analiżi attenta tal-ilment, l-Ombudsman ikkunsidra li jista' jkun possibbli li tinstab soluzzjoni amikevoli u informali. Kemm l-ilmentatur kif ukoll il-Kummissjoni esprimew ir-rieda tagħhom li jesploraw din il-possibbiltà.

Inqas minn xahar wara, l-ilmentatur għarraf lill-Ombudsman li, wara laqgħa li kellu fil-Kummissjoni, kienet instabet soluzzjoni sodisfaċenti. L-Ombudsman għalaq il-każ bħala solvut mill-istituzzjoni, filwaqt li faħħar il-ħeffa u l-mod eżemplari li bihom il-Kummissjoni kienet indirizzata il-kwistjoni.

2672/2008/VL ■

→→→ Informazzjoni pprovduta mir-Registatur tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QĠKE)

Ċittadina Awstrijaka baġtet ittra lill-QĠKE, li fiha ddikjarat li xtaqet tħarrek lill-Awstrija fuq ksur tal-liġi Komunitarja. Ir-Reġistru tal-Qorti infurmaha li l-Qorti kienet kompetenti li tisma każijiet bħal dawn jekk dawn jitressqu quddiemha mill-Kummissjoni jew Stat Membru biss. Dan taha parir li tikkuntattja l-Kummissjoni. Hija kkuntattjat lill-Ombudsman, bl-ilment li r-Reġistru ma kienx infurmaha lil min tikkuntattja fil-Kummissjoni.

Wara li s-servizzi tal-Ombudsman intervenew permezz tat-telefown, ir-Reġistru baġhat ittra b'informazzjoni aktar dettaljata lill-ilmentatriċi. Barra minn hekk, ir-Reġistru informa lill-Ombudsman li kien inkluda dawn l-indikazzjonijiet addizzjonali fl-ittri standard li jirrigwardaw każijiet simili.

2448/2008/WP ■

■ Il-ftuħ ta' investigazzjoni

F'każ li l-Ombudsman jiddeċiedi li jiftaħ investigazzjoni bil-miktub, l-ewwel pass huwa li jgħaddi l-ilment lill-istituzzjoni jew lill-korp konċernat u jitlob li dan jibgħat opinjoni lill-Ombudsman, normalment fi żmien tliet xhur kalendarji. Fl-2004, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni qablu li jaċċettaw limitu iqsar ta' żmien ta' xahrejn għall-ilmenti kontra rifjut ta' aċċess għal dokumenti.

■ Proċedura ġusta

Il-prinċipju ta' proċedura ġusta jeħtieġ li d-deċiżjoni tal-Ombudsman fuq ilment ma tistax tikkunsidra l-informazzjoni nkluża fid-dokumenti pprovduti jew mill-ilmentatur, inkella mill-korp jew mill-istituzzjoni tal-Komunità, sakemm il-parti l-oħra ma kellhiex l-opportunità tara dawn id-dokumenti u tagħti l-fehma tagħha.

Għaldaqstant, l-Ombudsman jibgħat l-opinjoni tal-korp jew tal-istituzzjoni tal-Komunità lill-ilmentatur bi stedina sabiex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu. L-istess proċedura tiġi segwita jekk ikunu meħtieġa iżjed investigazzjonijiet fuq l-ilment.

La t-Trattat u lanqas l-Istatut ma jipprovdu għal appell jew għal rimedji oħra kontra d-deċiżjonijiet tal-Ombudsman rigward it-trattament jew ir-riżultat aħħari ta' ilment. Madankollu, bħall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn kollha tal-Komunità, l-Ombudsman huwa suġġett għall-azzjonijiet għall-ħsarat skont l-Artikolu 288 tat-Trattat tal-KE. Huwa possibbli, fil-prinċipju, li tali azzjoni titressaq quddiem il-qrati tal-Komunità fuq il-bażi tal-allegat nuqqas ta' trasparenza fl-investigazzjoni tal-ilment mill-Ombudsman⁸.

■ L-ispezzjoni tal-fajls u s-smiġ tax-xhieda

L-Artikolu 3(2) tal-Istatut tal-Ombudsman jeħtieġ lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Komunità biex jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe informazzjoni li jitlobhom u jagħtuh aċċess għall-fajls ikkonċernati. Wara r-reviżjoni tal-Istatut tal-2008, l-istituzzjonijiet u l-korpi ma jistgħux jirrifjutaw aktar li jikxfu dokumenti għal "raġunijiet issostanzjati ta' segretezza".

Is-setgħa tal-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tippermettilu jivverifika l-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni mgħoddija mill-korp jew l-istituzzjoni Komunitarja konċernata. Għaldaqstant, hija garanzija importanti lill-ilmentatur u lill-pubbliku li l-Ombudsman jista' jagħmel investigazzjoni bir-reqqa u kompleta. Matul l-2008, is-setgħa tal-Ombudsman li jispezzjona l-fajls tal-istituzzjonijiet intużat f'16-il każ.

L-Artikolu 3(2) tal-Istatut jesiġi wkoll li l-uffiċjali u ħaddiema oħrajn tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jixhdu meta mitlubin mill-Ombudsman. Għal darb'oħra, wara r-reviżjoni tal-Istatut tal-2008, l-uffiċjali tal-UE li jagħtu xhieda lill-Ombudsman mhumieks aktar meħtieġa li jikkellmu "fl-isem jew skont l-istruzzjonijiet tal-amministrazzjonijiet tagħhom". Madankollu, dawn jibqgħu marbuta bir-regoli rilevanti tar-Regolament tal-Persunal, l-aktar dwar id-dmir tagħhom ta' segretezza professjonali. Is-setgħa tal-Ombudsman li jisma' xhieda ma ntużax fl-2008.

Il-ħtieġa li l-Ombudsman iżomm il-kunfidenzjalità fuq id-dokumenti u l-informazzjoni ġiet iċċarata u msaħħa permezz tar-reviżjoni tal-Istatut. Kif emendat, l-Istatut jipprovdi li l-aċċess lill-Ombudsman għal informazzjoni jew dokumenti klassifikati, b'mod partikolari għal dokumenti sensitivi skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament 1049/2001⁹, huwa soġġett għall-konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-istituzzjoni jew korp Komunitarju kkonċernat. L-istituzzjonijiet jew korpi li jipprovdu informazzjoni jew dokumenti klassifikati bħal dawn għandhom jinfurmaw lill-Ombudsman b'din il-klassifikazzjoni. Barra minn hekk, l-Ombudsman irid ikun ftiehem minn qabel mal-istituzzjoni jew korp ikkonċernat fuq il-kundizzjonijiet għat-trattament ta' informazzjoni jew dokumenti klassifikati u informazzjoni oħra koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali.

⁸. Ara, pereżempju, Każ T-412/05 *M v Ombudsman*, Sentenza tal-24 ta' Settembru 2008, li s'issa għadu mhux irrappurtat (minn hawn 'il quddiem "nyr").

⁹. Regolament (KE) 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

■ Il-proċedura miftuħa

L-ilmenti lill-Ombudsman jiġu indirizzati b'tali mod li jkun hemm trasparenza ċara għall-pubbliku sakemm l-ilmentatur ma jitlobx li kollox jinżamm kunfidenzjali.

L-Artikolu 13 tad-Dispożizzjonijiet Implimentattivi jistipula li l-ilmentatur għandu jkollu aċċess għall-fajl tal-Ombudsman fuq l-ilment tiegħu. L-Artikolu 14 jipprovdi għall-aċċess pubbliku għal dokumenti miżmuma mill-Ombudsman. Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman tat-3 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Dispożizzjonijiet Implimentattivi, li saret referenza għaliha fit-Taqsima 2.2 aktar 'il fuq, tinkludi bidliet għall-Artikoli 13 u 14, li huma mfassla sabiex iġibu l-prattiki tal-Ombudsman f'konformità mar-realtajiet il-ġodda maħluqa permezz tal-emenda tal-Istatut tiegħu.

A large, stylized number '3' in a light green color, positioned on the left side of the page. It has a thick, rounded font style. The background is a solid light green color.

Ilmenti u investigazzjonijiet

KAPITOLU 3 jagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ilmenti u l-investigazzjonijiet li ġew trattati fl-2008. Dan jibda b'ħarsa lejn l-ilmenti eżaminati. Imbagħad jagħti deskrizzjoni qasira tax-xogħol li jsir fuq l-investigazzjonijiet, inklużi r-riżultati miksuba u eżempji ta' każijiet. It-Taqsima dwar il-każijiet saljenti identifikati mill-Ombudsman hija segwita b'analiżi tematika, li tkopri l-aktar sejbiet sinifikanti tal-liġi u l-fatti fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2008. Il-Kapitolu jagħlaq b'ħarsa lejn is-segwitu li jingħata lill-ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman.

3.1 Deskrizzjoni ġenerali tal-ilmenti eżaminati

L-Ombudsman irreġistra¹ 3 406 ilment fl-2008, meta mqabbel ma' 3 211 fl-2007. Ġew ipproċessati total ta' 3 346 ilment², meta mqabbel ma' 3 265 fl-2007. Mill-ilmenti kollha pproċessati, 24% (802 ilmenti) instabu li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew.

B'kollox infetħu 293 investigazzjoni fuq il-bażi tal-ilmenti, filwaqt li tliet investigazzjonijiet oħra nfetħu fuq l-inizjattiva personali tal-Ombudsman (meta mqabbel ma' 303 u sitta, rispettivament, fl-2007).

Tabella 3.1: Każijiet ittrattati matul l-2008

Ilmenti rreġistrati	3 406
Ilmenti pproċessati	3 346
Ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew	802
Li minnhom:	281 mhux ammissibbli 228 ammissibbli iżda mingħajr bażi għall-ftuħ ta' investigazzjoni 293 investigazzjoni miftuħa fuq il-bażi tal-ilmenti
Investigazzjonijiet miftuħa fuq il-bażi tal-ilmenti	293
Investigazzjonijiet miftuħa fuq inizjattiva personali	3
Investigazzjonijiet magħluqa	355
Li minnhom:	144 mill-2008 102 mill-2007 109 mis-snin ta' qabel


1. Minn din is-sena, ir-Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew qed juża l-kategorija statistika "ilmenti rreġistrati" minflok "ilmenti riċevuti", biex jiddistingwi bejn ilmenti li fil-fatt jiġu rreġistrati matul sena kalendarja speċifika u dawk li jkunu waslu fl-istess żmien iżda rreġistrati s-sena ta' wara.

2. Il-kategorija statistika "ipproċessati" tfisser li l-analiżi mfassla biex tiddetermina jekk l-ilment (i) jaqax fil-mandat tal-Ombudsman, (ii) jissodisfax il-kriterji ta' ammissibilità, u (iii) jipprovdi raġunijiet biex tinfetħu investigazzjoni tkun saret. Minħabba ż-żmien meħtieġ biex isir dan, l-għadd ta' ilmenti "ipproċessati" f'sena speċifika huwa differenti mill-għadd ta' ilmenti "irreġistrati" fl-istess sena.

Fl-2008, l-Ombudsman għalaq numru rekord ta' investigazzjonijiet (355) (meta mqabbel ma' 351 fl-2007). Minn dan it-total, 144 kienu ġew irreġistrati fl-2008, filwaqt li 102 kienu datati mill-2007 u 109 mis-snin ta' qabel.


Kif turi l-Figura 3.1³, l-għadd ta' ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman f'dawn l-aħħar ħames snin żdied minn ammont baxx ta' 603 fl-2003 għal 802 fl-2008. Dan laħaq il-quċċata fl-2004 b'930, bit-tieni l-oġġla livell jintlaħaq fl-2007 bi 870.

Figura 3.1: Numru ta' ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat 2003-2008



Kifturi l-Figura 3.2⁴, l-għadd ta' ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman żdied fl-2008 għal 2 544 meta mqabbel ma' 2 401 fl-2007. Dan għadu xorta waħda taħt il-livelli għoljin ta' 2 729, 2 673, u 2 768 mil-huqa fl-2004, l-2005 u l-2006 rispettivament.

Figura 3.2: Numru ta' ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat 2003-2008



Kollox ma' kollox, in-numru ta' ilmenti għall-2008 jikkonferma tendenza ġenerali tal-ilmenti li jstabbilizzaw bejn wiehied u ieħor fil-livelli storiċi għoljin mil-huqin wara t-tkabbir tal-Unjoni fl-2004.

3. Għandu jkun innutat li, fl-2005, 335 ilment, li kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman, kienu jikkonċernaw l-istess suġġett. Biex ikun hemm tqabbil aktar eżatt matul is-snin, fil-Figura 3.1 dawn ġew magħduda separatament biss sa u inkluż il-ħdax-il ilment.

4. Għandu jkun innutat li, fl-2006, 281 ilment, li ma kinux jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman, kienu jikkonċernaw l-istess suġġett. Biex ikun hemm tqabbil aktar eżatt matul is-snin, fil-Figura 3.2 dawn ġew magħduda separatament biss sa u inkluż il-ħdax-il ilment.

It-Tabella 3.2 tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-oriġini ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2008. Il-Ġermanja, l-aktar pajjiż popolat tal-UE, issottomettiet l-akbar numru ta' ilmenti, segwita minn Spanja, il-Polonja, u Franza. Madankollu, relattivament għad-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, l-ikbar għadd ta' ilmenti ġew minn Malta, il-Lussemburgu, Ċipru, u l-Belġju.

Tabella 3.2: Oriġini ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2008


Pajjiż	Numru ta' ilmenti	% tal-ilmenti	% tal-Popolazzjoni tal-UE	Proporzjoni
Malta	36	1.1	0.1	11.0
Il-Lussemburgu	33	1.0	0.1	10.0
Ċipru	35	1.0	0.2	5.0
Il-Belġju	229	6.7	2.1	3.2
Is-Slovenja	41	1.2	0.4	3.0
L-Awstrija	108	3.2	1.7	1.9
L-Irlanda	45	1.3	0.9	1.4
Il-Greċja	110	3.2	2.3	1.4
Il-Bulgarija	74	2.2	1.6	1.4
Il-Portugall	95	2.8	2.1	1.3
Il-Finlandja	49	1.4	1.1	1.3
Spanja	352	10.3	9.0	1.1
Il-Polonja	270	7.9	7.7	1.0
Il-Latvija	18	0.5	0.5	1.0
Il-Ġermanja	546	16.0	16.6	1.0
Ir-Repubblika Ċeka	66	1.9	2.1	0.9
L-Iżvezja	52	1.5	1.8	0.8
Is-Slovakja	29	0.9	1.1	0.8
L-Ungerija	46	1.4	2.0	0.7
L-Olanda	78	2.3	3.3	0.7
L-Estonja	7	0.2	0.3	0.7
Id-Danimarka	23	0.7	1.1	0.6
Ir-Rumanija	97	2.8	4.4	0.6
Franza	240	7.0	12.8	0.5
L-Italja	219	6.4	11.9	0.5
Ir-Renju Unit	197	5.8	12.3	0.5
Il-Litwanja	11	0.3	0.7	0.4
Oħrajn	221	6.5		
Mhux magħrufa	79	2.3		

NOTA Din iċ-ċifra kienet ikkalkolata bid-diviżjoni tal-perċentwal ta' ilmenti bil-perċentwal ta' popolazzjoni. Fejn iċ-ċifra tkun akbar minn 1.0, dan jindika li l-pajjiż konċernat jissottometti aktar ilmenti lill-Ombudsman milli huwa mistenni skont id-daqs tal-popolazzjoni. Il-perċentwali kollha fit-tabella hawn fuq kienu mqarriba sa punt deċimali wieħed.

Fl-2008, 12 il-Stat Membru ssottomettew aktar ilmenti milli kien mistenni skont id-daqs tal-popolazzjoni tagħhom, 12 issottomettew inqas, filwaqt li tlieta ssottomettew numru ta' ilmenti li jirrifletti d-daqs tal-popolazzjoni tagħhom.

Il-mappa hawn taħt tipprovdi deskrizzjoni grafika ta' kemm huwa probabbli li n-nies f'kull Stat Membru jilmentaw mal-Ombudsman Ewropew. Dan huwa bbażat fuq in-numru ta' ilmenti minn kull Stat Membru meta mqabbel mad-daqs tal-popolazzjoni tiegħu (ara l-ispejgazzjoni mogħtija qabel dwar kif jiġi kkalkulat il-proporzjon).

Oriġini ġeografika tal-ilmenti rreġistrati fl-2008



L-ilmenti jistgħu jiġu sottomessi lill-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-UE⁵. Wara ftehim iffirmat f'Novembru 2006 bejn l-Ombudsman Ewropew u l-gvern

L-ilmenti jistgħu jiġu sottomessi lill-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-UE.

Spanjol, iċ-ċittadini jistgħu wkoll jilmentaw mal-Ombudsman Ewropew fi kwalunkwe waħda mil-lingwi ko-uffiċjali fi Spanja (il-Katalan/il-Valenzjan, il-Galizjan u l-Bask)⁶. Kif turi l-Figura 3.3,


fl-2008, il-parti l-kbira tal-ilmentaturi għażlu li jissottomettu l-ilment tagħhom lill-Ombudsman

5. Il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliz, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, u l-Iżvediż.

6. Bl-iffirmar ta' dan il-ftehim, l-Ombudsman ġab il-prattika tiegħu konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE ta' Ġunju 2005 li jipprovdu għall-użu ta' dawn il-lingwi biex jiffaċilita l-komunikazzjonijiet taċ-ċittadini Spanjoli mal-istituzzjonijiet tal-UE.


fl-Ingliż, segwit mill-Ġermaniż, il-Frañċiż u l-Ispanjol. Numru limitat ta' ilmenti ġew sottomessi bil-Latvjan, bil-Malti, bil-Katalan u bl-Estonjan.

Figura 3.3: Tqassim tal-ilmenti skont il-lingwa



Kif turi l-Figura 3.4, fi kważi 80% tal-każijiet, l-Ombudsman kien kapaċi jgħin lill-ilmentatur billi fetaħ investigazzjoni dwar il-każ (9% tal-każijiet), billi rreferih lil korp kompetenti jew billi ta pariri dwar lil min wieħed jista' jikkuntattja (70%). It-Taqsima 3.6 hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali tal-każijiet li ġew riferuti jew fejn ingħata parir lill-ilmentatur. F'21% tal-każijiet trattati fl-2008, intbagħtet tweġiba lill-ilmentatur iżda l-Ombudsman ikkunsidra li ma setgħetx tittieħed aktar azzjoni. F'xi każijiet, dan kien minħabba l-fatt li l-ilmentatur naqas li jidentifika fuq min jew fuq xiex hu/hi xtaqet tilmenta.

Figura 3.4: Tip ta' azzjoni meħuda mill-Ombudsman Ewropew wara li rċieva l-ilmenti




NOTA Din tinkludi 158 ilment irreġistrat lejn l-aħħar tal-2007, li ġew ipproċessati fl-2008 u tħalli barra 220 ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2008, li kienu għadhom qed jiġu pproċessati fl-aħħar tas-sena biex ikun determinat x'azzjoni għandha tittieħed.

3.2 Analiżi tal-investigazzjonijiet miftuħa⁷

L-ilmenti kollha li tqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman ġew analizzati ulterjorment biex tkun stabbilita l-ammissibbiltà. Minn dawn it-802 ilmenti li kienu jaqgħu taħt il-mandat, 281 instabu li ma kinux ammissibbli, filwaqt li fil-każ ta' 228 oħra li kienu ammissibbli, l-Ombudsman ma sab l-ebda bażi għal ftuħ ta' investigazzjoni.


Figura 3.5: Ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew



Total ta' 293 investigazzjoni ġdida nfetħu matul is-sena fuq il-bażi tal-ilmenti. L-Ombudsman beda wkoll tliet investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali tiegħu stess.

Kif turi l-Figura 3.6, l-għadd ta' investigazzjonijiet li nfetħu fl-2008 (296) huwa ftit inqas milli kien fl-2007 (309), fl-2005 (343), u fl-2004 (351), iżda oġġla milli kien fl-2006 (267) u fl-2003 (253). L-investigazzjonijiet magħluqa sejin jiġu analizzati fit-Taqsima 3.3 hawn isfel.

Figura 3.6: Bidliet fin-numru tal-investigazzjonijiet



7. Għandu jkun innutat li l-analiżi f'din it-taqsimha hija bbażata fuq in-numru ta' investigazzjonijiet miftuħa fl-2008, aktar milli — kif kien isir fis-snin ta' qabel — fuq in-numru totali ta' investigazzjonijiet ittrattati matul is-sena (jiġifieri, inklużi każijiet li jkun fadal mis-snin ta' qabel). Dan il-metodu ġdid ta' kalkolazzjoni tal-istatistiċi għandu jagħti indikazzjoni aktar eżatta tat-tendenzi, minn sena għal sena.


Total ta' 74% tal-ilmenti li wasslu għal investigazzjonijiet kienu sottomessi minn ċittadini individwali, filwaqt li 26% kienu sottomessi minn kumpaniji u assoċjazzjonijiet.

Tabella 3.3: Sorsi tal-ilmenti li wasslu għal investigazzjoni

Kumpaniji u assoċjazzjonijiet	26% (75)
Ċittadini individwali	74% (218)

Il-parti l-kbira tal-investigazzjonijiet miftuħa mill-Ombudsman fl-2008 kienu jikkonċernaw lill-Kummissjoni Ewropea (66%). Minħabba li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni Komunitarja ewlenija li tiegħu deċiżjonijiet li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini, huwa loġiku li din għandha tkun l-oġġett prinċipali tal-ilmenti taċ-ċittadini. L-ilmentaturi kkritikaw ukoll l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew (10%), tal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (7%), tal-Kunsill (3%) u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, OLAF (2%)⁸. Għoxrin istituzzjoni u korpi oħra tal-UE kienu s-suġġett ta' 37 investigazzjoni oħra⁹.

Figura 3.7: Istituzzjonijiet u korpi soġġetti għal investigazzjoni



NOTA F'każ wiehied, l-istess investigazzjoni kienet tikkonċerna żewġ istituzzjonijiet. Għalhekk dawn il-perċentwali jgħoddu għal aktar minn 100%.


It-tipi prinċipali ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina fl-investigazzjonijiet miftuħa fl-2008 kienu n-nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut ta' informazzjoni (36% tal-investigazzjonijiet), inġustizzja jew abbuż tal-poter (20%), proċeduri mhux sodisfaċenti (9%), negliġenza (8%), dewmien li seta' jiġi evitat (8%), żball legali (7%), diskriminazzjoni (5%), u n-nuqqas ta' assigurazzjoni tar-

8. F'termini ta' investigazzjonijiet potenzjali tal-OLAF li jikkonċernaw lill-Ombudsman, għandu jkun innutat li, fit-2 ta' Ġunju 2008, l-Ombudsman laqa' l-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet interni mill-OLAF. Fl-istess jum, l-Ombudsman adotta deċiżjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-investigazzjonijiet interni fir-rigward tal-prevenzjoni ta' frodi, korruzzjoni u ta' kwalunkwe attività illegali li hija ta' dannu għall-interessi tal-Komunitajiet.

9. Il-Bank Ċentrali Ewropew (4 investigazzjonijiet), l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (4), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (3), il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (3), l-Europol (3), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura (3), iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (2), l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-UE (2), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (2), is-Sorveljatur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta (1), il-Bank Ewropew għall-Investment (1), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Komunitajiet Ewropej (1), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (1), l-Aġenzija Ewropea għall-Kimiċi (1), l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (1), iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (1), l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (1), l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (1), l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (1), l-Aġenzija tal-Forniment tal-Euratom (1).

rispett tal-obbligi, jiġifieri, li l-Kummissjoni naqset li tiżvolġi l-irwol tagħha bħala “għassiesa tat-Trattat” vis-à-vis l-Istati Membri (5%).

Figura 3.8: Tipi ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina



NOTA F'xi każijiet, żewġ tipi jew aktar ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina kienu eżaminati fl-istess investigazzjoni. Għalhekk dawn il-perċentwali jgħoddu għal aktar minn 100%.

3.3 Sejbiet tal-investigazzjonijiet tal-Ombudsman

Kif turi l-Figura 3.6 hawn fuq, l-Ombudsman għalaq numru rekord ta' investigazzjonijiet (355) fl-2008. Din iċ-ċifra hija kważi d-doppju tan-numru ta' investigazzjonijiet magħluqa fl-2003. Minn dawn, 352 kienu relatati ma' ilmenti u tlieta kienu investigazzjonijiet fuq inizzjattiva personali.

Il-parti l-kbira tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman fl-2008 ingħalqu fi żmien sena (52%). Aktar minn terzi (36%) ingħalqu fi żmien tliet xhur. Dan jinkludi każijiet li l-Ombudsman kien

L-Ombudsman għalaq numru rekord ta' investigazzjonijiet (355) fl-2008. Il-parti l-kbira tal-investigazzjonijiet magħluqa mill-Ombudsman fl-2008 ingħalqu fi żmien sena (52%).

kapaċi jsolvi malajr, pereżempju, permezz ta' telefonata lill-istituzzjoni kkonċernata sabiex jipproponi soluzzjoni¹⁰ (Ara Taqsima 2.5 aktar 'il fuq). Kważi 70% tal-investigazzjonijiet ingħalqu fi żmien 18-il xahar, filwaqt li l-każijiet li kien fadal hađu aktar żmien, minħabba l-fatt li kienu kumplessi jew minħabba dewmien. Il-każijiet hađu medja ta' 13-il xahar biex jingħalqu. L-Ombudsman qed jimmira li jtejjeb aktar il-prestazzjoni tal-istituzzjoni fl-2009 billi jieħu inqas żmien biex jagħlaq il-każijiet. Huwa importanti li wieħed jinnota, f'dan ir-rigward, li x-xogħol addizzjonali li rriżulta miż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' ilmenti mill-2004 'il quddiem, issa tlesta.


10. Jinkludi wkoll każijiet fejn l-Ombudsman kien imexxi investigazzjoni sħiħa li kieku l-ilmentatur ma rtirax l-ilment, u każijiet fejn l-Ombudsman ma setax ikompli bl-investigazzjoni tiegħu minħabba d-deċiżjoni tal-ilmentatur li jmur il-Qorti.

Tabella 3.4: Każijiet magħluqa fl-2008 wara investigazzjoni

Dewmien medju tal-investigazzjoni	13-il xahar
Każijiet magħluqa fi żmien 3 xhur	36%
Każijiet magħluqa fi żmien 12-il xahar	52%
Każijiet magħluqa fi żmien 18-il xahar	68%

NOTA Dawn iċ-ċifri huma bbażati fuq xahar ta' 30 ġurnata. Għandu jkun innutat ukoll li l-perċentwali jirrappreżentaw ċifri kumulattivi.

Kif wieħed jista' jara mill-Figura 3.9, inkiseb riżultat pożittiv malajr għall-ilmentatur f'129 każ magħluq fl-2008 (36% tat-total). Dawn il-każijiet jew ġew solvuti mill-istituzzjoni jew sar ftehim permezz ta' soluzzjoni amikevoli. Iċ-ċifri komparabbli għall-2007 kienet ta' 134 każ. F'101 każ ieħor, il-kwistjoni ġiet iċċarata b'mod li ma kienx hemm hteġa ta' aktar investigazzjonijiet, filwaqt li f'110 każijiet, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina fi 53 każ, iżda madankollu kien kapaċi jikseb riżultat pożittiv għall-ilmentatur fi tmien każijiet bħal dawn, permezz tal-aċċettazzjoni tal-abbozz tar-rakkomandazzjoni li għamel lill-istituzzjoni kkonċernata (ara Figura 3.10). Aktar dettalji dwar dawn is-sejbiet jingħata hawn taht¹¹.

Figura 3.9: Riżultati tal-investigazzjonijiet magħluqa

NOTA F'xi każi, l-investigazzjonijiet ingħalqu għal raġuni waħda jew aktar. Għalhekk dawn il-perċentwali jgħoddu għal aktar minn 100%.

■ L-ebda amministrazzjoni ħażina

Fl-2008, 110 każijiet ingħalqu bl-ebda sejba ta' amministrazzjoni ħażina. Dan ma jfissirx bilfors riżultat negattiv għall-ilmentatur, li għall-inqas jibbenefika milli jirċievi spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni jew korp ikkonċernat ta' dak li għamel, kif ukoll jirċievi l-analiżi indipendenti tal-Ombudsman dwar il-każ. Fl-istess waqt, sejba bħal din isservi ta' prova tanġibbli li l-istituzzjoni jew korp ikkonċernat aġixxa b'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Irregolaritajiet f'kompetizzjoni ta' disinn għall-arkitetti fl-Awstrija

Arkitett Awstrijakk ilmenta mal-Ombudsman dwar il-mod li bih il-Kummissjoni indirizzat l-ilment ta' ksur ta' liġi tiegħu. Fl-ilment tiegħu lill-Kummissjoni, l-arkitett allega li l-Awstrija kisret il-liġi Komunitarja dwar l-għoti ta' kuntratti ta' servizzi pubbliċi f'numru ta' kompetizzjonijiet ta' disinni għall-arkitetti. Għalkemm il-Kummissjoni kkonfermat li

11. L-analiżi li ġejja hija bbażata fuq investigazzjonijiet magħluqa matul l-2008. Jekk investigazzjoni indirizzat aktar minn allegazzjoni jew talba waħda, dawn setgħu taw lok għal bosta sejbiet mill-Ombudsman.

kien hemm ksur tal-liġi Komunitarja, iddeċidiet li ma tiġux aktar passi, billi rreferiet għal emenda fil-liġi Awstrijaka tal-akkwist li, fl-opinjoni tagħha, żgurat li każijiet bħal dan ma jerġgħux isiru. L-Ombudsman fehem id-diżappunt tal-ilmentatur dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiġux aktar passi, wara ħames snin tittratta l-każ. Madankollu, fakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita, hija fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni li tiddeċiedi jekk tressaqx jew le il-każ quddiem il-qorti. Huwa sab li l-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni hija plawżibbli u għalaq il-każ bl-ebda sejba ta' amministrazzjoni ħażina.

3570/2005/WP ■

■ Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li jsir l-ilment kontriha. Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb eżitu pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li jsir l-ilment kontriha.

tal-Komunità hija essenzjali għas-suċċess ta' eżiti simili, li jgħinu biex itejbu relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u tista' tevita l-bżonn ta' kawża li tiegħu ż-żmien u li tiswa l-flus.

Matul l-2008, 125 każ ġew solvuti mill-istituzzjoni jew mill-korpi innifsu wara ilment lill-Ombudsman¹².

Tilwima bejn istitut ta' riċerka u l-Kummissjoni dwar ħlas ta' pagament

Fl-2004, istitut ta' riċerka Olandiż iffirma ftehim ta' għotja mal-Kummissjoni għal proġett ta' riċerka fuq l-influenza tal-bniedem. F'Diċembru 2006, l-istitut irrikorra għall-Ombudsman, bl-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx ħallset pagament ta' EUR 288 000. Il-Kummissjoni argumentat li ma kinitx ħallset il-pagament minħabba li l-istitut kien għadu ma ppreżentax tabella adegwata ta' baġit għall-proġett. L-Ombudsman eżamina l-fajls rilevanti u nnota li l-Kummissjoni kienet, sadanittant, baġtet l-ispegazzjonijiet meħtieġa lill-istitut biex tagħtih iċ-ċans jissottometti tali tabella ta' baġit. Il-Kummissjoni wara ħabbret li ser tirrilaxxa l-pagament finali. L-Ombudsman faħħar lill-Kummissjoni għall-isforzi tagħha biex tassisti l-istitut, filwaqt li rrimarka li jikkunsidra dan il-metodu ta' trattament tal-ilmentaturi bħala eżempju ta' amministrazzjoni tajba.

3794/2006/FOR ■

Jekk stħarriġ iwassal għal sejbien ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman dejjem jipprova jsib soluzzjoni amikevoli jekk ikun possibbli. Erba' każijiet ingħalqu matul is-sena wara li nstabat soluz-

Jekk stħarriġ iwassal għal sejbien ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman dejjem jipprova jsib soluzzjoni amikevoli jekk ikun possibbli.

zjoni amikevoli. Fl-aħħar tal-2008, kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati 25 proposta għal soluzzjonijiet amikevoli.

L-Ombudsman jikseb soluzzjoni amikevoli mal-Kummissjoni fuq każ ta' għajjnuna tal-Istat Taljan

Fl-1993, kumpanija marittima Taljan ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni rigward skema ta' għajjnuna Sardinija għal kumpaniji marittimi. Skont l-ilmentatur, l-iskema ta' għajjnuna kienet qed tagħmel diskriminazzjoni kontra kumpaniji stabbiliti f'Sardinja iżda li kellhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom x'imkien ieħor. Fl-1997, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskema ta' għajjnuna kienet għajjnuna tal-istat illegali u għalhekk mhux kompa-

¹². Kif spjegat fil-Kapitolu 2, 101 minn dawn kienu każijiet li fihom l-intervent tal-Ombudsman irnexxielu jikseb tweġiba f'waqtha għal korrispondenza mhux imwieġba.

tibbli mas-suq komuni. Fl-2000, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq raġunijiet proċedurali. Il-Kummissjoni, madankollu, m'adottatx deċiżjoni ġdida. Il-kumpanija Taljana ressqet ilment quddiem l-Ombudsman. L-Ombudsman ikkun-sidra d-dewmien żejjed bħala amministrazzjoni ħażina u ppropona soluzzjoni amikevoli. F'Diċembru 2007, l-ilmentatur informa lill-Ombudsman li l-Kummissjoni kienet adottat deċiżjoni ġdida.

2713/2006/IP (Kunfidenzjali) ■

F'xi każijiet, soluzzjoni amikevoli tista' tintlaħaq jekk l-istituzzjoni jew il-korp konċernat joffri

F'xi każijiet, soluzzjoni amikevoli

tista' tintlaħaq jekk l-istituzzjoni jew il-korp

konċernat joffri kumpens lill-ilmentatur.

kumpens lill-ilmentatur. Offerta simili ssir *ex gratia*, jiġifieri mingħajr ammissjoni ta' ħtija legali u mingħajr ma' jinħoloq preċedent legali.

→→→ Il-Kunsill iħallas kumpens bħala rikonoxximent tal-inkonvenjenza kkawżata


Il-Kunsill qabel li jagħmel ħlas *ex gratia* ta' EUR 1 000 bħala rikonoxximent tal-inkonvenjenza u l-istress li kien sofra l-ilmentatur. Il-Kunsill għall-ewwel offra kuntratt ta' sena lill-ilmentatur iżda mbagħad bidel il-kundizzjonijiet meta induna li l-ilmentatur kien ser jagħlaq 65 sena f'dak il-perijodu. Madankollu, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward tal-allegazzjoni min-naħa tal-ilmentatur ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

1162/2007/FOR (Kunfidenzjali) ■

■ Sejba ta' amministrazzjoni ħażina

L-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina fi 15% tal-każijiet magħluqa fl-2008. F'44 każ bħal dawn, il-każ ingħalaq b'rimarki kritiċi lill-istituzzjoni jew korp ikkonċernat (55 każ fl-2007). Tmien każijiet ingħalqu meta l-istituzzjoni kkonċernata aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni magħmul mill-Ombudsman. F'każ wieħed fejn il-Kummissjoni naqset li tagħmel dan, l-Ombudsman issottometta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Dawn is-sejbiet huma analizzati f'aktar dettall hawn taħt.

Figura 3.10: Investigazzjonijiet fejn instabet amministrazzjoni ħażina



Rimarki Kritiċi

Ijekk soluzzjoni amikevoli mhijiex possibbli jew jekk ma nstabitx soluzzjoni, l-Ombudsman jew jagħlaq il-każ b'rimarka kritika għall-istituzzjoni jew korp konċernat jew jabbozza rakkomandazzjoni.

Jekk soluzzjoni amikevoli mhijiex possibbli

jew jekk ma nstabitx soluzzjoni, l-Ombudsman

jew jagħlaq il-każ b'rimarka kritika

għall-istituzzjoni jew korp konċernat jew

jabbozza rakkomandazzjoni.

zjoni. Rimarka kritika normalment issir jekk (i) ma jkunx aktar possibbli għall-istituzzjoni konċernata li telimina l-istanza tal-amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina tidher li ma jkollhiex implikazzjonijiet ġenerali, u (iii) ma jkunx hemm bżonn ta' azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman. Rimarka kritika ssir ukoll jekk l-Ombudsman iqis li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jkollu l-ebda skop utli jew jekk

ma jidhirx xieraq li jiġi sottomess rapport speċjali lill-Parlament f'każ fejn l-istituzzjoni jew korp konċernat jonqos li jaċċetta abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha huwa ġġustifikat u juri lill-istituzzjoni jew lill-korp konċernat fejn ikun żbalja, sabiex jgħinu jevita amministrazzjoni ħażina fil-futur.

Restrizzjoni mhux ġustifikata tal-lingwi li għandhom jintużaw fi proposti

Assoċjazzjoni Ġermaniża xtaqet tiegħu sehem fis-sejħa għal proposti tal-Kummissjoni għal proġett ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tat-tortura, li kien jifforma parti mill-programm imsejjaħ "Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u d-Drittijiet Umani". L-NGO irrikorriet għall-Ombudsman, bid-dikjarazzjoni li l-Kummissjoni insistiet li l-applikazzjonijiet kellhom jiġu ppreżentati bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bl-Ispanjol. Din argumentat li l-Kummissjoni kellha obbligu legali li taċċetta l-użu ta' kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE fl-applikazzjonijiet sottomessi bi tweġiba għas-sejħa għal proposti tagħha. Il-Kummissjoni qalet li l-għażla ta' użu ristrett tal-lingwa saret għal raġunijiet pragmatiċi. L-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika, bil-konklużjoni li l-insistenza tal-Kummissjoni li l-Ingliż, il-Franċiż jew l-Ispanjol jintużaw għall-applikazzjonijiet ta' proġetti kienet istanza ta' amministrazzjoni ħażina.

259/2005/(PB)GG ■

Eliġibbiltà dubjuża ta' spejjeż tal-persunal fi proġett agrikolu

Università Ġermaniża, li ħadet sehem fi proġett kofinanzjat mill-Komunità, irrikorriet għall-Ombudsman, bl-argument li l-Kummissjoni kellha titlob lura l-ħlasijiet bil-quddiem li saru lil università Spanjola li fil-bidu kienet responsabbli mill-koordinazzjoni tal-proġett. L-investigazzjoni tal-Ombudsman żvelat li kien hemm dubji raġonevoli rigward spejjeż tal-persunal li jammontaw għal EUR 38 000, li misshom ġiegħlu lill-Kummissjoni tagħmel verifiki ulterjuri. Minħabba li l-Kummissjoni rrifjutat li tagħmel dan, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika, li fiha ddikjara li l-istituzzjoni kienet naqset li teżamina, b'mod xieraq u bir-reqqa biżżejjed, l-argumenti sodi tal-ilmentatur rigward l-ispejjeż tal-persunal li kienu ġew aċċettati.

576/2005/GG ■

Allegazzjoni ta' esklużjoni sistematika minn sejħiet għal offerti għal pubblikazzjonijiet elettroniċi

Kumpanija Olandiża żviluppat *navigational and retrieval software* għal pubblikazzjonijiet elettroniċi tal-UE. Din ilmentat mal-Ombudsman li, wara bidla fl-uffiċjali responsabbli mill-każ fi ħdan l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali, il-prodotti tagħha ġew sistematikament esklużi milli jintagħżlu fi proċeduri ta' sejħiet għal offerti. Il-kumpanija rreferiet għal erba' każijiet li ġew investigati mill-Ombudsman. Huwa kkonkluda li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet kien naqas li jagħmel reviżjoni xierqa tal-ewwel kuntratt. Huwa kkritikah ukoll talli eskluża l-possibbiltà li jestendi t-tieni kuntratt fuq il-bażi ta' raġunijiet żbaljati u li ma kellhom ebda bażi ċara. Madankollu, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kien hemm ebda prova li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet kien eskluża b'mod sistematiku l-prodott tal-ilmentatur mill-proċeduri ta' sejħiet għal offerti.

1128/2004/GG ■

Aċċess pubbliku għal benefiċċji mħallsa lil Membri tal-Parlament Ewropew

Fl-2005, il-Parlament irrifjuta talba ta' ġurnalista għal informazzjoni dwar benefiċċji li tħallsu lill-ħames MPE Maltin, billi kkwota raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta. Il-ġurnalista ressaq ilment quddiem l-Ombudsman, bl-argument li dawk li jħallsu t-taxxi għandhom dritt

li jkunu jafu kif l-MPE jonfqu l-flus pubbliċi. Wara li kkonsulta mas-Sorveljatur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta, li qabel mal-pożizzjoni tal-Ombudsman, l-Ombudsman insista mal-Parlament li jikxef l-informazzjoni mitluba, fid-dawl tad-dritt legali pubbliku għal aċċess tad-dokumenti. Il-Parlament kompli jirrifjuta. Huwa ħabbar, madankollu, li kien sejjer jipubblika informazzjoni ġenerali dwar il-benefiċċji tal-MPEs fuq il-websajt tiegħu u allura għall-possibbiltà li jerġa' jevalwa s-sitwazzjoni fl-2009. L-Ombudsman ħareġ rimarka kritika, u wera dispjaċir li l-Parlament ma kienx ikkonforma mal-liġi kif interpretata mill-Qorti tal-Prim' Istanza. Madankollu, huwa laqa' bi pjaċir id-deċiżjoni tal-Parlament li jinforma aħjar lill-pubbliku dwar il-benefiċċji tal-MPEs permezz tal-websajt tiegħu.

3643/2005/(GK)WP ■

F'ċerti każijiet, l-unika talba tal-ilmentatur, espressa jew implikata, hija l-għarfien pubbliku li kien hemm amministrazzjoni ħażina. F'każijiet bħal dawn, rimarka kritika tipprovdi wkoll riparazzjoni

F'ċerti każijiet, l-unika talba tal-ilmentatur, espressa jew implikata, hija l-għarfien pubbliku li kien hemm amministrazzjoni ħażina.

adegwata lill-ilmentatur. Madankollu, riżultat aħjar mill-perspettiva tat-titjib tar-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huwa li l-istituzzjoni kkonċernata nnifisha tagħraf u

titlob apoloġija għall-amministrazzjoni ħażina. Azzjoni bħal din turi wkoll li l-istituzzjoni taf x'għamlet ħażin u tista' għalhekk tevita amministrazzjoni ħażina simili fil-futur.

Huwa wkoll bil-ħsieb li titjeb il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-futur li l-Ombudsman għamel użu akbar ta' rimarki ulterjuri, meta jidentifika opportunità biex itejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni. L-Ombudsman għamel rimarki ulterjuri f'total ta' 41 każ fl-2008, inklużi dawn li ġejjin:

Dewmien fit-trattament ta' ilment ta' ksur ta' liġi

L-Ombudsman irċieva ilment minn individwu dwar it-trattament tal-Kummissjoni ta' ilment li jikkonċerna l-leġiżlazzjoni Spanjola dwar żidiet fit-tassazzjoni kapitali. Huwa ħareġ rimarka kritika rigward in-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li tinforma kif xieraq lill-ilmentatur, meta din iddeċidiet li tibda proċedura legali ta' ksur ta' liġi. L-Ombudsman ħareġ ukoll rimarka ulterjuri, li kien fiha suġġerimenti dwar kif il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li ttejjeb il-proċeduri tagħha.

3737/2006/(BM)JMA ■

Huwa bil-ħsieb li jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom u li l-amministrazzjoni ħażina tkun evitata fil-futur li l-Ombudsman ippubblika fuq il-websajt tiegħu, fl-2008, żewġ studji tas-segwitu li ttieħed mill-istituzzjonijiet involuti għar-rimarki kritiċi u r-rimarki ulterjuri li nħarġu fl-2006 u fl-2007. L-Ombudsman identifika numru żgħir ta' każijiet f'dawn l-istudji, li għandhom iservu bħala mudell għal istituzzjonijiet oħra dwar kif l-aħjar jirreaġixxu għal rimarki kritiċi u ulterjuri. Huwa għażel dawn bħala każijiet saljenti. Dawn huma miġbura fil-qasir hawn taħt. L-Ombudsman qed jikkunsidra jinforma lill-pubbliku fuq bażi annwali dwar is-sejbiet fuq is-segwitu tal-istituzzjonijiet għar-rimarki kritiċi u ulterjuri.

Segwitu mogħti għal rimarki kritiċi u ulterjuri

→→→ Każijiet saljenti fl-Istudju tal-2007

Sitta mill-azzjonijiet ta' segwitu fl-istudju tal-2007 tal-Ombudsman jistħoqqilhom aċċenn speċjali bħala każijiet saljenti. Il-**Parlament Ewropew** ħa bosta inizjattivi biex jagħti effett aħjar lill-prinċipju ta' trattament ugwali tal-kandidati f'kompetizzjonijiet fir-rigward tat-tqala u t-twelid (**3278/2004/ELB**). Il-**Kummissjoni** ħadet numru ta' passi kostruttivi, inkluż l-istabbiliment ta' servizz ta' konsultazzjoni, biex tiżgura li l-membri xjentifiċi fiċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt jirċievu informazzjoni u pariri adegwati dwar id-drittijiet u l-obbligi kuntrattwali tagħhom u l-liġi nazzjonali applikabbli (**272/2005/DK**). Il-Kummissjoni introduċiet ukoll regoli ġodda biex timla vojt fl-assigurazzjoni tal-mard tal-ex nisa jew irġiel ta' uffiċjali li jkunu qed isofru minn mard serju u qabiet li tippubblika u tqassam b'mod mifrux ktejjeb li jisp-

jega r-regoli ġodda (368/2005/BM). Il-Bank Ċentrali Ewropew wiegħeb għas-suġġerimenti tal-Ombudsman billi emenda r-regoli tiegħu fuq l-akkwisti sabiex jispeċifika l-importanza relattiva li huwa jagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula biex jiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża (1137/2005/ID). Il-Bank Ewropew għall-Investment iċċara r-responsabbiltajiet tas-servizzi operattivi fir-rigward tad-dokumentazzjoni ambjentali, fassal proċeduri ġodda għas-Self Qafas, inkluż il-monitoraġġ ambjentali mwettaq mis-servizzi tal-Bank u pprova bosta eżempji konkreti tal-impenn tiegħu f'ħidmiet kostruttivi ma' NGOs u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili (1807/2006/MHZ). L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal wiegħeb b'mod kostruttiv għall-kritika dwar differenzi fir-rekwiżiti lingwistiċi fil-kompetizzjonijiet miftuħa wara t-tkabbir tal-Unjoni tal-2004 billi ddeċieda li japplika sistema lingwistika komuni għall-kompetizzjonijiet EU11 u EU10 futuri (3114/2005/MHZ). ■

→→→ Każijiet saljenti fl-Istudju tal-2006

Il-Parlament Ewropew introduċa mudell ġdid għal dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess li jikkunsidra kuntatti preċedenti ma' jew attivitatijiet li jirrigwardaw lill-offerenti (3732/2004/GG). Il-Kummissjoni ħadet għadd ta' passi kostruttivi (i) biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tagħha ma' dawk li japplikaw għal taħriġ (2471/2005/BU); u (ii) biex tiżgura li d-Delegazzjonijiet esterni tagħha jkunu mgħarrfa għalkollox dwar rimarka ulterjuri li tirrigwarda l-irwol tal-Kummissjoni li tassigura li l-Awtoritajiet Kontraenti fi proċeduri delegati jirrispettaw l-obbligi tagħhom rigward tnejn u trasmissjoni f'waqtha ta' notifiċi ta' għoti ta' kuntratti (3706/2005/MHZ). Il-Kummissjoni wiegħbet ukoll għal rimarka kritika billi offriet kumpens lil ilmentatur, minkejja l-fatt li dan il-pass ma kienx jaqbel mas-sejba ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Ombudsman (495/2003/ELB). Eżempji oħra ta' prassi tajba jinkludu t-titjib tal-Bank Ewropew għall-Investment fil-politiki u l-proċeduri tiegħu biex jittratta talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni u l-ilmenti (994/2004/IP u 3501/2004/PB) u d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża li temenda l-proċeduri tagħha ta' reklutaġġ sabiex jinkludu formoli ta' evalwazzjoni bil-miktub għal kull kandidat (2044/2005/BM). ■

Abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet

F'każijiet fejn hu possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li tneħħi l-istanza ta' amministrazzjoni ħażina jew fil-każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina kienet partikolarment serja jew li kellha implikazzjonijiet ġenerali, l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew lill-korp kkonċernat. Skont l-Artikolu 3(6) tal-Istatut tal-Ombudsman, l-istituzzjoni jew korp għandu jibgħat opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur. Matul l-2008, inħarġu 23 abbozz ta' rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, erba' abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet mill-2007 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2008, filwaqt li nġhalqu żewġ każijiet oħra, wara abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet li saru fl-2004 u fl-2006. Tmien każijiet inġhalqu matul is-sena fejn l-istituzzjoni aċċettat abbozz ta' rakkomandazzjoni (ara l-eżempju li jispjega dan hawn taħt). Każ wieħed wassal għal rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Għaxar każijiet inġhalqu b'rimarka kritika. Fl-aħħar tal-2008, kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati 12-il abbozz ta' rakkomandazzjoni, inkluż tnejn li saru fl-2007 u għaxra li saru fl-2008.

Allegazzjoni ta' rifjut ta' ġustizzja mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej

Avukat ressaq ilment kontra l-Kummissjoni rigward żewġ deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej biex iżid il-miżati tal-iskola fl-iskola fil-Lussemburgu. Huwa allega li kien hemm rifjut ta' ġustizzja mill-Bord tal-Gvernaturi minħabba li l-Assoċjazzjonijiet tal-Ġenituri ġew imċaħħda d-dritt li jappellaw għand il-Bord tal-Ilmenti kontra deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi rigward il-miżati tal-iskola. L-investigazzjoni tal-Ombudsman wasslitu biex jitlob lill-Kummissjoni biex din tappoġġja, fil-kuntest tal-irwol tagħha fuq

il-Bord tal-Gvernaturi, l-opinjoni li l-ġurisdizzjoni tal-Bord tal-Ilmenti tkopri l-appelli kontra atti tal-Bord tal-Gvernaturi, b'hal dik inkwistjoni. Il-Kummissjoni wiegħbet li kellha l-intenzjoni li tistaqsi lis-Segretarju Ġenerali, f'waħda mil-laqqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi li ġejjin, għal introduzzjoni ta' emenda tar-Regoli Ġenerali tal-Iskejjel biex tippermetti appelli b'hal dawn.

2153/2004/MF ■

Rapporti Speċjali

Jekk korp jew istituzzjoni Komunitarja tonqos milli twieġeb b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport

Jekk korp jew istituzzjoni Komunitarja tonqos milli twieġeb b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew.

speċjali jista' jinkludi xi rakkomandazzjonijiet.

Kif intwera fir-*Rapport Annwali tal-1998* tal-Ombudsman Ewropew, il-possibbiltà li jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa ta' valur kbir għall-ħidma tal-Ombudsman.

Rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa l-aħħar pass sostantiv li jista' jieħu l-Ombudsman meta jkun qed jinvestiga każ, minħabba li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Parlament huma kwistjonijiet għall-ġudizzju politiku tal-istituzzjoni kkonċernata¹³. L-Ombudsman naturalment jipprovdi kwalunkwe informazzjoni u assistenza li tkun meħtieġa mill-Parlament fl-indirizzar ta' rapport speċjali.

Ir-Regoli tal-Parlament Ewropew jgħabbu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet bir-responsabbiltà għar-relazzjonijiet tal-Parlament mal-Ombudsman. Waqt laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li saret fit-12 ta' Ottubru 2005, l-Ombudsman, b'konformità mal-Artikolu 195(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, qabel li jidher quddiem il-Kumitat fuq talba tiegħu stess, kull meta jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

Fl-2008 ġie ppreżentat rapport speċjali wieħed lill-Parlament. Deskrizzjoni qasira tiegħu tinsab hawn taħt.

Diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età fir-rigward ta' interpreti indipendenti

Interpreti indipendenti Belġjan li kien impjegat mill-istituzzjonijiet għal konferenzi u laqgħat speċifiċi għal aktar minn 35 sena ilmenta mal-Ombudsman wara li waqaf jirċievi offerti ta' xogħol malli għalaq 65 sena. L-Ombudsman ikkonferma li dan kien każ ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età. Bi tweġiba għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu, il-Parlament qabel li jibdel il-prattika tiegħu (każ 186/2005/ELB). Il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, filwaqt li rrifjutat li tbiddel il-prattika tagħha, naqset li tiġġustifika b'mod adegwat ir-raġuni wara t-trattament differenti ta' interpreti b'hal dan li għandhom 'il fuq minn 65 sena. Minħabba li l-każ qajjem kwistjoni ta' prinċipju importanti, l-Ombudsman issottometta rapport speċjali lill-Parlament.

185/2005/ELB ■

3.4 Każijiet saljenti li jagħtu eżempju tal-aħjar prassi

Tmien każijiet li ngħalqu fl-2008 jikkostitwixxu eżempji ċari tal-aħjar prassi u ntgħażlu b'hal każijiet saljenti. Dawn iservu b'hal mudell għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE fir-rigward ta' x'inhi l-aħjar reazzjoni għall-kwistjonijiet imqajma mill-Ombudsman.

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EpsO) qabel li jiżvela lill-kandidati, fuq talba tagħhom, il-kriterji ta' evalwazzjoni użati fil-proċeduri tal-għażla, kif ukoll it-tqassim tal-marki individwali. Dan seħħ wara investigazzjoni fuq inizjattiva personali tal-Ombudsman, li faħħar lill-

13. Biex nagħtu eżempju, fl-2008, il-Parlament adotta riżoluzzjoni li tappoġġja s-sejbiet tal-Ombudsman fir-rapport speċjali tiegħu fil-każ 1487/2005/GG. Dan kien jirrigwarda s-sistema lingwistika għall-websajts tal-Presidenzi tal-Kunsill.

EPSO talli adotta approċċ trasparenti bħal dan (OI/5/2005/PB). L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) irreaġixxa b'mod kostruttiv għal talba għall-aċċess ta' dokumenti. Permezz tal-ħruġ

Tmien każijiet li nġhalqu fl-2008 jikkostitwixxu eżempji ċari tal-aħjar prassi u ntgħażlu bħala każijiet saljenti. Dawn iservu bħala mudell għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE fir-rigward ta' x'inhi l-aħjar reazzjoni għall-kwistjonijiet imqajma mill-Ombudsman.

ta' żewġ verżjonijiet tar-rapport rilevanti, wieħed bid-dejta personali tal-ilmentatur u l-ieħor mingħajr, dan ikkonforma mar-regoli tal-UE dwar l-aċċess għad-dokumenti, filwaqt li wera approċċ orjentat lejn iċ-ċittadin (754/2007/BU). F'każ ieħor li jikkonċerna l-aċċess għad-dokumenti u għall-informazzjoni, ċittadina Awstrijaka ilmentat mal-Ombudsman rigward informazzjoni nieqsa

li kienet irċeviet mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Wara l-intervent tal-Ombudsman, ir-Reġistru baġhat lill-ilmentatriċi ittra b'informazzjoni aktar dettaljata u kkonferma lill-Ombudsman li kien inkluda dawn l-indikazzjonijiet addizzjonali fl-ittra standard ta' każijiet simili (2448/2008/WP, ara wkoll Taqsima 2.5 hawn fuq).

L-Ombudsman faħħar lill-Kummissjoni f'żewġ każijiet kuntrattwali għall-approċċ kostruttiv tagħha. F'każ li kien jikkonċerna tilwima dwar ħlas ma' kumpanija Taljana fuq proġett tal-UE biex tippovdi ilma għal persuni spostati fil-Liberja, il-Kummissjoni kienet eżawrjenti u kostruttiva matul il-proċedura kollha, saħansitra sal-punt li aċċettat ħlasijiet addizzjonali rilevanti identifikati mis-servizzi tagħha stess u mill-ilmentatur. B'riżultat ta' dan, il-Kumpanija Taljana rċeviet aktar minn EUR 100 000 (3490/2005/(ID)PB). F'każ li kien jikkonċerna istitut Awstrijakk involut f'kuntratt ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tal-inġinerija kimika, il-Kummissjoni qablet li tħallas EUR 54 000. Dan seħħ wara t-talba tal-Ombudsman li hija terġa' tikkunsidra r-rifjut li tħallas somma pendenti minħabba li ma kinitx irċeviet id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż finali fil-ħin (3784/2006/FOR). Fil-każ 2672/2008/VL, l-Ombudsman uża proċedura simplifikata ta' investigazzjoni u kien imħeġġeġ ġara li l-Kummissjoni wiegħbet b'mod pożittiv billi solviet b'mod mgħaġġel u eżemplari, tilwima kontenzjuża bl-e-mail li kienet seħħet bejn riċerkatur akkademiku u uffiċjal tal-Kummissjoni (ara wkoll it-Taqsima 2.5 hawn fuq).

Eżempji oħrajn tal-aħjar prassi jinkludu każ 1162/2007/FOR, fejn il-Kunsill qabel li jagħmel pagament *ex gratia* ta' EUR 1 000 bħala rikonoxximent tal-inkonvenjenza u l-istress li soffra l-ilmentatur. Il-Kunsill, fil-bidu kien offra lill-ilmentatur kuntratt ta' sena u mbagħad bidel il-kundizzjonijiet meta huwa induna li l-ilmentatur kien sejjer jagħlaq 65 sena matul dak il-perijodu (ara wkoll it-Taqsima 3.3 hawn fuq). Fl-aħjar nett, għat-tielet sena konsekuttiva, ir-reazzjoni tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA) għal ilment li tressaq għall-attenzjoni tagħha għandha tkun imfahhira. Fil-każ 893/2006/BU, l-EASA mhux biss skużat ruħha għall-iżball li kienet għamlet fil-proċedura ta' għażla, iżda wkoll qablet li tagħti lill-ilmentatur l-informazzjoni li talab u kkommettiet ruħha li tagħmel l-istess fi proċeduri futuri.

3.5 Analiżi tematika tal-investigazzjonijiet magħluqa

Normalment, id-deċiżjonijiet li jagħluq l-każijiet jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk differenti minn din, fil-lingwa tal-ilmentatur.

Fl-2008, l-Ombudsman adotta format ġdid u struttura ġdida għad-deċiżjonijiet tiegħu, li, filwaqt li żammew il-fatti u l-analiżi essenzjali, iqassru t-testi, jagħmluh aktar faċli biex jinqara, u għalhekk aktar aċċessibbli.

Fl-2008, l-Ombudsman adotta format ġdid u struttura ġdida għad-deċiżjonijiet tiegħu, li, filwaqt li żammew il-fatti u l-analiżi essenzjali, iqassru t-testi, jagħmluh aktar faċli biex jinqara, u għalhekk aktar aċċessibbli.


Għadd magħżul ta' każijiet huma disponibbli fuq il-websajt tal-Ombudsman f'forma qasira fit-23 lingwa uffiċjali tal-UE kollha. Dawn is-sommarji jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet u korpi Komunitarji koperti mit-355 deċiżjoni li għalqu każijiet fl-2008, kif ukoll ir-raġunijiet differenti għall-ġheluq tal-każijiet.

Din it-taqsima tanalizza l-aktar sejbiet sinifikanti tal-liġi u tal-fatti li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-Ombudsman li għalqu l-investigazzjonijiet fl-2008. Hija organizzata f'termini ta' klassifikazzjoni tematika tas-suġġett ewlieni tal-investigazzjonijiet, mibnija madwar seba' kategoriji prinċipali:

- Trasparenza, aċċess pubbliku u dejta personali;
- Il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat;
- Is-sejħiet għall-offerti u l-għotjiet;
- Attwazzjoni ta' kuntratti;
- Amministrazzjoni u regolamenti tal-persunal;
- Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla; u
- Kwistjonijiet istituzzjonali, ta' politika u oħrajn.

Għandu jkun innutat li hemm konverġenzi sostanzjali fost dawn il-kategoriji. Pereżempju, kwistjonijiet ta' trasparenza jitqajmu spiss f'ilmenti li jikkonċernaw ir-reklutaġġ jew l-irwol tal-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat. Għandu jkun innutat ukoll li l-kategoriji mhumiex elenkati fl-istess ordni li jidhru fiha fil-Figura 3.11¹⁴.

Figura 3.11: Suġġett tal-investigazzjonijiet



■ Trasparenza, aċċess pubbliku u dejta personali

Kif intqal fid-daħla għal dan ir-Rapport, l-Ombudsman jaġixxi bħala għassies tat-trasparenza. Din it-taqsimat tanalizza d-deċiżjonijiet tal-Ombudsman fl-2008 dwar ilmenti li jikkonċernaw (i) l-aċċess

Kif intqal fid-daħla għal dan ir-Rapport, l-Ombudsman jaġixxi bħala għassies tat-trasparenza.

pubbliku għad-dokumenti, (ii) l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, u (iii) l-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tas-suġġetti tad-dejta li jkollhom aċċess għad-dejta tagħhom.

Aċċess pubbliku għad-dokumenti

L-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirreferi għad-deċiżjonijiet fl-Unjoni li jittieħdu "b'mod miftuħ kemm jista' jkun", filwaqt li l-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE jipprovdi għad-dritt tal-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni. Dan id-dritt huwa rregolat permezz tar-Regolament 1049/2001¹⁵. Fit-30 ta' April 2008, il-Kummissjoni għamlet proposta¹⁶ li temenda u tissostitwixxi r-Regolament 1049/2001. Il-Kapitolu 4 hawn taħt jirreferi

14. Il-Figura 3.11 tipprovdi informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet kollha *miftuħa* fl-2008 ibbażati fuq is-suġġett, filwaqt li l-analiżi tematika tipprovdi ħarsa ġenerali tas-sejbiet l-aktar sinifikanti li jinsabu f'għażla ta' każijiet li *ngħalqu* fl-2008. Il-graff tpoġġiet f'din it-taqsimat biex tagħti lill-qarrej indikazzjoni tal-importanza tas-suġġett diskuss f'dak li jirrigwarda l-ammont totali tal-każijiet tal-Ombudsman.

15. Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

16. COM(2008) 229 finali.

għall-parteċipazzjoni tal-Ombudsman fid-dibattitu pubbliku li jirrigwarda l-proposta tal-Kummissjoni.

Wara investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali tal-Ombudsman fl-1996 u fl-1999, bosta istituzzjonijiet u korpi Komunitarji oħra adottaw regoli dwar l-aċċess għad-dokumenti.

Ir-Regolament 1049/2001 jagħti lill-applikanti għażla ta' rimedju: dawn jistgħu jisfidaw rifjut totali jew parzjali ta' aċċess jew permezz ta' proċeduri fil-qorti skont l-Artikolu 230 tat-Trattat tal-KE, kif ukoll billi jippreżentaw ilment lill-Ombudsman. Matul l-2008, l-Ombudsman għalaq investigazzjonijiet dwar 12-il ilment li kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001, li sitta minnhom kienu kontra l-Kummissjoni Ewropea, tnejn kontra l-Parlament Ewropew, tnejn kontra l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), wiehded kontra l-Europol, u wiehded kontra l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMEA).

Ħames ilmenti kienu jinvolvu allegazzjonijiet ta' dewmien. Il-Kummissjoni talbet apoloġija għal dewmien fit-trattament ta' żewġ applikazzjonijiet. Fil-każ **255/2007/PB**, din spjegat li s-servizz ikkonċernat kellu ammont kbir ta' xogħol minħabba r-riforma fir-Regolament 1049/2001 u assigurat lill-Ombudsman li dan ser ikun organizzat u msaħħa mill-ġdid permezz tar-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali. Fil-każ **2420/2007/BEH**, il-Kummissjoni skużat ruħha għan-nuqqas tagħha li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni ta' konferma tal-ilmentatur. L-ilmentatur aċċetta l-ispejgazzjoni tagħha rigward ir-raġuni l-għala ma setgħetx tagħti aċċess għad-dokument ikkonċernat. L-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni fil-każ **3208/2006/GG** talli naqset li tistabbilixxi reġistru komprensiv tad-dokumenti li tipproduċi jew tirċievi, kif mitlub mir-Regolament 1049/2001. Minħabba li reġistru bħal dan kellu jkun diġà stabbilit sa mill-2002, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni sabiex taġixxi malajr u l-Parlament Ewropew, f'riżoluzzjoni, appoġġja t-talba tal-Ombudsman. Il-każ **1161/2007/TN** kien jikkonċerna applikazzjonijiet għall-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMEA). L-Ombudsman ikkunsidra li d-distinzjoni u l-kategorizzazzjoni magħmula mill-EMEA dwar jekk it-talbiet kinux jirrigwardaw aċċess għal dokumenti jew aċċess għal informazzjoni kienet waħda raġonevoli. Għalkemm kien tal-opinjoni li kien hemm xi ftit dewmien fit-tweġiba għal tnejn mit-talbiet għall-informazzjoni, b'mod ġenerali, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. Fil-każ **111/2008/TS**, li ġie indirizzat permezz ta' proċedura simplifikata ta' investigazzjoni, l-Europol offriet apoloġija għal dewmien li ħadet biex tindirizza applikazzjoni u tat aċċess għad-dokument mitlub.

Fil-każ **2681/2007/PB**, l-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni għall-fatt li ċaħdet l-eżistenza ta' ċertu dokument waqt investigazzjoni li saret aktar kmieni. Sussegwentement, din irrikonoxxiet l-eżistenza tad-dokument wara li l-ilmentatur irċieva kopja minn sors ieħor. L-Ombudsman indika li l-preżunzjoni tal-verità tad-dikjarazzjoni fattwali tal-amministrazzjoni li ċertu dokument mitlub ma jeżistix timplika dmir partikolarment strett ta' attenzjoni biex tkun żgurata l-eżattezza ta' tali dikjarazzjonijiet.

L-Ombudsman tratta sitt ilmenti li kienu jikkonċernaw ir-rifjut għall-aċċess. Fil-każ **3824/2006/IP**, il-Kummissjoni aċċettat il-proposta tal-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli, li kienet tinvolvi l-għoti tal-aċċess għad-dokumenti mitluba. Il-Kummissjoni solviet ukoll il-każ **1452/2007/PB** billi tat aċċess. Fil-każ **3398/2006/PB**, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) qabel li jagħti aċċess parzjali għad-dokument inkwistjoni.

Tliet każijiet kienu jinvolvu l-Artikolu 4(1) (b)¹⁷ tar-Regolament 1049/2001. L-Ombudsman ikkonsulta mas-Sorveljatur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) fuq dawn l-ilmenti, skont il-Memorandum ta' Fehim iffirmit fit-30 ta' Novembru 2006.

Fil-każ **152/2007/GG**, l-OLAF irrifjuta l-applikazzjoni tal-ilmentatur għall-aċċess ta' dokument li kien jikkonċerna l-estensjoni tal-issekondar ta' impjegat taċ-ċivil nazzjonali mal-OLAF. Fuq il-bażi ta' spezzjoni tad-dokument, l-Ombudsman ikkunsidra li aċċess pubbliku għad-dokument sħiħ seta' fil-fatt u b'mod speċifiku jfixkel il-protezzjoni tal-privatezza u tal-integrità tal-persuni kkonċernati. Minħabba li l-ilmentatur għamilha ċara li ma xtaqx ikompli bl-ilment, l-Ombudsman ikkunsidra li ma kien hemm ebda bażi għal investigazzjonijiet ulterjuri.

¹⁷ "L-istituzzjoni għandha tirrifjuta l-aċċess għal dokument fejn l-iżvelar ifixkel: (...) (b) il-protezzjoni tal-privatezza u tal-integrità tal-individwu, b'mod partikolari skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tad-dejta personali."

Iż-żewġ każijiet l-oħra kienu jikkonċernaw ilment kontra l-Parlament Ewropew li tqajmu minn talbiet li l-Parlament għażel li jittratta fil-qafas tar-Regolament 1049/2001. Id-deċiżjonijiet li għalqu ż-żewġ każijiet saru fl-istess jum.

Il-każ **3643/2005/WP** kien jikkonċerna t-talba ta' ġurnalista għal informazzjoni rigward allowances imħallsa lill-MPES Maltin. Il-Parlament ma aċċettax it-talba fuq bażi ta' protezzjoni tad-dejta. L-EDPS ta parir li għalkemm l-MPES m'għandhomx ikunu miċħuda mid-dritt tagħhom ta' privatizza, il-kunsiderazzjoni bażika kellha tkun li l-pubbliku għandu dritt li jkun infurmat dwar l-imġiba tagħhom u b'mod speċjali dwar in-nefqa tal-fondi pubbliċi li jiġu fdati lilhom. L-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni li l-informazzjoni mitluba tiġi żvelata. Il-Parlament aċċetta biss parti mill-abbozz ta' rakkomandazzjoni, filwaqt li rrifjuta l-bqija billi bbaża fuq interpretazzjoni legali tar-relazzjoni bejn ir-Regolament 1049/2001 u r-Regolament 45/2001¹⁸ li l-Ombudsman qies inkonsistenti mas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-każ tal-*Bavarian Lager*¹⁹.

Fil-każ **655/2006/ID**, il-Parlament irrifjuta li jagħti lill-ilmentatur aċċess għal-lista ta' membri tal-Iskema tal-Pensjoni Addizzjonali għall-MPE. L-Ombudsman għamel sejba preliminari ta' amministrazzjoni ħażina u ppropona soluzzjoni amikevoli, li l-Parlament irrifjuta. Minħabba li l-Parlament ma aċċettax fi plenarja proposta konkreta mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li jippubblika l-lista ta' ismijiet, l-Ombudsman għalaq il-każ fuq il-bażi li, b'dan l-aġir, il-Parlament bidel il-kwistjoni f'każ ta' responsabbiltà politika, li għalih huwa jrid iwieġeb lill-elettorat u mhux lill-Ombudsman, kif inhu xieraq.

Aċċess pubbliku għall-informazzjoni

L-Ombudsman ittratta disa' investigazzjonijiet dwar ilmenti li kienu jallegaw in-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni²⁰. F'żewġ każijiet, l-Ombudsman sab li fil-fatt il-Parlament kien ipprova l-informazzjoni mitluba. Is-seba' każijiet l-oħra ingħalqu minħabba li l-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati pprovdew l-informazzjoni bħala riżultat tal-investigazzjoni tal-Ombudsman. Erba' mill-każijiet kienu jinvolvu lill-Kummissjoni, wiehded kien jinvolvi lill-OLAF u tnejn kienu jinvolvu lill-Qorti tal-Ġustizzja. Erba' minn dawn il-każijiet ġew trattati permezz ta' proċedura simplifikata ta' investigazzjoni.

Il-protezzjoni tad-dejta

Minbarra l-każijiet imsemmija hawn fuq li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) (b) tar-Regolament 1049/2001, l-Ombudsman ħa tliet deċiżjonijiet fuq ilmenti li qajmu kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta.

Fil-każ **1129/2007/MF**, l-ilmentatriċi staqsiet lill-Kummissjoni għal dettalji tas-salarju tal-ex raġel tagħha (uffiċjal tal-Kummissjoni) sabiex tużahom fi proċeduri ta' divorzju. Għalkemm il-Kummissjoni rrifjutat li tipprova l-informazzjoni, billi kkwotat raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta, għamlitha ċara li taċċetta kwalunkwe talba għall-informazzjoni minn awtorità ġudizjarja kompetenti. L-Ombudsman ikkunsidra l-pożizzjoni tal-Kummissjoni bħala waħda raġonevoli.

B'konformità mad-dispożizzjoni espliċita tal-Artikolu 2(7) tal-Istatut tiegħu, l-Ombudsman għalaq il-każ **2585/2006/BU**, li fih l-ilmentatur allega li l-Kumitat tar-Reġjuni kien qed jipproċessa b'mod illegali dejta personali li kienet tikkonċerna l-finanzi privati tiegħu, meta l-ilmentatur ġab proċeduri legali kontra l-Kumitat. Madankollu, l-investigazzjoni pprovdiet l-opportunità li jiġu ċċarati kwistjonijiet importanti mill-EDPS rigward id-dritt li wiehded jaċċessa l-fajl personali u li jitlob li tiġi rranġata dejta li mhix eżatta jew kompluta.

➔➔➔ Fil-każ **754/2007/BU**, l-ilmentatur iddikjara li l-OLAF għandu jibgħatlu r-rapport finali ta' investigazzjoni li kien fetaħ fuq il-bażi ta' informazzjoni li kien ipprova l-ilmentatur. L-OLAF ipprova kopja tar-rapport finali, li minnu neħħa informazzjoni li kienet protetta mill-iżvelar skont

18. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU 2001 L 8, p. 1.

19. Każ T-194/04 *Bavarian Lager vs il-Kummissjoni* [2007] ECR II-4523.

20. Bosta każijiet oħra ta' nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni issolvew permezz ta' kuntatt telefoniku dirett mal-istituzzjoni inkwistjoni (ara t-Taqsima 2.5 hawn fuq).

ir-Regolament 1049/2001, inkluż dejta personali tal-ilmentatur. Ipprovda wkoll kopja oħra, biex tintbagħat biss lill-ilmentatur, li fiha kienet tħalliet id-dejta personali tiegħu. L-Ombudsman ikkunsidra li l-OLAF kien aġixxa kif xieraq, għalaq il-każ u inkludih fil-lista tiegħu ta' każijiet saljenti għas-sena 2008. <<<

■ Il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat

Ir-regola tal-liġi hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Wieħed mid-dmirijiet l-aktar importanti tal-Kummissjoni huwa li tkun l-għassiesa tat-Trattat²¹. L-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE

L-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE joħloq proċedura ġenerali li biha l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirrikorri għall-Qorti tal-Ġustizzja għal kull ksur li jista' jkun hemm tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri.

joħloq proċedura ġenerali li biha l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirrikorri għall-Qorti tal-Ġustizzja għal kull ksur li jista' jkun hemm tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tinvestiga minn jeddha, fuq il-bażi tal-ilmenti, jew b'reazzjoni għat-talbiet mill-Parlament Ewropew sabiex tittratta petizzjoni

indirizzati lilha skont l-Artikolu 194 tat-Trattat tal-KE. Jistgħu jiġu applikati proċeduri oħrajn fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi bħalma huma l-għajnuna illegali mill-istat.

L-Ombudsman jirċievi u jaħdem fuq ilmenti kontra l-Kummissjoni fl-irwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattat. Meta l-Ombudsman jiftaħ investigazzjoni fuq tali ilment, dejjem joqgħod attent sabiex jagħmilha ċara lill-ilmentatur, fejn ikun meħtieġ, li l-investigazzjoni mhix ser teżamina jekk hemmx ksur jew le, għaliex l-Ombudsman Ewropew m'għandux mandat biex jinvestiga l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. L-investigazzjoni tal-Ombudsman hija diretta biss lejn l-eżami tal-imġiba tal-Kummissjoni fl-analiżi u l-indirizzar tal-ilment ta' ksur li l-ilmentatur ikun ressaq quddiemha. L-Ombudsman jista' jittratta kemm l-aspetti proċedurali kif ukoll dawk sostantivi tal-imġiba tal-Kummissjoni. Madankollu, l-investigazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Ombudsman jirrispettaw bis-sħiħ is-setgħat ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni, rikonoxxuti permezz tat-Trattati u l-ġurisprudenza tal-qrati tal-Komunità, meta din tiddeċiedi jekk tagħtix bidu jew le għal proċedura ta' ksur u li ggħib każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra l-Istat Membru kkonċernat.

Fir-rigward tal-obbligi proċedurali tal-Kummissjoni lejn l-ilmentaturi, il-punt ta' referenza ewlieni tal-Ombudsman hija Komunikazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni fl-2002²². Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi ċertu numru ta' obbligi proċedurali relatati mar-reġistrazzjoni tal-ilmenti sottomessi lill-Kummissjoni u l-eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu, kif ukoll limiti ta' żmien għat-trattament tal-ilmenti u sabiex l-ilmentaturi jiġu infurmati. Din il-Komunikazzjoni nħarġet fl-2002, bħala tweġiba għall-investigazzjonijiet u l-kritiki preċedenti li l-Ombudsman kien esprima lill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. L-Ombudsman jikkunsidra li din il-Komunikazzjoni hija pass 'il quddiem importanti ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mat-tkabbir tal-fiduċja li ċ-ċittadini għandhom fil-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat. Fl-2008, ir-reviżjoni tal-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tapplika r-regoli tagħha stess turi ċertu numru ta' nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni. Ftir eżempji li jispjegaw dan huma ippreżentati u analizzati hawn taħt.

Kifidentifikat fis-segwitu ta' rimarka kritika magħmula fil-qafas tad-deċiżjoni fil-każ **880/2005/TN**, hemm verżjonijiet lingwistiċi differenti tal-punt 8 tal-Komunikazzjoni. Filwaqt li l-verżjoni Ingliża u dik Żvediża jipprevedu li l-istituzzjoni tinforma lill-ilmentatur meta din tkun għadha ma ħaditx deċiżjoni fuq is-suġġett tal-ilmentatur fi żmien sena²³, il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn iżidu li dan l-obbligu jeżisti biss jekk l-ilmentatur jitlob dan. Il-Kummissjoni tqis li l-verżjonijiet lingwistiċi t-tajba huma dawk li jipprevedu l-ħtieġa għal talba speċifika mill-ilmentaturi. L-Ombudsman jikkunsidra li, fid-dawl tat-tieni sentenza ta' dan il-punt, din ma kinitx l-intenzjoni tal-Kummissjoni meta adottat

21. L-Artikolu 211 tat-Trattat tal-KE jeħtieġ lill-Kummissjoni li "tassigura li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-miżuri meħudin mill-istituzzjonijiet ikunu applikati kif xieraq".

22. Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-ilmentatur fir-rigward tal-ksur tal-liġi Komunitarja, ĠU 2002 C 244, p. 5.

23. "Bħala regola ġenerali, id-dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom jinvestigaw ilmenti... fi żmien mhux aktar minn sena mid-data ta' reġistrazzjoni... Fejn dan il-limitu ta' żmien jinqabeż, id-dipartiment tal-Kummissjoni responsabbli mill-każ għandu jinforma lill-ilmentatur bil-miktub."

il-Komunikazzjoni. L-istess problema tfaċċat fl-investigazzjoni fil-każ **3737/2006/(BM)JMA**, li kien jikkonċerna l-liġi Spanjola dwar żidiet fit-tassazzjoni kapitali. Il-Kummissjoni damet sentejn biex toħroġ opinjoni raġunata lill-awtoritajiet Spanjoli u naqset li tinforma lill-ilmentatur wara sena li rreġistrat l-ilment. L-Ombudsman ħareġ rimarka kritika kif ukoll rimarka ulterjuri, bis-suġġeriment li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tadotta l-approċċ li ġej: tista' tinforma liċ-ċittadini dwar l-istandards ta' amministrazzjoni tajba li għandhom ikunu segwiti mis-servizzi tagħha fl-investigazzjoni ta' proċeduri ta' ksur. Dawn l-istandards jistgħu jinkludu stimi taż-żmien meħtieġ biex jiġu investigati ilmenti wara li tkun inħarġet l-ittra ta' notifika formali, jew l-informazzjoni li għandha tingħata lill-ilmentaturi wara li tkun intbagħtet tali ittra.

Il-kwistjoni ta' informazzjoni mhux adegwata hija problema rikorrenti osservata fl-investigazzjonijiet tal-Ombudsman fil-mod kif il-Kummissjoni tittratta mal-ilmenti tal-Artikolu 226 ippreżentati miċ-ċittadini. Fil-każ **885/2007/JMA**, l-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni minħabba li naqset li twieġeb għall-ittra tal-ilmentatur wara li ħabbritlu l-intenzjoni tagħha li tagħlaq l-investigazzjoni dwar l-ilment tiegħu. Il-Kummissjoni naqset ukoll li tinformah li l-każ ingħalaq formalment. L-istess tip ta' nuqqas ta' infurmar lill-ilmentatur ġie osservat fil-każ **2697/2006/(ID)MF**, iżda l-Ombudsman għalaq l-investigazzjoni mingħajr ma għamel rimarka kritika minħabba li l-Kummissjoni talbet apoloġija għan-nuqqas tagħha.

Dejjem rigward l-obbligi proċedurali kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni, l-Ombudsman, fil-każ **1512/2007/JMA**, għamel rimarka ulterjuri, li fiha, filwaqt li kkonferma li ma kien hemm l-ejda amministrazzjoni ħażina fit-trattament tal-ilment mill-Kummissjoni, stieden lill-istituzzjoni biex tipprova timplimenta punt 4(5) tal-Komunikazzjoni tagħha billi tispjega lill-ilmentaturi l-forom alternattivi possibbli ta' riżarċiment f'każijiet ta' allegat ksur tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri.

Problema oħra rikorrenti osservata fl-investigazzjonijiet tal-Ombudsman f'dan il-qasam tirrigwarda r-reġistrazzjoni tal-ilmenti. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tipprevedi l-obbligu li tirreġistra l-ilmenti li tirċievi fir-reġistru ċentrali (punt 3(1) tal-Komunikazzjoni). L-eċċezzjonijiet għal dan l-obbligu huma elenkati fil-paragrafu li ġej: "fejn hemm dubju dwar in-natura ta' oġġett ta' korrispondenza, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni għandu jikkonsulta lid-dipartiment(i) kkonċernat(i) fi żmien 15-il ġurnata kalendarji minn meta tkun waslet. Jekk id-dipartiment(i) jonqos/jonqsu li jwieġeb/jwieġbu fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol, l-ilment għandu jiġi reġistrat formalment fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti." Dan l-obbligu ċar qajjem bosta problemi. Pereżempju, l-Ombudsman skopra li l-ittri taċ-ċittadini ma kinux reġistrati bħala ilmenti, anki jekk dawn kienu maħsuba b'mod ċar bħala tali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma invokatx raġunijiet speċifiċi għaliex m'għamlitx dan. Dan kien il-każ fl-investigazzjoni **2152/2006/OV**, fejn il-Kummissjoni aċċettat proposta ta' soluzzjoni amikevoli biex tirreġistra l-ilment. Madankollu, fil-każ **2914/2006/WP** li kien jikkonċerna l-liġi tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni rrifjutat li tammetti li għamlet żball. Għalkemm identifikat u invokat eċċezzjoni partikolari għall-obbligu li ssir reġistrazzjoni, baqgħet tinsisti li ma kinitx obligata tagħmel dan. Hija kkunsidrat ukoll li ma kinitx obligata tinforma lill-ilmentatur dwar ir-raġunijiet għaliex ma rreġistratx l-ilment. L-istess tip ta' problema li tirrigwarda n-nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' ilment, u n-nuqqas ta' informazzjoni lill-ilmentatur dwar ir-raġunijiet għaliex dan ma sarx, seħħ fil-każ **431/2008/ELB**. F'dan il-każ partikolari, il-kwistjoni sostantiva kienet qed tiġi trattata mill-Parlament bħala petizzjoni u l-Ombudsman ma nvestigahix. Madankollu, huwa għalaq il-każ b'rimarka ulterjuri li fiha fakkar lill-Kummissjoni dwar l-obbligi tagħha kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni.

L-Ombudsman jista' wkoll jirrevedi l-analiżijiet u l-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni meta din tinvestiga ilmenti ta' ksur. Ir-reviżjoni tal-Ombudsman hija mmirata li tivverifika jekk il-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni humiex raġonevoli u jekk humiex argumentati sew u spjegati bir-reqqa lill-ilmentaturi. F'każ li l-Ombudsman ma jaqbilx b'mod fundamentali mal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, huwa jistqarr dan iżda jenfasizza wkoll li l-ogħla awtorità fl-interprettazzjoni tal-liġi Komunitarja hija l-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, nuqqas ta' qbil bħal dan huwa rari. Fil-parti l-kbira tal-każijiet imsemmija hawn fuq, l-Ombudsman ikkunsidra li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-każ hija waħda tajba.

Fil-każ **841/2008/BEH**, l-ilmentatur, produttur ta' xarba alkoħolika li titħallat, ikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq każ li kien jikkonċerna allegat ksur tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-oġġetti. L-Ombudsman ikkunsidra li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet waħda raġonevoli, bil-konsiderazzjoni dovuta tal-fatt li l-Istati Membri jgawdu marġini ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 30 tat-Trattat tal-KE. Każ **1551/2007/JMA** wkoll kien jikkonċerna din id-dispożizzjoni tat-Trattat, u, b'mod aktar speċifiku, l-investigazzjoni ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet Franċiżi li jipprojbixxu l-importazzjoni tal-bajd minn Spanja wara każ ta' salmonella. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet irrispettat ir-rekwiżiti proċedurali kollha stabbiliti fil-Komunikazzjoni li ssemiet qabel u kkunsidra bħala waħda raġonevoli, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li huma l-Istati Membri li jiddeċiedu l-livell xieraq ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, filwaqt li jikkunsidraw l-effetti avversi potenzjali ta' prodott u d-dejta xjentifika disponibbli.

Il-każ **885/2007/JMA** kien jikkonċerna proġett fil-gżejjer Kanarji li seta' jkollu impatt ambjentali negattiv fuq żewġ żoni klassifikati bħala "Siti ta' Importanza Komunitarja". L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni ma kinitx ikkunsidrat l-informazzjoni rigward siti alternattivi oħra. L-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet analizzat it-tfassil tal-ilmentatur fid-dettall u kienet spjegat ir-raġunijiet li wassluha biex tikkonkludi li, ħlief għal ċerti kundizzjonijiet, il-proġett inkwistjoni seta' jkompli. Madankollu, huwa kkritika lill-Kummissjoni talli naqset li twieġeb għall-aħħar ittra tal-ilmentatur, li tindirizza l-argumenti speċifiċi li saru f'dik l-ittra, u li tgħarrafa lill-ilmentatur dwar l-għeluq formali tal-ilment tiegħu.

Il-każ **789/2005/(GK)ID** kien jikkonċerna allegat ksur mill-awtoritajiet Griegi tad-Direttiva tal-Komunità li tikkonċerna l-istudji ta' evalwazzjoni tal-impatt ambjentali (EIAS) rigward il-bini tal-linji tat-tram ta' Atena. L-Ombudsman ippropona li l-Kummissjoni tikkunsidra li terġa' teżamina l-argumenti tal-ilmentatur rigward l-adekwatezza u l-proprietà tal-EIA. Issuġġerixxa wkoll li terġa' tikkunsidra jekk ingħatatx pubbliċità biżżejjed għall-konsultazzjoni pubblika rilevanti. Il-Kummissjoni rrifjutat li ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman u dan għalaq il-każ b'żewġ rimarki kritiċi.

Fil-każ **2152/2006/OV**, pensjonant Olandiż li jgħix Franza ilmenta mal-Kummissjoni li l-Olanda kienet qed tikser ir-regoli tal-Komunità dwar il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Kif diġà ssemma f'din it-taqsim, il-Kummissjoni naqset li tirreġistra l-ilment u li twieġeb għall-punti essenzjali tiegħu. Hija għamlet dan wara l-intervent tal-Ombudsman. Madankollu, sostniet l-opinjoni tagħha fuq is-sustanza tal-każ. Fl-għeluq tal-każ, l-Ombudsman iddikjara li kellu fiduċja li, meta teżamina l-każ, il-Kummissjoni tikkunsidra kif xieraq l-aktar argumenti reċenti li qajjem l-ilmentatur u osserva li dan tal-aħħar seta' jressaq ilment ġdid jekk ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni dwar il-każ.

Fil-każ **3249/2006/(PB)WP**, ċittadin Ġermaniż ilmenta mal-Ombudsman wara li l-Kummissjoni rrifjutat li tiegħu azzjoni kontra l-Ġermanja talli din kienet kisret il-libertà tal-moviment tiegħu. Dan ġara wara tilwima fuq kont tat-taxxa. L-Ombudsman fakkar li l-għan prinċipali tal-proċeduri ta' ksur huwa li tiġi żgurata konformità fil-futur mal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri u li dawn il-proċeduri mhumiex maħsuba li jipprovdu kumpens lill-ilmentaturi rigward avvenimenti tal-imġhod. Huwa kkonkluda li ma kienx hemm raġuni għal investigazzjonijiet ulterjuri.

Il-każ **1962/2005/IP** kien jikkonċerna proġett ta' triq bypass li kien jikkonsisti fi tliet sezzjonijiet individwali. L-ilmentatur argumenta li r-regoli ambjentali li jinsabu fil-liġi Komunitarja ma ġewx segwiti qabel ingħata bidu għall-proċess ta' kostruzzjoni. Il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' ksur bid-dikjarazzjoni li ma kien hemm l-ebda ksur tal-liġi Komunitarja. L-Ombudsman sab li l-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-raġuni għaliex iddeċidiet li tagħlaq il-każ ma kinitx suffiċjenti u koerenti. Huwa għamel rimarka kritika.

■ Aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet

L-Ombudsman jitratta wkoll ilmenti dwar l-aġġudikazzjoni, jew in-nuqqas ta' aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet.

L-Ombudsman jitratta wkoll ilmenti dwar l-aġġudikazzjoni, jew in-nuqqas ta' aġġudikazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u għotjiet. Madankollu, jikkunsidra li l-istituzzjonijiet u, b'mod partikolari, il-kumitati ta' evalwazzjoni u l-awtoritajiet ta' aġġudikazzjoni fis-sejħiet għall-offerti, għandhom diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward tal-fatturi li huma jikkunsidraw meta jiddeċiedu jekk jagħtux kuntratt wara stedina ta' sejħa għall-offerti. Huwa jikkunsidra li l-eżami tiegħu ta' tali każijiet għandu jkun limitat għall-verifika ta' jekk kienx hemm konformità mar-regoli li jirregolaw il-proċedura, jekk il-fatti humiex korretti, u li mhemmx żball ovvjw ta' evalwazzjoni jew użu ħażin tal-poteri. Barra minn hekk, jista' jeżamina jekk l-istituzzjonijiet ikkonformawx mad-dmirijiet tagħhom li jagħtu raġunijiet u jekk dawn humiex koerenti u raġonevoli.

F'bosta każijiet fejn l-ilmentaturi allegaw ksur tar-regoli tas-sejħiet għall-offerti u sfidaw id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet li jagħmlu l-għotja, L-Ombudsman ikkonkluda l-investigazzjonijiet tiegħu bl-ebda sejba ta' amministrazzjoni hażina²⁴. Madankollu, huwa għamel rimarka ulterjuri f'każ wieħed bil-ħsieb li jtejjeb il-kwalità ta' proċeduri futuri²⁵, u għamel rimarka kritika f'każ ieħor minħabba li l-istituzzjoni kkonċernata naqset li tindika l-mekkaniżmi ta' appell kontra d-deċiżjonijiet meħuda²⁶.

Il-każ **546/2007/JMA** kien jikkonċerna l-esklużjoni ta' kumpanija minn bosta sejħiet għall-offerti maħruġa biex jiġi implimentat ċertu proġett. L-ilmentatur kien mexxa studju minn qabel ta' probabbiltà ta' attwazzjoni għal dan il-proġett partikolari u l-istituzzjoni kkunsidrat li kien hemm il-possibbiltà ta' kunflitt ta' interess. L-Ombudsman ikkunsidra li r-raġunijiet imressqa mill-istituzzjoni kienu raġonevoli u ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina.

Fil-każ **3113/2007/ELB**, offerent ġie eskluż minħabba li kien meqjus li ma kellux il-kapaċità ekonomika u finanzjarja xierqa biex jissodisfa l-kuntratt. L-Ombudsman fakkar li l-evalwazzjoni dwar jekk l-applikanti jissodisfawx il-kundizzjonijiet rilevanti hija r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni li tkun qed torganizza s-sejħa għall-offerti u li huwa m'għandux jibdel l-evalwazzjoni tal-amministrazzjoni ma' tiegħu. Huwa kkunsidra li l-istituzzjoni kienet ipprovdiet spjegazzjoni raġonevoli dwar il-pożizzjoni tagħha f'dan il-każ.

Fil-każ **3346/2005/MHZ**, li kien jirrigwarda offerta għall-forniment ta' sistema tal-IT, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni naqset li tagħti raġunijiet xierqa għar-rifjut tal-offerta tiegħu, applikat il-kriterji tal-għotja ħażin, u kkanċellat l-offerta għal raġunijiet mhux validi. L-Ombudsman ikkonferma l-ġestjoni ħażina tal-proċedura tal-offerti. Huwa kkritika lill-Kummissjoni talli rrifjutat il-proposta tiegħu għal soluzzjoni amikevoli, billi enfasizza li jkun possibbli għalih li jikseb riżultat aċċettabbli għaż-żewġ partijiet diment li l-istituzzjoni tkun lesta li tadotta approċċ amikevoli favur iċ-ċittadini.

Il-każ **2283/2004/GG** kien jikkonċerna NGO Ġermaniża, li tappoġġja r-refuġjati u l-vittmi tal-gwerra. Din kienet applikat mal-Kummissjoni biex tikkofinanzja bosta proġetti. L-Ombudsman sab, fost affarijiet oħra, li l-Kummissjoni naqset li tittratta l-applikazzjoni tal-ilmentatriċi b'mod ġust u objettiv u li kienet għamlet akkużi bla bażi ta' frodi kontra l-ilmentatriċi. Il-Kummissjoni talbet apoloġija għall-fatt li speċifikat biss ir-raġunijiet wara d-deċiżjonijiet tagħha kważi tliet snin wara li ġew adottati d-deċiżjonijiet u esprimiet id-dispaċir tagħha fir-rigward tal-eżaġerazzjoni tar-reazzjoni tagħha rigward l-akkuża ta' frodi. Hija ddikjarat ukoll li kienet tejbet is-sistema ta' verifika tal-eliġibbiltà tagħha b'mod konsiderevoli u talbet skuża wkoll għal xi wħud mill-azzjonijiet tagħha. Naqset, iżda, li tindirizza kif xieraq l-aktar istanzi serji ta' amministrazzjoni ħażina li ġew identifikati mill-Ombudsman. Huwa kompli billi kkritika lill-Kummissjoni, billi enfasizza li r-reazzjoni tagħha ma kinitx sejra tispira fiduċja la fost iċ-ċittadini u lanqas fost il-partijiet interessati kkonċernati.

24. Każijiet 118/2006/PB, 1667/2007/(BM)JMA, 494/2006/TN, 3006/2004/BB u 3114/2004/IP.

25. Każ 3148/2007/BEH.

26. Każ 2989/2006/OV.

■ L-Attwazzjoni ta' kuntratti

L-Ombudsman jikkunsidra li amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku jonqos li jaġixxi skont regola jew prinċipju li jorbot. Għaldaqstant tista' tinstab amministrazzjoni ħażina fir-rigward

L-Ombudsman jikkunsidra li amministrazzjoni ħażina sseħħ meta korp pubbliku jonqos li jaġixxi skont regola jew prinċipju li jorbot. Għaldaqstant tista' tinstab amministrazzjoni ħażina fir-rigward tal-issodisfar tal-obbligi li jitqajmu mill-kuntratti konklużi mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità.

tal-issodisfar tal-obbligi li jitqajmu mill-kuntratti konklużi mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità.

Madankollu, l-ambitu tar-reviżjoni li l-Ombudsman jista' jagħmel f'dawn il-każijiet huwa bilfors limitat. L-Ombudsman huwa tal-opinjoni li m'għandux ifittex li jiddetermina jekk kienx hemm ksur ta' kuntratt minn parti jew oħra, jekk ikun hemm tilwima fuq il-kwistjoni. Din il-kwistjoni tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv biss f'qorti ta' ġurisdiżjoni kompetenti, li jkollha

l-possibbiltà li tisma' l-argumenti tal-partijiet rigward il-liġi nazzjonali rilevanti u li tevalwa evidenza kunfliġġenti fuq kwalunkwe kwistjoni ta' fatt li jkun hemm tilwima fuqha.

F'każijiet li jikkonċernaw tilwim kuntrattwali, l-Ombudsman iqis li huwa ġġustifikat li jillimita l-investigazzjoni tiegħu għall-eżami ta' jekk il-korp jew l-istituzzjoni tal-Komunità tawhx rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tagħhom u għaliex jemmnu li l-pożizzjoni li hađu fil-kuntratt hija ġġustifikata. Jekk ikun il-każ, l-Ombudsman jikkonkludi li l-investigazzjoni tiegħu ma żvelat l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina. Din il-konklużjoni ma taffettwax id-dritt tal-partijiet li jitolbu li t-tilwima kuntrattwali tagħhom tiġi eżaminata u solvuta b'awtorità minn qorti ta' ġurisdiżjoni kompetenti. Jekk il-partijiet jagħmlu dan, l-Ombudsman jagħlaq l-investigazzjoni tiegħu minnufih mingħajr aktar evalwazzjoni, fid-dawl tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 2(7) tal-Istatut tiegħu²⁷.

Fuq il-bażi tal-eżami msemmi fuq, l-Ombudsman għalaq bosta investigazzjonijiet bl-ebda sejba ta' amministrazzjoni ħażina jew ikkunsidra li ma kinux ġustifikati aktar investigazzjonijiet. Il-każijiet ikkonċernati kienu jinkludu tilwim dwar ġranet tax-xogħol rikonoxxuti u aċċettati bħala bażi għall-pagament²⁸, tilwim dwar spejjeż eliġibbli u/jew ammonti li għandhom jiġu rkuprati jew imħallsa wara azzjonijiet ta' verifika tal-kontijiet²⁹, rifjut li jitħallsu l-interessi fuq dewmien fil-pagamenti³⁰ jew dewmien żejjed fil-pagamenti ta' qabel l-iffinanzjar ta' ċertu għotja³¹.

Fir-rigward ta' dewmien fil-pagamenti, bosta investigazzjonijiet ingħalqu bħala solvuti minħabba li l-istituzzjoni kkonċernata (il-Kummissjoni) kienet kapaċi tħallas lill-ilmentaturi u tissodisfa t-talbiet tagħhom, wara li l-Ombudsman beda l-investigazzjonijiet tiegħu³². Għandu jkun innutat li, fl-2008, l-Ombudsman għalaq investigazzjoni fuq inizjattiva personali (**01/5/2007/GG**) rigward dewmien biex il-Kummissjoni tagħmel pagament, liema investigazzjoni kkonkludiet li kien għad jeħtieġ li jsir progress f'dan il-qasam.

Tip ieħor ta' problemi li jittratta l-Ombudsman f'każijiet kuntrattwali huwa relatat mal-kuntratti partikolari li l-Kummissjoni tistabbilixxi għat-tweġġ ta' azzjonijiet u programmi iffinanzjati mill-

Fl-2008, l-istituzzjonijiet, u b'mod partikolari l-Kummissjoni, għamlu sforz kbir biex jaċċettaw soluzzjonijiet amikevoli proposti mill-Ombudsman f'tilwim kuntrattwali.

UE. Il-Kummissjoni tistabbilixxi relazzjoni kuntrattwali ma' ditta jew konsorzju partikolari li mbagħad jimplimenta l-proġett inkwistjoni billi juża subkuntratturi, esperti jew l-impjegati tiegħu stess. Xi wħud minn dawn il-kuntratti u l-programmi qafas rispet-

tivi jagħtu lill-Kummissjoni xi drittijiet rigward l-esperti jew l-impjegati tal-kuntrattur. Dan l-ambjent kuntrattwali partikolari jista' jqajjem tilwim bejn il-kuntratturi tal-Kummissjoni u l-persunal jew l-esperti tagħhom, li fir-rigward tiegħu l-Ombudsman jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha ċertu livell ta' responsabbiltà³³. Il-każ **193/2007/JMA** kien jikkonċerna t-tkeċċija ta' mexxej ta' proġett

27. Każ 2392/2005/OV.

28. Każ 1331/2007/JMA.

29. Każijiet 3394/2005/(TN)DK, 3736/2006/JF, 1367/2007/ELB, 2689/2005/BB, u 1785/2005/OV.

30. Każ 1644/2007/FOR.

31. Każijiet 3794/2006/FOR u 1564/2006/VIK.

32. Każijiet 338/2008/BEH, 1945/2007/WP, 2272/2008/JMA, u 2273/2007/MF.

33. Eżempji dwar din il-kwistjoni, minbarra dawk iddetaljati hawn, jinsabu fil-każijiet 579/2007/(TN)TS, 2306/2007/(OV)BEH, 3375/2006/JF, u 3090/2005/(GK)MHZ.

wara li l-Kummissjoni esprimiet in-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħha bix-xogħol li kien ipprova. Għalkemm l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina, huwa ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-pożizzjoni mfissra mill-istituzzjoni għandha ssir bil-miktub sabiex tagħti ċans lill-persuna inkwistjoni li tippreżenta l-opinjoni tagħha lill-impjegatur tagħha li kien il-kuntrattur tal-Kummissjoni. L-Ombudsman għamel l-istess rimarka fil-każ **1084/2006/MHZ**, li kien jikkonċerna relazzjonijiet bejn il-kuntrattur u s-subkuntrattur tiegħu.

L-Ombudsman jixtieq jenfasizza li, fl-2008, l-istituzzjonijiet, u b'mod partikolari l-Kummissjoni, għamlu sforz kbir biex jaċċettaw soluzzjonijiet amikevoli proposti mill-Ombudsman f'tilwim kuntrattwali.

➔➔➔ Fil-każ **3490/2005/(ID)PB**, li jinsab fost il-każijiet saljenti ta' din is-sena, l-Ombudsman qies it-tweġiba tal-Kummissjoni bħala waħda eżemplari. Din kienet dettaljata u kostruttiva matul il-proċedura kollha, saħansitra sal-punt li aċċettat pagamenti addizzjonali rilevanti identifikati mis-servizzi tagħha stess u mill-ilmentatur. Il-ftehim implika li l-bilanċ tal-kont tal-proġett kien magħluq bil-ħlas ta' EUR 48 486.79 u USD 101 938.40 lill-ilmentatur. Il-każ **3784/2006/FOR**, każ saljenti ieħor għas-sena 2008, kien jikkonċerna istitut Awstrijak li sostna li l-Kummissjoni ma kinitx ħallset is-somma ta' EUR 97 000 li kien fadal għal kuntratt ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tal-inġinerija kimika. Biex tiġġustifika r-rifjut tagħha li tħallas, il-Kummissjoni spjegat li ma kinitx irċeviet id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż finali fil-ħin. L-Ombudsman qies li r-reazzjoni tagħha kienet waħda sproporzjonata u talabha terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha. Il-Kummissjoni qablet li tħallas EUR 54 000. L-istitut aċċetta l-proposta u radd ħajr lill-Ombudsman għall-intevent tiegħu. ⬅⬅⬅

Il-Kummissjoni solviet ukoll il-każ **2273/2007/MF** billi qablet li tħallas kumpens lill-ilmentatur li kienet waqfitu l-kuntratt wara li identifikat irregolarità fil-proċedura tal-għoti tal-offerti. Minħabba li r-raġuni tat-tmiem tal-kuntratt ma kinitx attribwibbli għall-ilmentatur, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li d-ditta kienet intitolata għal kumpens. L-ilmentatur sussegwentement informa lill-Ombudsman li kienet saret sejħa oħra għall-offerti u li d-ditta kienet fil-lista l-qasira tal-offerenti.

■ Amministrazzjoni u regolamenti tal-persunal

Kull sena l-Ombudsman jirċievi ċertu numru ta' ilmenti li jikkonċernaw l-attivitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet (31 investigazzjoni jew 10% tal-għadd totali miftuħ fl-2008). Dawn l-attivitajiet jirrigwardaw l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal

Kull sena l-Ombudsman jirċievi ċertu numru ta' ilmenti li jikkonċernaw l-attivitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet.

għall-uffiċjali u testi oħra rilevanti. In-natura ta' dawn il-każijiet tvarja b'mod konsiderevoli u jikkonċernaw kważi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha.

Fl-2008, l-Ombudsman għalaq erba' każijiet li jikkonċernaw jew uffiċjali jew qraba tagħhom li lmentaw miegħu dwar dawk li huma kienu jikkunsidraw ordnijiet inġusti ta' rkupru ta' flus li mhux suppost tħallsu mill-istituzzjonijiet. L-approċċ tal-Ombudsman f'każijiet bħal dawn huwa bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-qrati Komunitarji³⁴ u fuq kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja u raġonevolezza rigward dawn l-ordnijiet ta' rkupru. Il-fatt li pagamenti mhux dovuti jsiru lil uffiċjali jew lil terzi persuni li huma anqas konxji mir-regoli u r-regolamenti tal-Komunità ovvjament għandu rwol importanti f'dan ir-rigward. L-Ombudsman japprezza u jenfasizza l-fatt li l-istituzzjonijiet ikkonċernati ġeneralment għamlu sforzi biex iwieġbu b'mod pożittiv għall-proposti ta' soluzzjoni amikevoli jew għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Fil-każ **902/2007/(MHZ)RT**, il-Parlament aċċetta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni biex inaqqas parti mill-ordni ta' rkupru. F'każ ieħor, **3464/2004/(TN)TS**, l-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward tal-ħruġ ta' ordni ta' rkupru mill-Parlament kontra uffiċjal irtirat, iżda kkritika l-istituzzjoni għall-mod kif wettqet din l-ordni, jiġifieri, mingħajr ma infurmat lill-ilmentatur bid-deċiżjoni tagħha jew bir-raġunijiet tagħha. Wara li l-Ombudsman iddeċieda li jagħmel investigazzjonijiet ulterjuri fil-każ **3778/2005/ELB** li kien jinvolvi dewmien ta' tmien snin għall-ħruġ ta' ordni ta' rkupru, il-Kummissjoni ħassret l-ordni, filwaqt

34. Każ T-205/01 *Ronsse vs Il-Kummissjoni* [2002] ECR-SC II-1065.

li rrikonoxxiet li l-ispejjeż biex tirkupra l-flus x'aktarx kienu sejrin ikunu oġġla mid-dejn innifsu. F'każ ieħor, **2879/2008/BU**, wara li l-Ombudsman ta' bidu għal proċedura simplifikata, il-Kummissjoni qablet li tħassar l-ordni ta' rkupru ta' inqas minn EUR 200 f'interessi dovuti.

Fl-2008, l-Ombudsman għalaq disa' każijiet relatati mal-qasam tar-relazzjonijiet esterni (RELEX) tal-attivitajiet tal-Kummissjoni. Tlieta minn dawn il-każijiet kienu relatati ma' diversi problemi li jikkonċernaw il-programm *"Junior Experts"* għad-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni. In-natura tal-problemi kienet tinkludi l-għażla³⁵, ir-reklutaġġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol³⁶ u adattamenti tal-benefiċċju tal-għajxien³⁷. L-Ombudsman għalaq ukoll bosta każijiet li kienu jikkonċernaw deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni għall-aġenti lokali³⁸, it-tkeċċija ta' konsulenti li jaħdmu fuq proġett iffinanzjat mill-UE³⁹, ir-rifjut milli jiġu kkunsidrati arranġamenti speċjali li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni ta' aġenti lokali f'kompetizzjonijiet organizzati mill-EPSo⁴⁰ u proċeduri ta' reklutaġġ għall-manigiers tal-IT fid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni⁴¹. Ir-riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet ivarja b'mod konsiderevoli iżda n-numru relattivament għoli ta' ilment riċevuti mill-Ombudsman jindika li hemm lok għal titjib fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal f'dan il-kamp mill-aktar deċentralizzat tal-attivitajiet tal-Kummissjoni.

B'sodisfazzjon, l-Ombudsman jirrikonoxxi li, fil-qasam tal-ilmenti mill-persunal, għadd konsiderevoli ta' każijiet kellhom riżultati pożittivi minħabba l-atitudni proattiva tal-amministrazzjoni.

B'sodisfazzjon, l-Ombudsman jirrikonoxxi li, fil-qasam tal-ilmenti mill-persunal, għadd konsiderevoli ta' każijiet kellhom riżultati pożittivi minħabba l-atitudni proattiva tal-amministrazzjoni.

Fil-każ **1918/2007/ELB**, relatat ma' ilment rigward dewmien fl-implimentazzjoni ta' sensiela ta' sentenzi tal-qorti rigward il-karriera tal-ilmentatur, il-Kummissjoni solviet il-każ għas-sodisfazzjon tal-ilmentatur. Soluzzjoni amikevoli proposta mill-Ombudsman ġiet aċċettata fil-każ **693/2006/(BM)FOR**, li kien

jikkonċerna tilwima fuq ammont ta' benefiċċji ta' sistemazzjoni li kellhom jitħallsu lil aġent impjegat fil-qasam tal-għajjnuna umanitarja permezz ta' ikel u kooperazzjoni lil pajjiżi terzi. L-Ombudsman seta' wkoll jagħlaq il-każ **2331/2007/RT** bħala solvut mill-istituzzjoni, li kien jinvolvi l-ħlas tal-ispejjeż ta' funeral. Riżultat pożittiv instab ukoll fil-każ **2465/2004/(TN)DK**, anki jekk dan inkiseb wara li l-Kummissjoni oriġinarjament irrifjutat soluzzjoni amikevoli proposta li tagħti lil uffiċjal li kien qed jisfida l-grad tiegħu l-aċċess għall-formola użata minn kumitat ta' klassifikazzjoni biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwistjoni. Fil-każ **3579/2006/TS** li jirrigwarda n-nuqqas ta' ħlas lura tal-ispejjeż ta' eżamijiet mediċi li saru waqt proċedura ta' reklutaġġ, il-Kummissjoni qablet mal-ħlas lura waqt l-investigazzjoni tal-Ombudsman. L-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri fir-rigward ta' kif il-Kummissjoni trattat l-applikazzjoni tal-ilmentatur inġenerali.

Fil-każ **2782/2006/(MH)RT**, anki jekk il-Kummissjoni ħallset il-benefiċċji tal-assigurazzjoni għall-indennizzi li l-ilmentatur kien intitolat għalihom, l-Ombudsman għalaq il-każ b'żewġ rimarki kritiċi minħabba d-dewmien biex sar dan u minħabba l-imġiba li l-Ombudsman qies li kienet nieqsa mir-rispett lejn l-ilmentatur. Żewġ investigazzjonijiet oħra ingħalqu bla ebda sejba ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni. Dawn kienu jikkonċernaw it-trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni ta' aġent temporanju mill-iskema Komunitarja għal waħda nazzjonali (**743/2007/(BM)MF**) u l-bidla fit-titlu ta' impjeg ta' aġent (**2393/2007/RT**). L-Ombudsman għamel rimarki ulterjuri biex jiżgura li jkun hemm titjib fil-futur. Konklużjoni inqas pożittiva nstabet fil-każ **1584/2006/OV**, fejn kandidat li kien irnexxa f'kompetizzjoni u tpoġġa fuq lista ta' riserva, ħa sehem f'diversi intervisti ta' xogħol iżda qatt ma ntaġġel. L-ilmentatur ressaq ħdax-il allegazzjoni ta' żbalji sostantivi u proċedurali. L-Ombudsman għalaq l-investigazzjoni b'żewġ rimarki kritiċi rigward in-nuqqasijiet proċedurali tal-Kummissjoni fl-indirizzar tal-applikazzjonijiet tal-ilmentatur.

L-Ombudsman għalaq ukoll erba' każijiet tal-persunal relatati mal-Parlament. Fi tlieta minn dawn, ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina. Dawn kienu jikkonċernaw (i) ir-reklutaġġ u l-klassifikaz-

35. Każ 3738/2006/(SAB)TS.

36. Każ 1054/2007/MHZ.

37. Każ 554/2006/(BM)FOR.

38. Każijiet 1104/2005/ELB u 2851/2005/PB.

39. Każ 1411/2006/JMA.

40. Każ 2507/2007/VIK.

41. Każ 887/2007/(BM)JMA.

zjoni ta' kandidati wara kompetizzjoni miftuħa, li bdiet qabel mar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda daħlu fis-seħħ⁴²; (ii) ir-reklutaġġ ta' interpretu indipendenti⁴³; u (iii) in-nuqqas ta' promozzjoni ta' uffiċjal wara li din kisbet ċertu numru ta' punti ta' mertu⁴⁴. F'każ ieħor (3051/2005/(PB)WP), li wkoll kien jikkonċerna n-nuqqas ta' evalwazzjoni komparattiva tal-merti tal-ilmentatur, l-Ombudsman ikkonkluda li kien hemm amministrazzjoni ħażina u, wara li l-Parlament naqas li jimplimenta kif kien xieraq l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu, għalaq il-każ b'rimarka kritika.

Ittieħdet deċiżjoni waħda fir-rigward tal-każijiet tal-persunal li jikkonċernaw lill-Kunsill fl-2008.

➔➔➔ Fil-każ 1162/2007/FOR, li jinsab fost il-każijiet saljenti ta' din is-sena, il-Kunsill qabel li jagħmel pagament *ex gratia* ta' EUR 1 000 bħala rikonoxximent tal-inkonvenjenza u l-istress li kien sofra l-ilmentatur. Il-Kunsill l-ewwel offra lill-ilmentatur kuntratt ta' sena iżda wara bidel il-kundizzjonijiet meta nduna li l-ilmentatur kien sejjer jagħlaq 65 sena waqt iż-żmien tal-impjeg. Madankollu, l-Ombudsman ma sabx amministrazzjoni ħażina rigward l-allegazzjoni tal-ilmentatur dwar diskriminazzjoni minħabba l-età (ara, min-naħa l-oħra, fit-taqsima li jmiss, il-każ 185/2005/ELB rigward diskriminazzjoni minħabba l-età fil-Kummissjoni). ⬅⬅⬅

Il-każ 1473/2006(SAB)TS kontra l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) kien jikkonċerna traduttriċi Ungeriża li talbet aċċess għar-rapport dwar il-każ tagħha tal-Penil tal-istituzzjoni dwar il-Fastidju, kif ukoll informazzjoni dwar is-segwitu tal-KESE fuq il-każ. Hija ilmentat ukoll rigward irregolaritajiet amministrattivi u qajmet allegazzjonijiet rigward problemi serji ta' diskriminazzjoni relatati mal-antisemitiżmu. Wara li l-Ombudsman fetaħ l-investigazzjoni tiegħu, il-KESE ipprova lill-ilmentatriċi bir-rapport u s-segwitu tiegħu. L-Ombudsman ikkritika lill-Kumitat għad-dewmien li ħa biex jagħmel dan.

L-Ombudsman għalaq ukoll għadd ta' investigazzjonijiet relatati ma' każijiet tal-persunal fl-aġenziji. Fil-każ 524/2005/BB, l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA) ħallset kumpens finanzjarju wara li l-Ombudsman sab li naqset li tipprovi informazzjoni eżatta, ċara u adegwata lill-ilmentatriċi rigward is-sitwazzjoni tal-kuntratt tagħha li rriżultat mir-Regolamenti l-ġodda tal-Persunal. Fil-każ 2209/2007/VIK li kien jikkonċerna l-ħlas lura tal-ispejjeż ta' vjaġġar lill-kandidat, il-problema issolviet mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali waqt l-investigazzjoni tal-Ombudsman. Bl-istess mod, fil-każ 2467/2007/MF, li kien jikkonċerna allegazzjonijiet ta' fastidju morali u abbuż tal-poter, l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (ERA) indirizzat il-kwistjoni b'mod effettiv. Il-każ 1180/2006/ID kontra ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Təhrig Professjonali (CEDEFOP) kien jikkonċerna t-tmiem ta' kuntratt u l-assenjazzjoni mill-ġdid ta' aġent. L-Ombudsman sab amministrazzjoni ħażina minħabba li l-aġenzija naqset li tagħti raġuni għad-deċiżjoni tagħha. Huwa għalaq il-każ b'rimarka kritika.

■ Kompetizzjonijiet u proċeduri tal-għażla

Minn mindu twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), bosta mill-investigazzjonijiet tal-Ombudsman li jirrigwardaw il-kompetizzjonijiet miftuħa u proċeduri oħra ta' għażla

Minn mindu twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), bosta mill-investigazzjonijiet tal-Ombudsman li jirrigwardaw il-kompetizzjonijiet miftuħa u proċeduri oħra ta' għażla huma ndirizzati kontra dan il-korp Komunitarju relattivament ġdid.

huma ndirizzati kontra dan il-korp Komunitarju relattivament ġdid. Minħabba l-potenzjal ċar tal-EPSO li jservi bħala punt ta' kuntatt prominenti u privileġġjat ma' numru sinifikanti ta' ċittadini Ewropej, huwa partikolarment importanti li jiżviluppa kultura ta' servizz lejn iċ-ċittadini u jopera b'mod trasparenti fil-proċeduri tal-għażla u fl-attivitajiet ġenerali tiegħu.

Għalkemm l-Ombudsman huwa konxju, permezz tal-investigazzjonijiet tiegħu, tat-tensjoni inevitabbi li tinbet mill-ħtieġa li jkun żgurat li l-bordijiet ta' għażla jkunu liberi minn kwalunkwe ndħil jew pressjoni żejda, u l-ħtieġa daqstant importanti li tkun żgurata trasparenza u responsabbiltà fl-attivitajiet tagħhom, huwa jibqa' konvint li dawn il-kwistjonijiet

42. Każ 3770/2006/JF.

43. Każ 2485/2006/MF.

44. Każ 1586/2007/(MHZ)RT.

jistgħu jiġu rikonċiljati u jimtela bil-kuraġġ bil-ġurisprudenza reċenti tal-qrati tal-Komunità fuq din il-kwistjoni⁴⁵. Ħafna mill-eżempji li ġejjin jiddeskrivu l-attitudni pożittiva ħafna li l-EPSo wera rigward din il-ħtieġa li ssir rikonċiljazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet.

L-Ombudsman ta bidu għal investigazzjoni fuq inizjattiva personali fl-2005 (**01/5/2005/PB**) rigward il-possibbiltà li l-EPSo jagħti aċċess għall-kriterji ta' evalwazzjoni u ta' għoti ta' marki użati fil-provi li jamministra. Fl-2008, għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni, li permezz tiegħu talab lill-EPSo biex juri lill-kandidati, fuq talba tagħhom, il-kriterji ta' evalwazzjoni, f'każ li dawn jeżistu, adottati mill-bordijiet tal-għażla għall-provi bil-miktub jew orali, kif ukoll it-tqassim dettaljat tal-marki, f'każ li jkun hemm minn dawn, li jingħatawlihom għall-prestazzjoni tagħhom. It-tweġiba pożittiva tal-EPSo tirrappreżenta pass kbir 'il quddiem f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasparenza fil-proċeduri tal-għażla u għandha tgħin fil-bini tal-fiduċja taċ-ċittadini fil-ħidma tal-EPSo. Fir-rigward ta' ilmenti speċifiċi, l-EPSo wieġeb b'mod pożittiv għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman fil-każ **1000/2006/TN**, billi qabel li t-tqassim parzjali tal-marki tal-kandidata għandu jintwera lilha. Fil-każ **50/2007/DK**, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina fir-rifjut tal-EPSo li jagħti lill-kandidat it-tqassim tal-marki tiegħu wara eżami orali minħabba li l-Bord ma kienx ipproduċa dokument jew informazzjoni rilevanti rigward l-evalwazzjoni tal-kandidati. Madankollu, l-Ombudsman fakkar lill-EPSo dwar l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tiegħu fl-investigazzjoni fuq inizjattiva personali msemmija qabel u għamel l-istess f'numru ta' każijiet oħra⁴⁶ li nqas fl-2008. F'bosta każijiet oħra, l-Ombudsman ikkonkluda li l-informazzjoni pprovduta mill-EPSo fil-karti ta' evalwazzjoni li ngħataw lill-kandidati kienet ċara biżżejjed biex tinfurmahom dwar il-għala dawn ma kinux għaddew f'ċerti eżamijiet⁴⁷. L-Ombudsman għalaq dawn il-każijiet mingħajr ebda sejba ta' amministrazzjoni ħażina.

Kwistjoni oħra relatata mal-ħidma tal-EPSo wasslet lill-Ombudsman sabiex jibda investigazzjoni oħra fuq inizjattiva personali (**01/4/2007/(ID)MHZ**). Din tikkonċerna l-aċċess ta' kandidati li ma jgħaddux minn provi li jsiru fuq il-kompjuter (CBT) għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet li jkunu taw. L-EPSo jirrifjuta l-aċċess għal dik l-informazzjoni, għar-raġuni, fost oħrajn, li l-fatt li jikxef il-mistoqsijiet jimplika li dawn ma jistgħux jintużaw aktar f'kompetizzjonijiet futuri. Wara li rċieva għadd sostanzjali ta' ilmenti individwali dwar din il-prattika u wara li kkonkluda li kienet istanza ta' amministrazzjoni hażina⁴⁸, l-Ombudsman fetaħ l-investigazzjoni tiegħu. Bosta ilmenti oħra bħal dawn dwar dan is-suġġett ġew sottomessi lilu minn dakinhar 'l hawn. Huwa assigura lill-ilmentaturi li se jrin ikunu mgħarrfa bir-riżultat tal-investigazzjoni fuq inizjattiva personali u li jistgħu jseguw l-progress tagħha fuq is-sit elettroniku tiegħu⁴⁹.

Tip ieħor ta' każ ippreżentat lill-Ombudsman fir-rigward tal-proċeduri ta' għażla tal-EPSo jirrigwarda problemi materjali li wieħed jiltaqa' magħhom b'konnessjoni mal-provi, li huma meqjusa ta' żvantaġġ għall-kandidati. Eżempji ta' każijiet li jispjegaw dan jinkludu l-identifikazzjoni ta' mistoqsijiet żbaljati fi provi li jkollhom jiġu annullati u li allegatament joħolqu telf ta' ħin għall-kandidati⁵⁰, storbu u disturbu minn ċerti kandidati f'sala partikolari tal-eżami⁵¹, kundizzjonijiet differenti għal persuni xellugin li jmorru għal eżamijiet ibbażati fuq il-kompjuter⁵², u funzjoni komputerizzata li tikkoreġi żbalji ortografiċi li kellha żbalji u li ntużat minn kandidat b'diżabbiltà⁵³. F'ċerti każijiet, l-EPSo talab skuża għall-iżball jew offra li jirranġa l-problema, fejn kien possibbli.

Qasam ieħor li jwassal għal numru sostanzjali ta' ilmenti kien jikkonċerna deċiżjonijiet li ttieħdu minn bordijiet tal-għażla dwar liema diplomi partikolari jagħtu aċċess għal kompetizzjoni partikolari. L-għadd kbir ta' ilmenti f'dan il-qasam jissuġġerixxi li l-EPSo jista' jipproduċi notifiċi ta' kompetizzjoni aktar espliċiti, billi jispeċifika t-tip ta' diplomi li jistgħu jagħtu aċċess għall-karatteristiċi

45. Każ F-74/07 *Meierhofer v il-Kummissjoni*, Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2008, mhux irrappurtat s'issa.

46. Każijiet 801/2007/ELB, 1312/2007/IP, u 01/8/2006/BU.

47. Każijiet 2589/2006/BU u 2900/2006/BU.

48. Każ 370/2007/MHZ.

49. Każijiet 3492/2006/(WP) BEH, 1312/2007/IP, 7/2007/PB, u 801/2007/ELB.

50. Każijiet 7/2007/PB u 1850/2006/IP.

51. Każ 2214/2006/IP.

52. Każ 1848/2007/(WP) BEH.

53. Każ 2596/2007/RT.

mfittxija. Jista' wkoll jispjega aħjar kif il-kandidati jistgħu jagħtu prova tal-esperjenza professjonali tagħhom sabiex ikunu evitati lmenti u talbiet lill-bordijiet biex jerġgħu jeżaminaw id-deċiżjonijiet tagħhom f'dan il-qasam⁵⁴. Ilment partikolari jistħoqqlu jissemma' hawnhekk. Fil-każ **2826/2004/PB**, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Bord tal-Għażla għamel żball li eskluda kandidata minn kompetizzjoni għal segretarji li jtkellmu bl-Ingliż għax id-diploma tagħha ma kinitx tagħti aċċess għal studji universitarji. Wara investigazzjoni twila, l-EPSo xorta ma kienx lest li jammetti l-iżball, minkejja l-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali pertinenti sadanittant ikkonfermaw bil-miktub li d-deċiżjoni tal-Bord kienet sostanzjalment ħażina, u anki wara li l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat deċiżjonijiet ħżiena simili mill-istess Bord tal-Għażla. L-ewwel reazzjoni tal-EPSo kienet li huwa jimplimenta biss is-sentenzi tal-Qorti f'każijiet fejn il-kandidati jagħżlu li jieħdu l-każ quddiem il-Qorti. L-Ombudsman insista li l-istess tip ta' kumpens għandu jingħata lill-ilmentatriċi u l-EPSo fl-aħħar qabel ma' dan.

Żewġ każijiet oħra li jikkonċernaw lill-EPSo jistħoqqilhom jissemmew. Wieħed huwa relatat ma' allegazzjoni ta' diskriminazzjoni rigward l-użu ta' ċerti lingwi fil-kompetizzjonijiet (każ **3147/2006/IP**), filwaqt li l-ieħor huwa relatat ma' allegat nuqqas ta' imparzjalità ta' membru ta' bord tal-għażla, li qabel kien ħarrieġ' f'kors ta' tħejija għal eżamijiet organizzat mill-EPSo li kien ħa sehem fih l-ilmentatur (każ **688/2008/RT**).

Anki jekk il-parti l-kbira tal-ilmenti li jikkonċernaw ir-reklutaġġ huma indirizzati kontra l-EPSo, xi drabi l-Ombudsman jirċievi lmenti kontra istituzzjonijiet jew korpi oħra, b'mod partikolari aġenziji li għadhom kemm twaqqfu u li għadhom fil-proċess li jikkonsolidaw il-proċeduri ta' reklutaġġ tagħhom. L-Ombudsman jixtieq jenfasizza l-approċċ ġeneralment pożittiv tal-aġenziji lejn l-investigazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Pereżempju, il-każ **1678/2005/(ID)MF** kien jikkonċerna sensiela ta' proċeduri ta' għażla organizzati mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (EMA). Wara analiżi birreqqa tal-evidenza li nġiebet, l-Ombudsman ikkonferma li kien hemm amministrazzjoni ħażina u talab lill-EMA titlob apoloġija u tħallas lill-ilmentatur EUR 1 000 bħala kumpens għad-danni morali li kien sofra. L-EMA qablet u infurmat lill-Ombudsman li kienet sejra tikkunsidra l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tiegħu fi proċeduri futuri ta' għażla. Fil-każ **1332/2007/(BM)MF** kontra ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Ombudsman laqa' bi pjaċir id-deċiżjoni tal-ECDC li jadotta il-Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba tiegħu stess u l-impenn tiegħu li jirrispetta l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. F'dak li jirrigwarda s-sustanza tal-każ, l-Ombudsman ikkunsidra li l-ECDC ipprova spjegazzjoni raġonevoli, li kienet kemm suffiċjenti kif ukoll koerenti, għad-deċiżjoni tiegħu li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-ilmentatur.

➡➡➡ Ilmentatur ieħor dar fuq l-Ombudsman rigward proċedura tal-għażla li kienet organizzata mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni (EASA). L-EASA irreaġixxiet b'mod pożittiv ħafna għall-investigazzjoni tal-Ombudsman. Fil-każ **893/2006/BU**, li huwa meqjus bħala każ saljenti ieħor għas-sena 2008, l-aġenzija mhux biss irrikonoxxiet l-iżball u talbet skuża għalih, iżda qablet ukoll, matul l-investigazzjoni, li tagħti lill-ilmentatur l-informazzjoni li kien jeħtieġ u wegħdet li tagħmel l-istess fi proċeduri futuri. ⬅⬅⬅

Żewġ każijiet paralleli, wieħed kontra l-Parlament (**186/2005/ELB**) u ieħor kontra l-Kummissjoni (**185/2005/ELB**), wasslu għal riżultati differenti. Filwaqt li l-Parlament aċċetta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, il-Kummissjoni rrifjutat li tagħmel dan. Dawn il-każijiet jirrigwardaw diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, u b'mod aktar speċifiku, id-deċiżjoni li jieqaf ir-reklutaġġ ta' Interpreti tal-Konferenzi Awżiljarji (ACIs), jiġifieri, interpreti indipendenti reklutati għal konferenzi u laqgħat speċifiċi, li għandhom 'il fuq minn 65 sena. L-ilmentatur kien ħadem għal dawn l-istituzzjonijiet għal aktar minn 35 sena bħala ACI, iżda ma baqax jirċievi offerti ta' xogħol minn mindu għalaq 65 sena. L-Ombudsman kien tal-opinjoni li l-Kummissjoni ma kinitx iġġustifikat b'mod xieraq ir-raġuni tat-trattament differenti tagħha lejn l-ACIs li għandhom aktar minn 65 sena. Minħabba li dan il-każ iqajjem kwistjoni ta' prinċipju importanti, l-Ombudsman ressaq Rapport Speċjali lill-Parlament. Dan kien l-uniku Rapport Speċjali maħruġ mill-Ombudsman fl-2008.

54. Każijiet 2189/2007/RT, 1500/2007/VIK, 1641/2007/VIK, u 3224/2006/(SAB)TS.

■ Kwistjonijiet istituzzjonali u politiċi u oħrajn

Dan it-titlu li fadal ikopri firxa ta' ilmenti magħmula kontra l-istituzzjonijiet rigward l-attivitajiet ta' tfassil ta' politika u l-funzjoni ġenerali tagħhom.

Fil-każ **284/2006/PB**, ilmentatur Daniż ilmenta dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fir-rigward tal-introduzzjoni ta' takografiji diġitali fil-vetturi. B'mod aktar speċifiku, huwa allega li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda awtorità legali li tistabbilixxi moratorju fuq l-installazzjoni obbligatorja tal-imsemmija takografiji fil-vetturi kollha. L-Ombudsman sab li l-allegazzjoni kienet iġġustifikata u għamel rimarka kritika.

Il-każ **2487/2006/DK** kien jikkonċerna ilmentatur li kkunsidra li kien ġie miċħud inġustament l-aċċess għall-bini tal-Kummissjoni. L-Ombudsman sab li l-aċċess lill-ilmentatur ma kienx ġie rrifjutat, iżda li dan kien soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Huwa kkonkluda li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet tirrappreżenta eżerċizzju raġonevoli tal-awtorità tagħha li tirregola l-aċċess għall-bini tal-Komunità. Fil-każ **2819/2005/BU**, l-Ombudsman ikkritika lill-Parlament Ewropej għall-mod goff li bih is-servizzi tas-sigurtà tiegħu trattaw lill-ilmentatriċi, li qabel kienet assistenta ta' Membru tal-Parlament Ewropew, wara li dan tal-aħħar iddeċieda li jwaqqfilha l-kuntratt. L-Ombudsman ikkonkluda li t-trattament kien jikser il-prinċipju ta' proporzjonalità u għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni. Il-Parlament irrifjuta li joffri lill-ilmentatriċi l-apoloġija u l-kumpens proposti mill-Ombudsman.

Il-każ **2235/2005/(TN)TS** kien jikkonċerna allegazzjonijiet li l-Kummissjoni kienet naqset li timmonitorja sew skema ta' assigurazzjoni tal-pensjoni għal esperti individwali u m'għarfitx tmexxi tajjeb il-proċeduri tas-sejħa għall-offerti biex issib kumpanija ġdida tal-assigurazzjoni. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni la qabżet il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha fil-qasam ikkonċernat, u lanqas ma aġixxiet b'mod li ma kienx raġonevoli b'mod ċar.

Għalkemm l-Iskejjel Ewropej mhumie x korp Komunitarju, l-Ombudsman mexxa xi investigazzjonijiet li jirrelataw mal-qafas ġenerali li fih joperaw l-Iskejjel Ewropej. Investigazzjonijiet bħal dawn huma indirizzati kontra l-Kummissjoni li għandha rappreżentant fil-Bord ta' Tmexxija tal-Iskejjel u li hija responsabbli wkoll għal parti kbira sew tal-baġit operattiv tal-Iskejjel. Fl-2008, l-Ombudsman għalaq għadd ta' investigazzjonijiet dwar l-irwol li għandha l-Kummissjoni fil-funzjoni tal-Iskejjel Ewropej. Il-każ **262/2006/OV** kien jikkonċerna allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li tqajmet mir-regola li tistabbilixxi massimu ta' perijodu ta' disa' snin għall-issekondar ta' għalliema għall-Iskejjel. Il-każ **2153/2004/MF** kien jikkonċerna żewġ deċiżjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel biex iżid il-miżati tal-iskola. L-ilmentatur allega ċ-ċaħda ta' ġustizzja minħabba li l-Assoċjazzjonijiet tal-Ġenituri ġew miċħuda d-dritt li jappellaw mal-Bord tal-Ilmenti kontra daww id-deċiżjonijiet. Bħala tweġiba għas-sejħa tal-Ombudsman, il-Kummissjoni ddikjarat li kellha l-intenzjoni li titlob lis-Segretarju Ġenerali, f'waħda mil-laqgħat futuri tal-Bord tal-Gvernaturi, li jintroduċi emenda fir-Regoli Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej biex ikunu permessi appelli kontra tali deċiżjonijiet.

L-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni fil-każ **101/2004/GG** li kien jikkonċerna talba minn persuna li qabel kienet assistenta xjentifika tal-Istitut għall-Elementi Transuranji (ITU) f'Karlsruhe lill-Kummissjoni biex tinvestiga bosta ksur tar-regoli tas-sigurtà fl-ITU, li huwa parti mill-Kummissjoni. Incident partikolarment serju kien jikkonċerna allegazzjoni ta' esportazzjoni illegali maħsuba ta' materjal radjuattiv lejn laboratorju fl-Istati Uniti fl-1997. L-awtoritajiet Ġermaniżi eżaminaw l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur, u l-Kummissjoni ħadet azzjoni biex tirrangja ċerti nuqqasijiet u biex ma tħallix li problemi oħra bħal din jinqalgħu fil-futur. Madankollu, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni ma wrietx li kienet eżaminat l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur kif jixraq, b'mod partikolari l-inċident imsemmi qabel. Għalkemm aċċetta li, minħabba li l-istituzzjoni fl-Istati Uniti li rċeviet il-materjal naqset li tipprovi informazzjoni fuq din il-kwistjoni, ma kienx possibbli li jkun stabbilit jekk fil-fatt materjal radjuattiv intbagħatx bil-vapur illegalment lejn l-Istati Uniti, huwa kkritika l-fatt li l-Kummissjoni naqset li tikkunsidra u teżamina sew l-elementi kollha li kien fadal li kienu rilevanti f'dan il-kuntest.

3.6 Trasferimenti u pariri

Jekk ilment ma jaqax fi ħdan il-mandat tal-Ombudsman, huwa jipprova jagħti parir lill-ilmentatur dwar korp ieħor li jkun jista' jindirizza l-ilment, speċjalment jekk il-każ ikun jinvolvi l-liġi tal-UE.

Jekk ilment ma jaqax fi ħdan il-mandat tal-Ombudsman, huwa jipprova jagħti parir lill-ilmentatur dwar korp ieħor li jkun jista' jindirizza l-ilment.

Jekk ikun possibbli, u diment li jkun hemm biżżejjed raġunijiet għall-ilment, l-Ombudsman, bil-kunsens tal-ilmentatur, jgħaddih direttament lil korp kompetenti ieħor.

Ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat tal-Ombudsman spiss jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' ksur tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri. Bosta każijiet bħal dawn jiġu ttrattati bl-aħjar mod min-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-ombudsman reġjonali u nazzjonali li hemm fl-Istati Membri permezz tan-Netwerk

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-ombudsman reġjonali u nazzjonali li hemm fl-Istati Membri permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen.

Ewropew tal-Ombudsmen (ara taqsima 4.2 aktar 'l isfel). Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita t-trasferiment fil-pront tal-ilmenti lill-ombudsman reġjonali jew nazzjonali kompetenti jew lil xi korp simili. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament


Ewropew jipparteċipa wkoll fin-Netwerk bħala membru sħiħ.

F'xi wħud mill-każijiet, l-Ombudsman iqis xieraq li jittrasferixxi l-ilmenti lill-Kummissjoni jew lil SOLVIT, network imwaqqaf mill-Kummissjoni biex jgħin lin-nies li jiltaqgħu ma' xi tfixkil meta jkun qed jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern tal-Unjoni. Qabel ma jittrasferixxi ilment jew jagħti xi parir lill-ilmentatur, is-servizzi tal-Ombudsman jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li jingħata l-aktar parir xieraq.

F'70% tal-każijiet kollha eżaminati fl-2008, ingħata parir jew il-każ ġie trasferit. Kif wieħed jista' jara mill-Figura 3.12, f'1 079 każ, l-ilment ġie trasferit lil membru tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jew l-ilmentatur ingħata parir li jikkuntattja membru tan-Netwerk (888 ġew riferuti lil ombudsman nazzjonali jew reġjonali, filwaqt li 191 ġew riferuti lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew). 325 ilmentatur ġew riferuti lill-Kummissjoni Ewropea⁵⁵, filwaqt li 708 każijiet ġew riferuti lil istituzzjonijiet u korpi oħra, bħal ma huwa SOLVIT jew ombudsmen speċjalizzati jew korpi li jindirizzaw l-ilmenti fl-Istati Membri.

Il-bqija ta' dan il-Kapitolu fih eżempji ta' każijiet trasferiti jew li għalihom ingħata parir.

Figura 3.12: Ilmenti trasferiti lil istituzzjonijiet u korpi oħra L-ilmentaturi ingħataw parir li jikkuntattjaw istituzzjonijiet u korpi oħra



NOTA 1 Dan jinkludi 158 ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2007, li ġew ipproċessati fl-2008 u jeskludi 220 ilment irreġistrati lejn l-aħħar tal-2008, li kienu għadhom qed jiġu pproċessati fl-aħħar tas-sena biex jiġi deċiż x'azzjoni għandha titttiehed.

NOTA 2 F'ċerti każijiet, ingħata aktar minn tip wieħed ta' parir lill-ilmentatur. Dawn il-perċentwali għalhekk iġibu total ta' aktar minn 100%.

⁵⁵. Din il-figura tinkludi xi każijiet li fihom l-ilment kontra l-Kummissjoni ġie ddikjarat bħala mhux ammissibbli għaliex ma sarux l-approċċi amministrattivi xierqa minn qabel lejn l-istituzzjoni qabel ma l-ilment tressaq quddiem l-Ombudsman.

Ilmenti li jinvolvu lin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen

Ċittadin Franċiż ressaq ilment kontra Uffiċċju Reġjonali Franċiż tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa minħabba diffikultajiet li ltaqa' magħhom fir-rigward tat-talbiet tiegħu għall-ħlas tal-pensjoni. L-Ombudsman Ewropew ikkuntattja lill-kollega Franċiż tiegħu biex jiżgura li dan jista' jindirizza l-każ. Wara kkuntattja lill-ilmentatur, li qabel li l-ilment tiegħu jiġi trasferit lill-Ombudsman Franċiż. Dan tal-aħħar investiga l-ilment u kkonferma li l-ħlasijiet tal-pensjoni tal-ilmentatur kienu sejrin jingħatawlu b'effett retrospettiv.

1617/2008/CHM ■

L-Ombudsman Ewropew irċieva ilmenti minn ċittadini Bulgari dwar kumpaniji tal-enerġija (li jipprovdu tiżhin ċentrali u ilma sħun) fil-Bulgarija. Minħabba li l-ilmentaturi allegaw li l-liġi Komunitarja dwar l-effiċjenza tal-użu aħħari tal-enerġija u s-servizzi tal-enerġija ma ġietx applikata kif jixraq, l-Ombudsman tahom parir li jikkunsidraw li jressqu ilment ta' ksur mal-Kummissjoni u informa lill-Kummissjoni dwar il-każ.

L-Ombudsman Bulgaru kien irċieva mijiet ta' ilmenti simili, li kienu jkopru kwistjonijiet minn ksur tad-drittijiet tal-konsumatur sal-metodoloġija wżata għall-kalkolu ta' kontijiet individwali. Minħabba li l-kumpaniji tal-enerġija inkwistjoni jaqgħu taħt il-mandat tiegħu, l-Ombudsman Bulgaru investiga l-ilmenti u ħareġ rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-Gvern, lill-aġenziji governattivi speċjalizzati, lill-amministrazzjoni lokali u lill-kumpaniji tas-servizzi. Sussegwentement huwa informa lill-Ombudsman Ewropew dwar żviluppi f'dan il-qasam, l-aktar rigward bidliet fil-liġi Bulgara dwar l-effiċjenza fil-qasam tal-enerġija.

2349/2008/VIK u każijiet simili ■

Ċittadin Spanjol ilmenta mal-Ombudsman Ewropew, f'isem partit politiku, dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kemm mill-awtoritajiet Spanjoli nazzjonali kif ukoll minn dawk reġjonali. Huwa argumenta li l-awtoritajiet Spanjoli naqsu li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li ċittadini li jgħixu f'ċerti reġjuni ta' Spanja li għandhom il-lingwi reġjonali tagħhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari bl-użu tal-Ispanjol fl-iskejjel u fl-universitajiet, u biex jiżguraw li ċ-ċittadini ma jħossuhomx mhedda mill-organizzazzjoni terrorista ETA. L-Ombudsman għadda l-każ lill-Ombudsman Spanjol li seta' jagħti bidu għall-inizjattivi meħtieġa rigward dawn l-allegazzjonijiet.

L-ilmentatur argumenta wkoll li l-Kummissjoni Ewropea naqset li tiegħu azzjoni kontra l-awtoritajiet Spanjoli biex tkun żgurata konformità ma' dawn id-drittijiet u libertajiet. Minħabba li kien għadu ma kkuntattjax lill-istituzzjoni biex jinfurmaha dwar it-tħassib tiegħu, l-Ombudsman Ewropew ta parir lill-ilmentatur biex iressaq ilment mal-Kummissjoni.

3009/2007/SMĠ ■

Ilmentatur, li jgħix fl-Ungerija, ressaq ilment mal-Ombudsman Ewropew. L-ilmentatur iħallas alimenti lill-ex-mara tiegħu li tgħix fi Franza. Huwa ilmenta dwar il-fatt li, fl-Unġerija, l-alimenti mhumx imnaqqsa mid-dħul taxxabli tiegħu. Skont l-ilmentatur, kieku kien jgħix Franza, l-alimenti kienu jkunu mnaqqsa. Huwa kkunsidra li l-UE kellha taġixxi rigward din il-kwistjoni.

L-Ombudsman għadda dan l-ilment lill-Parlament Ewropew biex ikun indirizzat bħala petizzjoni. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet beda jeżamina l-petizzjoni, filwaqt li talab lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel studju preliminari dwar l-aspetti differenti tal-problema.

2592/2007/LR ■

Ilmenti trasferiti lill-Kummissjoni Ewropea

L-Ombudsman Ewropew irċieva ilment mill-Ombudsman Reġionali tal-Andalusija, Spanja, rigward tixrid ta' żejt ikkawżat minn ħabta bejn żewġ vapuri qrib il-kosta ta' Kadiz u ż-żona ta' Ġibilterra. Skont l-ilmentatur, it-tixrid taż-żejt kien qed jaffettwa serjament iż-żona viċina u l-awtoritajiet responsabbli kienu naqsu li jieħdu azzjoni xierqa. B'mod aktar speċifiku, huwa kkunsidra li s-sitwazzjoni kienet tikser il-liġi Komunitarja dwar l-obbligu lejn l-ambjent.

Minħabba li l-każ kien jinvolvi ksur potenzjali tal-liġi Komunitarja minn Stat Membru, l-Ombudsman għadda l-każ lill-Kummissjoni. Din tal-aħħar infurmat lill-Ombudsman li kienet kitbet lill-Ombudsman Andalusjan u spjegat li d-Direttiva rilevanti kienet għadha ma ġietx applikata mill-awtoritajiet ta' Ġibilterra u li kienet qed issegwi dan l-aspett tal-każ permezz ta' proċedura ta' ksur. Fir-rigward tal-problema speċifika, il-Kummissjoni semmiet li kienet talbet lill-awtoritajiet tar-Renju Unit biex jipprovdu aktar tagħrif dwar in-natura tal-materjal li kien qed jinġarr u jekk l-awtoritajiet tar-Renju Unit kinux ikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-liġi Komunitarja. Hija impenjat ruħha li tinforma lill-Ombudsman Andalusjan bi kwalunkwe żvilupp fl-investigazzjoni tagħha.

2017/2008/JMA ■

L-Ombudsman Ewropew irċieva żewġ ilmenti rigward problemi li ltaqgħu magħhom l-irġiel u n-nisa ta' ċittadini tal-UE li kienu jeħtieġu visa biex jidħlu fi Stat Membru ieħor. Fl-ewwel każ, ċittadin Niġerjan miżżewweġ lil ċittadina Rumena, intalab visa biex ikun jista' jidħol fir-Renju Unit. Fit-tieni każ, ċittadin mit-Tajwan miżżewweġ lil ċittadina mir-Renju Unit, intalab visa biex jidħol Spanja. Iż-żewġ każijiet kienu jikkonċernaw ksur potenzjali tal-liġi Komunitarja dwar id-dritt ta' ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri. L-Ombudsman għadda l-każijiet lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet utli fiż-żewġ każijiet. B'mod speċifiku fir-rigward tat-tieni każ, hija qalet li Spanja setgħet applikat ħażin id-Direttiva rilevanti. Hija nfurmat lill-ilmentatur li d-dettalji tal-każ tiegħu jiġu kkunsidrati fl-eżami ġenerali tagħha tal-konformità tal-liġi nazzjonali mad-Direttiva. Il-Kummissjoni tat ukoll parir lill-ilmentatur biex jikkuntattja lil SOLVIT tar-Renju Unit rigward l-ilment tiegħu jew li jressaq ilment formali mal-Kummissjoni jekk il-problema tibqa' ma tissolvix.

2709/2008/KE u 2733/2008/KE ■

Ilment trasferit lil SOLVIT

Persuna ilmentat mal-Ombudsman b'allegazzjoni li l-Kummissjoni tas-Servizz Ċivili f'Ċipru kienet irrifjutat li tirrikonoxxi s-snin li kienet ħadmet fir-Renju Unit meta sar il-kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar tagħha minħabba li, f'dak iż-żmien, Ċipru ma kienx Stat Membru tal-UE. L-ilmentatriċi ħasset li kienet qed issir diskriminazzjoni kontriha, minħabba li jkollha taħdem għal żmien itwal minn impjegati oħrajn taċ-ċivil sabiex tkun tista' tiri-tira b'pensjoni sħiħa.

L-ilment ġie riferut lil SOLVIT, li kkuntattja lill-Ministeru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali f'Ċipru. Dan tal-aħħar ikkonferma li ma kellux ikun hemm problema li jiġi rikonoxxut il-perjodu ta' ħidma li sar mill-ilmentatriċi fir-Renju Unit. Minħabba li l-ilmentatriċi kienet, fil-kuntatti li għamlet wara ma' SOLVIT, iċċarat li l-ilment tagħha kien kontra l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku talli ma rrikonoxxiex il-perjodu ta' xogħol tagħha fir-Renju Unit għal finijiet ta' promozzjoni u li kienet ressqet il-każ tagħha quddiem il-qrati nazzjonali, SOLVIT infurmaha li ma setax jindirizza l-ilment speċifiku tagħha.

796/2008/TIS ■

Relazzjonijiet
ma' istituzzjonijiet,
ombudsmen,
u partijiet
interessati oħra

L-OMBUDSMAN Ewropew jiddedika ħafna ħin sabiex iqajjem għarfien dwar ix-xogħol tiegħu fil-ġlieda kontra l-amministrazzjoni ħażina u għall-promozzjoni tat-trasparenza u l-amministrazzjoni tajba. Dan il-Kapitolu jipprovdi ħarsa ġenerali dwar l-isforzi tal-Ombudsman biex jagħmel kuntatt ma' istituzzjonijiet u entitajiet tal-UE, ma' kollegi tiegħu bħala ombudsmen, u ma' partijiet interessati ewlenin oħra.

4.1 Ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u entitajiet tal-UE

Ir-relazzjonijiet kostruttivi mal-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-UE huma ta' importanza immensa biex ikunu jistgħu jitwettqu l-aħjar riżultati possibbli għall-ilmentaturi. L-Ombudsman jiltaqa' regolarment ma' Membri u uffiċjali tal-istituzzjonijiet biex jiddiskuti metodi għat-titjib tal-kwalità tal-amministrazzjoni tal-UE. L-attivitajiet tiegħu f'dan il-qasam qegħdin jiġu mfissra fid-dettall hawn taħt.

Ir-relazzjonijiet kostruttivi mal-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-UE huma ta' importanza immensa biex ikunu jistgħu jitwettqu l-aħjar riżultati possibbli għall-ilmentaturi.

larment ma' Membri u uffiċjali tal-istituzzjonijiet biex jiddiskuti metodi għat-titjib tal-kwalità tal-amministrazzjoni tal-UE. L-attivitajiet tiegħu f'dan il-qasam qegħdin jiġu mfissra fid-dettall hawn taħt.

■ Il-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew jeleġġi l-Ombudsman u dan jirrapporta lilu, l-aktar permezz tal-preżentazzjoni ta' dan ir-Rapport Annwali u wkoll permezz ta' rapporti speċjali. L-Ombudsman għandu relazzjoni eċċellenti ta' ħidma mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, li huwa responsabbli għar-relazzjonijiet tal-Parlament mal-Ombudsman u jħejji rapport dwar ir-Rapport Annwali tiegħu. Fuq talba tal-Kumitat, l-Ombudsman kien rappreżentat minn membru tal-persunal tiegħu f'kull waħda mil-laqgħat li kellu l-Kumitat matul l-2008.



Il-Parlament Ewropew jeleġġi l-Ombudsman u dan jirrapporta lilu, l-aktar permezz tal-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tiegħu. Fir-ritratt, l-Ombudsman jidher jippreżenta r-Rapport tiegħu tal-2007 lis-Sur Hans-Gert PÖTTERING, il-President tal-Parlament Ewropew. Strasburgu, 12 ta' Marzu 2008.

Fit-12 ta' Marzu 2008, l-Ombudsman ippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu għall-2007 lill-President tal-Parlament, is-Sur Mr Hans-Gert PÖTTERING MPE. L-għada, tah lill-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, is-Sur Marcin LIBICKI MPE, u, fid-19 ta' Mejju kellu l-opportunità li jressqu quddiem l-istess Kumitat. Is-Sinjura Dushana ZDRAVKOVA MPE abbozzat ir-Rapport tal-Kumitat dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman. Fis-seduta plenarja tiegħu tat-23 ta' Ottubru, il-Parlament adotta Riżoluzzjoni, b'465 vot favur u wieħed kontra, ibbażata fuq ir-rapport tagħha. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament iddikjara s-sodisfazzjon tiegħu għal-ħidma tal-Ombudsman, għall-koperazzjoni kostruttiva tiegħu mal-istituzzjonijiet, u għall-profil pubbliku tiegħu.

Rigward ir-relazzjonijiet tal-Ombudsman mal-Parlament matul l-2008, kienet importanti wkoll ir-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman Ewropew. Fi tmiem l-2007, il-Kumitat tal-Parlament għall-Affarijiet Kostituzzjonali kien qed jikkunsidra abbozz ta' rapport dwar it-tibdil propost għall-Istatut (*rapporteur* is-Sinjura Anneli JÄÄTTEENMÄKI MPE). Fl-24 ta' Jannar 2008, is-Sur DIAMANDOUROS ressaq it-tieni preżentazzjoni tal-proposti tiegħu quddiem dak il-Kumitat għar-reviżjoni tal-Istatut, u fl-10 ta' Marzu, ir-Rapport tas-Sinjura JÄÄTTEENMÄKI ġie adottat fil-Kumitat b'19-il vot favur u ebda vot kontra. Kif jidher fit-Tieni Kapitolu ta' dan ir-Rapport Annwali, fit-18 ta' Ġunju, il-Parlament adotta deċiżjoni¹ li rrevediet l-Istatut (b'576 vot favur u 8 kontra). Il-verżjoni reveduta tal-Istatut daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Lulju 2008.

Ir-riforma li għada għaddejja tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti² kienet tidher ukoll fl-aġenda interistituzzjonali tal-Ombudsman fl-2008. L-opinjonijiet tal-Ombudsman dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi rivedut dan ir-Regolament tressqu quddiem il-Kumitat tal-Parlament għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni waqt laqgħa fi Brussell fit-2 ta' Ġunju, u mill-ġdid, fil-11 ta' Diċembru, waqt seminar fi Brussell organizzat mill-Parlament tal-Finlandja u l-Ministeru tal-Ġustizzja Finlandiż. L-Ombudsman ħeġġeġ lill-Parlament Ewropew biex juża l-irwol tiegħu bħala koleġiżlatur għal dan ir-Regolament sabiex ikun żgurat l-usa' aċċess possibbli għad-dokumenti min-naħa taċ-ċittadini. Bħala parti mill-kontribuzzjoni tiegħu għad-dibattitu dwar din il-kwistjoni, l-Ombudsman wettaq studju komparattiv dwar il-liġi u l-prattika fl-Istati Membri rigward l-aċċess pubbliku għal informazzjoni f'databases. Huwa ġie ispirat mill-istudju biex għamel proposti konkreti rigward ir-riforma tar-regoli għall-aċċess ta' dokumenti.

■ Il-Kunsill tal-UE

Ir-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman kellha post importanti fl-aġenda tal-biċċa l-kbira tal-laqgħat li s-Sur DIAMANDOUROS kellu mar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kunsill matul l-ewwel nofs tas-sena 2008. Fis-16 ta' Mejju, l-Ombudsman għamel preżentazzjoni lill-Grupp tal-Affarijiet Ġenerali tal-Kunsill biex jispjega l-iskop tar-reviżjoni tal-Istatut u biex iwieġeb għal mistoqsijiet mid-delegazzjonijiet tal-Istati Membri. Il-Kunsill wera l-approvazzjoni tiegħu għall-Istatut rivedut f'dikjarazzjoni mis-Sur Janez LENARČIČ, fil-kariga ta' President tal-Kunsill, waqt is-seduta plenarja tal-Parlament tat-18 ta' Ġunju.

■ Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-istituzzjoni responsabbli għall-akbar proporzjon ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-Ombudsman. Huma għalhekk importanti l-laqgħat regolari mal-Kummissarji

Il-Kummissjoni Ewropea hija l-istituzzjoni responsabbli għall-akbar proporzjon ta' investigazzjonijiet imwettqa mill-Ombudsman.

u mal-membri anzjani tal-persunal biex jiġu żgurati relazzjonijiet kostruttivi ta' ħidma u risposti sodisfaċenti għall-mistoqsijiet tal-Ombudsman. Matul l-2008, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-

1. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2008/587/KE, Euratom tat-18 ta' Ġunju 2008, li temenda d-deċiżjoni 94/262/KESE, KE, Euratom dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-tweqqif tad-dmirijiet tal-Ombudsman, ĠU 2008 L 189, p. 25.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

President tal-Kummissjoni José Manuel BARROSO, mal-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u għall-Komunikazzjoni, is-Sinjura Margot WALLSTRÖM, mal-Kummissarju għax-Xjenza u r-Riċerka, is-Sur Janez POTOČNIK, u mal-Kummissarju għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq, is-Sur Vladimír ŠPIDLA.

Bl-iskop li jkun żgurat l-aħjar servizz possibbli għall-ilmentaturi, l-Ombudsman jikkopera mill-qrib ma' mekkaniżmi oħra ta' rimedju, inklużi dawk koordinati mill-Kummissjoni. Fl-20 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta x-xogħol tiegħu lin-Netwerk SOLVIT waqt workshop fil-Lussemburgu. Is-SOLVIT huwa netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni biex jgħin lil dawk in-nies li jiffaċċjaw tfixkil meta jippruvaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern tal-Unjoni. Iż-żewġ naħat qablu li jeħtieġ isir aktar xogħol biex titjeb is-sinjoralazzjoni sabiex l-ilmentaturi mill-ewwel jirrikorru għall-mekkaniżmu ta' rimedju l-aktar adegwat. F'dan il-kuntest, l-Ombudsman ġibed l-attenzjoni għall-gwida interattiva li kienet qed tiġi żviluppata mill-uffiċċju tiegħu bħala parti mill-websajt il-ġdid tal-istituzzjoni.

■ Il-Bank Ewropew għall-Investment (BEI)

L-Ombudsman iddedika ħafna ħin fl-2008 biex jiżviluppa relazzjonijiet mal-BEI, filwaqt li ltaqa' mal-President, is-Sur Philippe MAYSTADT, mal-Viċi President, is-Sur Plutarchos SAKELLARIS, u ma' uffiċjali anzjani oħra. Sar ukoll skambju reċiproku ta' żjarat, li rriżultaw li kienu istruttivi immens għall-membri taż-żewġ istituzzjonijiet.

Ta' importanza partikolari matul din is-sena kien l-iffirmar ta' Dikjarazzjoni ta' Għarfien³ bejn l-Ombudsman u l-President tal-BEI fid-9 ta' Lulju. L-iskop ta' din il-ftehma huwa li jitjeb il-ħarsien tal-partijiet interessati kontra kull amministrazzjoni ħażina possibbli relatata mal-attivitajiet tal-BEI. Huwa previst li l-ħarsien tal-partijiet interessati jiġi estiż għal dawk li ma jkunux ċittadini residenti tal-UE jew li ma jkunux residenti fiha jew li ma jkollhomx uffiċċju reġistrat fl-UE. Barra dan, f'każ ta' allegata amministrazzjoni ħażina, ilmentatur jista' jirrikorri għal proċedura interna tal-BEI għall-ilmenti li tkun effettiva qabel ma jirrikorri għall-Ombudsman. Din il-proċedura tinsab imfissra fil-Politika ta' Mekkaniżmu dwar l-Ilmenti mnedija mill-Bank, li sejra tkun soġġetta għal Konsultazzjoni Pubblika fl-2009⁴.

■ L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSo)

Minħabba l-irwol ċentrali tiegħu fl-attivitajiet ta' reklutaġġ tal-UE, u għalhekk fir-relazzjonijiet ma' ċittadini Ewropej, l-EPSo ikopri proporzjon relattivament għoli ta' sħarriġ li jwettaq l-Ombudsman.

Minħabba l-irwol ċentrali tiegħu fl-attivitajiet ta' reklutaġġ tal-UE, u għalhekk fir-relazzjonijiet ma' ċittadini Ewropej, l-EPSo ikopri proporzjon relattivament għoli ta' sħarriġ li jwettaq l-Ombudsman.

Biex jgħin biex jiġi żgurati l-ogħla livelli ta' servizz għaċ-ċittadini f'dan il-qasam, l-Ombudsman u l-persunal tiegħu ltaqgħu għadd ta' drabi mad-Direttur tal-EPSo, is-Sur David BEARFIELD, u mat-tim tiegħu matul l-2008. Is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-persunal tal-EPSo fil-15 ta' April. Wara dan kien

hemm skambju attiv ta' opinjonijiet dwar kif inhu l-aħjar mod kif wieħed jista' jwieġeb għall-ilmenti. Is-Sur BEARFIELD għamel użu wkoll minn din l-okkażjoni biex spjega l-pjanijiet tal-EPSo biex il-proċeduri ta' reklutaġġ tal-UE jiġi modernizzati, taħt it-titolu "Programm tal-Iżvilupp tal-EPSo". Huwa reġa' ppreżenta dan il-programm fid-9 ta' Ottubru meta huwa u delegazzjoni mill-persunal tal-EPSo żaru l-antenna tal-Ombudsman fi Brussell biex iltaqgħu mal-Ombudsman, is-Segretarju Ġenerali, il-Kap tad-Dipartiment Legali u l-Kapijiet tal-Unità Legali. L-iskop ta' din il-laqgħa kien

3. Dikjarazzjoni ta' Għarfien bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Bank Ewropew għall-Investment rigward informazzjoni dwar il-politiki, l-istandards u l-proċeduri tal-Bank u t-trattament tal-ilmenti, inklużi l-ilmenti minn dawk li ma jkunux ċittadini tal-Unjoni Ewropea jew li ma jkunux residenti fiha: ĠU 2008 C 244, p.1.

4. Informazzjoni dwar il-Politika tal-Mekkaniżmu dwar l-Ilmenti tal-BEI hija disponibbli fl- <http://www.eib.org>

biex iż-żewġ naħat isiru jafu aħjar dwar ix-xogħol ta' kull wieħed minnhom. L-Ombudsman u s-Sur BEARFIELD kellhom laqgħa oħra fis-17 ta' Diċembru.



The Ombudsman jiltaqa' regolarment ma' kollegi minn istituzzjonijiet oħra tal-UE għal skambju ta' informazzjoni u tal-aqwa prattika. Fir-ritratt jidher jiddiskuti mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS), is-Sur Peter HUSTINX, u mal-Assistent Kontrollur, is-Sur Joaquín BAYO DELGADO. L-Ombudsman tah deskrizzjoni qasira tar-relazzjonijiet tiegħu mal-EDPS f'avveniment fis-17 ta' Diċembru 2008, li mmarka l-ħames sena ta' ħidma tal-EDPS u t-tmien tal-kariga tas-Sur BAYO DELGADO.

■ L-Aġenziji tal-UE

Is-Segretarju Ġenerali tal-Ombudsman, is-Sur Ian HARDEN, attenda għal-laqgħa tal-Kapijiet tal-Aġenziji f'Liżbona li saret fl-24 ta' Ottubru. F'dik il-laqgħa, l-Aġenziji qablu li huma lkoll jaċċettaw il-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba u jikkunsidraw kif l-aħjar jagħtuha pubbliċità fi hdnhom. L-Ombudsman laqa' dan l-iżvilupp b'sodisfazzjon kbir, li għandu jgħin biex jiċċara liċ-ċittadini x'għandhom jistennew meta jikkuntattjaw lill-Aġenziji. Il-Kodiċi għandu jkun ukoll ta' gwida għall-persunal fl-Aġenziji responsabbli għar-relazzjonijiet mal-pubbliku.

■ L-Istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħra tal-UE

L-Ombudsman kellu serje ta' laqgħat oħra mar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħra tal-UE matul l-2008. Fl-24 ta' Jannar, iltaqa' mal-Presidenti tal-Kumitati tal-Persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jispjega l-irwol tiegħu għat-titjib tal-kwalità tal-amministrazzjoni tal-UE. Fil-5 ta' Settembru, ħa sehem f'workshop fi Vjenna organizzat mid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, is-Sur Morten KJAERUM. Fl-20 u l-21 ta' Novembru, l-Ombudsman mar il-Lussemburgu biex jara l-Presidenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, is-Sur Vassilios SKOURIS, tal-Qorti tal-Prim'Instanza, is-Sur Marc JAEGER, u tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili, is-Sur Paul J. MAHONEY. Fl-aħħar nett fis-17 ta' Diċembru, l-Ombudsman ta deskrizzjoni ġenerali dwar ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjoni tiegħu u dik tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) waqt Seminar organizzat fi Brussell mill-EDPS, is-Sur Peter HUSTINX. Dan is-Seminar sar fl-okkażjoni tal-għeluq tal-ħames sena tal-EDPS, kif ukoll tat-tluq tal-Assistent Kontrollur, is-Sur Joaquín BAYO DELGADO.

4.2 Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili

L-Ombudsman Ewropew jikkopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiżgura li l-ilmenti taċ-ċittadini jiġu ttrattati fil-pront u b'mod effettiv. Din

L-Ombudsman Ewropew jikkopera mill-qrib mal-kontropartijiet tiegħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiżgura li l-ilmenti taċ-ċittadini jiġu ttrattati fil-pront u b'mod effettiv.

il-koperazzjoni hija daqstant vitali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-liġijiet tal-UE, għas-segwitu ta' żviluppi importanti fid-dinja tal-ombudsmen u għall-iskambju tal-aħjar prattiki. Għall-parti l-kbira, din il-koperazzjoni titwettagħ taħt il-patroċinju tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, għalkemm l-Ombudsman

Ewropew jieħu sehem ukoll f'konferenzi, seminars u laqgħat barra n-Netwerk.

■ In-Network Ewropew tal-Ombudsmen

In-Network Ewropew tal-Ombudsmen illum jiġbor fi ħdanu kważi 90 uffiċċju f'31 pajjiż, li jkopru l-livelli nazzjonali u reġjonali fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll il-livell nazzjonali fil-pajjiżi li applikaw għal

In-Network iservi bħala mekkaniżmu effettiv għall-koperazzjoni fl-indirizzar tal-każi.

sħubija fl-UE kif ukoll fin-Norveġja u fl-Iżlanda. In-Network iservi bħala mekkaniżmu effettiv għall-koperazzjoni fl-indirizzar tal-każi. In-Network huwa daqstant effettiv għall-iskambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki — miri li jfittex li jwettaq permezz ta' seminars u laqgħat, newsletter regolari, forum elettroniku ta' diskusjoni u servizz ta' aħbarijiet elettroniku ta' kuljum. Fl-2008, studju komparattiv li mexxa l-Ombudsman Ewropew dwar il-liġi u l-prattika fl-Istati Membri relatat mal-aċċess pubbliku għal informazzjoni f'databases, kien ta' importanza partikolari f'dan ir-rigward. L-Ombudsman ikkuntattja lill-kollegi tiegħu fin-Network biex jistħarreġ l-aħjar prattiki fil-livell nazzjonali li għandhom bħala mira l-ħarsien tal-akbar aċċess pubbliku għad-databases. Ġie ispirat mir-riżultati ta' dan l-istudju biex għamel proposti konkreti relatati mar-riforma tar-regoli tal-UE dwar l-aċċess għad-dokumenti.

L-Ombudsmen fin-Network adottaw Dikjarazzjoni fis-Sitt Seminar tal-Ombudsmen Nazzjonali li sar fi Strasburgu f'Ottubru tal-2007. L-iskop tad-Dikjarazzjoni kien biex id-dimensjoni tal-UE fix-xogħol tal-ombudsmen issir magħrufa aħjar u biex jiġi ċċarat is-servizz li jipprovdu lil dawk in-nies li jagħmlu ilment dwar kwistjonijiet fl-ambitu tal-liġijiet tal-UE. Matul l-2008, l-Ombudsman Ewropew ħadem bla heda, permezz tal-pubblikazzjonijiet u l-preżentazzjonijiet tiegħu, biex iqajjem għarfien dwar id-Dikjarazzjoni, anke billi għamilha disponibbli fuq il-websajt tiegħu fi 23 lingwa. Is-Sur DIAMANDOUROS ta attenzjoni partikolari għal din id-Dikjarazzjoni matul iż-żjarat ta' informazzjoni fl-Istati Membri, li huma koordinati mill-ombudsmen kollegi tiegħu.

Koperazzjoni dwar it-trattament tal-każijiet

Ħafna ilmentaturi jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. F'ħafna każi, ombudsman fil-pajjiż ikkonċernat jista' jipprovdi rimedju effettiv.

Ħafna ilmentaturi jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. F'ħafna każi, ombudsman fil-pajjiż ikkonċernat jista' jipprovdi rimedju effettiv.

Meta jkun possibbli, l-Ombudsman Ewropew jittrasferixxi każi direttament lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jew jagħti parir xieraq lill-ilmentatur. Aktar dettalji dwar din il-koperazzjoni huma pprovduti fi tmiem il-Kapitolu 3.

L-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jistgħu jitolbu lill-Ombudsman Ewropew tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet dwar liġi tal-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inklużi mistoqsijiet li jinqalgħu mit-trattament tagħhom ta' każi speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew jew jipprovdi t-tweġiba direttament jew, jekk ikun aktar xieraq, jgħaddi l-mistoqsija lil istituzzjoni jew entità oħra tal-UE għal tweġiba. Matul l-2008, waslu tmien mistoqsijiet ġodda (ħamsa mill-ombudsmen nazzjonali u tlieta mill-ombudsmen reġjonali). Dan jikkostitwixxi żieda sinifikanti meta jsir paragon mas-snin ta' qabel u jirrifletti l-għarfien li qiegħed jikber tal-proċedura dwar il-mistoqsijiet li tirriżulta mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni msemmija qabel. Dawn il-mistoqsijiet kienu rigward firxa ta' kwistjonijiet mill-interpretazzjoni fl-Olanda tar-regoli tal-UE dwar kumpens għall-passiġġieri tal-ajru għall-interpretazzjoni tal-awtoritajiet Spanjoli tar-regoli tal-UE dwar it-trasport pubbliku.

Is-Seminars

Is-Seminars għall-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jsiru kull sentejn u jiġu organizzati b'mod konġunt mal-Ombudsman Ewropew u ma' kontroparti nazzjonali jew reġjonali.

Is-Sitt Seminar tal-Ombudsmen Reġjonali tal-Istati Membri tal-UE sar f'Berlin mit-2 sal-4 ta' Novembru. Ġie organizzat mill-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Reġjonali ta' Berlin, is-Sur Ralf HILLENBERG, u l-Ombudsman Ewropew, bil-għajjnuna tal-*Europäische Akademie Berlin*. Madwar 90 parteċipant attendew għall-avveniment minn kull wieħed mis-sitt pajjiżi li għandhom ombudsmen fil-livell reġjonali (jiġifieri, il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija

u r-Renju Unit⁵). It-tema tas-Seminar kienet “Niproteġu lil min hu l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà: l-irwol tal-ilmenti u l-petizzjonijiet”. Id-diskors ewlieni dwar “L-irwol tal-ombudsmen fil-protezzjoni legali — nazzjonali u Ewropea” sar mis-Sur Günter HIRSCH, li qabel kien President tal-Qorti Suprema tal-Ġermanja u issa l-Ombudsman Ġermaniż għall-Assigurazzjoni. Wara dan kien hemm sessjonijiet dwar: l-indipendenza tal-ombudsmen u tal-kumitati għall-petizzjonijiet, kif tista’ ssir ħidma effettiva għaċ-ċittadini, u ilmenti rigward il-kura tas-saħħa, l-anzjani, l-affarijiet soċjali u l-immigrazzjoni. Id-diskussjonijiet waqt is-Seminar kienu mimlija ħajja u istruttivi, u l-feedback ikkonferma li l-ombudsmen sabu li l-għażla tas-suġġett kienet rilevanti ħafna għax-xogħol tagħhom ta’ kuljum.

Is-Sitt Seminar tal-Ombudsmen Reġjonali tal-Istati Membri tal-UE sar f’Berlin bejn it-2 u l-4 ta’ Novembru. ‘Il fuq minn 90 parteċipant, li jidhru fir-ritratt, attendew għal dan l-avveniment. It-tema tas-seminar kienet “Niproteġu lil min hu l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà: l-irwol tal-ilmenti u l-petizzjonijiet”.



© Abgeordnetenhaus von Berlin

Netwerk seminar ieħor li sar fl-2008 kien is-Sitt Seminar għall-uffiċjali ta’ komunikazzjoni mill-1 sat-3 ta’ Ġunju fi Strasburgu. L-uffiċjali ta’ komunikazzjoni joperaw bħala l-ewwel punt ta’ kuntatt għan-Netwerk fi ħdan l-uffiċċji tal-ombudsmen nazzjonali. Is-Sitt Seminar tagħhom kellu diskussjonijiet dwar firxa ta’ suġġetti, li kienu jinkludu l-libertà tal-espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti, il-promozzjoni tal-amministrazzjoni t-tajba u t-trattament effettiv tal-ilmenti. Il-President Paul J. MAHONEY tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-UE għamel id-diskors ewlieni fl-Ewwel Jum, bit-titolu “Il-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali u l-libertà tal-espressjoni tal-uffiċjali”. Wara dan kien hemm preżentazzjoni dwar l-Abbozz tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-aċċess għad-dokumenti uffiċjali, li saret mill-Imħallef Helena JÄDERBLÖM, Chair tal-Grupp ta’ speċjalisti dwar



Is-Sitt Seminar għall-uffiċjali ta’ komunikazzjoni fin-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen sar bejn l-1 u t-3 ta’ Ġunju fi Strasburgu. Il-parteċipanti tas-seminar kellhom diskussjonijiet dwar firxa ta’ suġġetti, li kienu jinkludu l-libertà tal-espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti, il-promozzjoni ta’ amministrazzjoni tajba u t-trattament effettiv tal-ilmenti.

5. Il-pajjiżi huma elenkati skont l-ordni tal-protokoll tal-UE; jiġifieri, skont l-alfabett, ibbażat fuq l-isem ta’ kull pajjiż fil-lingwa tiegħu. Dan l-ordni qiegħed jintuża f’din il-pubblikazzjoni kollha.

l-aċċess għad-dokumenti u Prim Imħallef fil-Qorti Amministrattiva tal-Appell fl-Iżvezja. Is-Seminar temm b'sessjoni bit-titolu "Niżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE", li matulha, is-Sur Alain LAMAS-SOURE, Membru tal-Parlament Ewropew u eks-Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż kien il-kelliem ewlieni. Kolloxx ma' kolloxx, attendew is-Seminar 30 parteċipant minn 28 pajjiż Ewropew.

In-Newsletter — Ombudsmen Ewropej

In-Newsletter — Ombudsmen Ewropej tkopri x-xogħol tal-membri tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen u s-sħubija usa' tar-reġjun Ewropew tal-Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman (IOI). Miktuba bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan u bl-Ispanjol, tiġi indirizzata lil aktar minn 400 uffiċċju fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. *In-Newsletter* tiġi ppubblikata mill-Ombudsman Ewropew darbtejn fis-sena — f'April u f'Ottubru. Fl-2008, iż-żewġ ħarġiet koprew firxa kbira ta' temi, li kienu jinkludu artikoli dwar id-diskriminazzjoni razzjali, it-tfixkil għall-moviment liberu tal-persuni, kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni u l-ażil, il-liġi Ewropea dwar l-ambjent, l-irwol tal-ombudsmen bħala kontrolluri tal-ħabsijiet, id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, id-drittijiet tat-tfal u d-dritt ta' dimostrazzjoni. Tema komuni li tinsab f'ħafna minn dawn l-artikoli hija l-irwol tal-ombudsmen li jiżgura li l-liġi tal-UE tkun implimentata b'mod sħiħ.

Għodod għal komunikazzjonijiet elettroniċi

Id-diskussjoni bl-internet tal-Ombudsman u l-forum dwar skambju kollettiv ta' dokumenti għall-ombudsmen u l-persunal tagħhom fl-Ewropa wrew li kienu għodda utli ħafna għan-Netwerk. Aktar minn 230 individwu għandhom aċċess għall-forum li joffri possibiltajiet għal koperazzjoni ta' kuljum bejn u fi ħdan l-uffiċċji.

L-aktar parti popolari tal-forum huwa s-Servizz ta' *Aħbarijiet ta' Kuljum tal-Ombudsman*, li jiġi ppubblikat f'kull ġurnata tax-xogħol u jiġbor fih aħbarijiet mill-uffiċċji tal-ombudsman kif ukoll mill-Unjoni Ewropea. Kważi l-uffiċċji tal-ombudsman nazzjonali u reġjonali kollha fl-Ewropa kollha jikkontribwixxu għall-*Aħbarijiet ta' Kuljum* u jikkonsultawhom fuq bażi regolari.

Fl-2008, il-forum ta' diskussjoni kompli kien mod utli ħafna għall-uffiċċji tal-ombudsman għall-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-bgħit ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Ħafna diskussjonijiet importanti bdew b'dan il-mod. Kienu jkopru kwistjonijiet varjati bħad-dritt għall-istrajk, il-libertà tal-assemblea, il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-pulizija, l-ewtanasje, il-kxif tad-dejta medika, il-problema ta' dawk mingħajr dar, l-aċċess għall-kura tas-saħħa għal min ifittex l-ażil, l-aċċess għall-impjiegi fis-settur pubbliku, u t-tressiq ta' ilmenti permezz tal-e-mail.

Il-kontenut tad-diskussjonijiet tal-forum jinkludi lista awtoritattiva ta' ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri tal-UE, fin-Norveġja, fl-Iżlanda u fil-pajjiżi li applikaw għas-sħubija fl-UE. Il-lista tiġi aġġornata kull meta jinbidlu d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċċju ta' ombudsman u għalhekk hija riżorsa indispensabbli għall-ombudsmen fl-Ewropa kollha.

■ Il-laqgħat tal-Ombudsman

Matul is-sena, l-isforzi tal-Ombudsman biex jikkollabora mal-kollegi ombudsmen tiegħu marru 'l hemm mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. Bl-iskop li jiġu promossi l-ombudsmanSHIP u l-iskambju tal-aqwa prattika, is-Sur DIAMANDOUROS u l-persunal tiegħu attendew avvenimenti organizzati minn ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Ewropa kollha, li kienu jinkludu l-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, Franza, l-Irlanda u l-Italja. Dawn l-avvenimenti kienu jkopru firxa ta' kwistjonijiet mill-aċċess għal dokumenti sat-twaqqif ta' networks tal-ombudsman. Matul l-2008, l-Ombudsman Ewropew u l-persunal tiegħu ltaqgħu wkoll ma' għadd kbir ta' ombudsmen u rappreżentanti ta' istituzzjonijiet tal-ombudsman mill-UE u minn barra l-Unjoni.

4.3 Ir-relazzjonijiet ma' partijiet interessati oħra

L-Ombudsman Ewropew jimpenja ruħu li jiżgura li kull persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha problema mal-istituzzjonijiet jew mal-entitajiet tal-UE tkun konxja tad-dritt tagħha li tgħaddi lilu

L-Ombudsman Ewropew jimpenja ruħu li jiżgura li kull persuna jew organizzazzjoni li jista' jkollha problema mal-istituzzjonijiet jew mal-entitajiet tal-UE tkun konxja tad-dritt tagħha li tgħaddi lilu l-ilmenti li jkollha dwar amministrazzjoni ħażina.

l-ilmenti li jkollha dwar amministrazzjoni ħażina. Ġew intensifikati aktar sforzi għat-tqajjim ta' għarfien matul l-2008, permezz ta' madwar 135 preżentazzjoni li saru mill-Ombudsman u l-persunal tiegħu. Barra dan, Unità ġdida, l-Unità tal-Midja, l-Intrapriża u s-Soċjetà Ċivili, twaqqfet fl-antenna tal-Ombudsman fi Brussell, bl-iskop li tilħaq liċ-ċittadini, lill-NGOs, lill-assoċjazzjonijiet u lill-

kumpaniji.

Din it-taqsima tagħti ħarsa ġenerali dwar il-kotra kbira ta' modi kif l-Ombudsman fittex li jqajjem għarfien dwar id-dritt għall-ilmenti matul is-sena.

■ Konferenzi u laqgħat

Li jinvolvu lill-Ombudsman

Fl-2008, l-Ombudsman għadda ħafna ħin f'laqgħat ma' partijiet interessati ewlenin biex jispjegalhom dwar is-servizzi tiegħu. Ippreżenta x-xogħol tiegħu f'aktar minn 60 okkażjoni lill-komunità legali, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, l-NGOs, ir-rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet reġionali u lokali, lil-lobbisti u gruppi ta' interessi, l-akkademiċi, ir-rappreżentanti politiċi ta' livell għoli u lill-uffiċjali tas-servizz ċivili. Dawn il-konferenzi, seminars u laqgħat ġew organizzati fi Brussell u fl-Istati Membri, ta' spiss bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni tal-Ombudsman (ara hawn taħt).



Is-Sur DIAMANDOUROS mar Budapest, fil-15 ta' Settembru, biex jipparteċipa għall-avveniment ta' informazzjoni organizzat mill-ombudsmen Ungeriżi kollegi tiegħu, is-Sur Máté SZABÓ, is-Sur Sándor FÜLÖP, u s-Sur Ernő KÁLLAI. Ħafna ġurnalisti attendew għall-avveniment, flimkien ma' NGOs, gruppi kummerċjali u ċittadini interessati.

Li jinvolvu lill-persunal tal-Ombudsman

L-persunal tal-Ombudsman huwa bl-istess mod attiv fil-promozzjoni tal-għarfien dwar l-istituzzjoni. Matul l-2008, saru aktar minn 75 preżentazzjoni lil madwar 2 500 ċittadin mill-UE kollha. L-akbar għadd ta' dawn il-gruppi ta' viżitaturi ġie mill-Ġermanja, u warajhom minn Franza. Fost il-parteeipanti f'dawn il-preżentazzjonijiet kien hemm studenti u apprendisti, avukati u mħallfin, imprendituri u lobbisti, uffiċjali governattivi u uffiċjali tas-servizz ċivili, u membri tal-persunal mill-uffiċċji tal-ombudsman.

Għalkemm ir-riżorsi ristretti jillimitaw in-numru ta' preżentazzjonijiet li jistgħu jsiru kull sena, l-Ombudsman jipprova jaċċetta, kemm ikun possibbli, l-istediniet u t-talbiet minn gruppi fil-mira. Dawn il-preżentazzjonijiet kollha huma ta' importanza immensa għall-għajjnuna biex l-amministrazzjoni tal-UE tingħata "wiċċ uman".



Pubblikazzjonijiet li jispjegaw ix-xogħol tal- Ombudsman tqassmu matul is-sena, b'mod partikulari waqt il-Konferenza Annwali tan-Netzwerk tal-Intrapriżi Ewropej, li saret fi Strasburgu f'Novembru, u matul l-Open Days organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell u fi Strasburgu f'Mejju. Diversi eluf ta' viżitaturi ġew fis-sezzjoni tal-Ombudsman fl-Open Days u ħafna kellhom diskussjonijiet fid-dettall mal-istaff tal-Ombudsman.

■ Żjarat ta' informazzjoni

Bl-iskop li jitqajjem għarfien dwar id-dritt li jsiru ilmenti u biex ikompli jintensifika r-relazzjonijiet tiegħu tax-xogħol mal-kontropartijiet nazzjonali u reġjonali tiegħu, fl-2003 l-Ombudsman daħal

Fl-2008, bis-saħħa taż-żjarat ta' informazzjoni, l-Ombudsman mar Ċipru, il-Greċja, il-Latvja u l-Litwanja.

għal programm intensiv ta' żjarat ta' informazzjoni fl-Istati Membri u fil-pajjiżi fil-fażi tal-adeżjoni. Dawn iż-żjarat imxew għielhom. Fl-2008, bis-saħħa taż-żjarat ta' informazzjoni, l-Ombudsman mar

Ċipru, il-Greċja, il-Latvja u l-Litwanja.

(i) F'Ċipru, il-Kummissarju għall-Amministrazzjoni (Ombudsman), is-Sinjura Eliana NICOLAOU, organizzat programm intensiv għaż-żjara ta' erbat ijiem tal-Ombudsman mis-17 sal-20 ta' Marzu. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President ta' Ċipru, is-Sur Dimitris CHRISTOFIAS, il-President tal-Parlament, is-Sur Marios GAROYIAN, ma' tliet ministri tal-Gvern, mal-kapijiet tal-partiti politiċi u mal-President tal-Qorti Suprema, Christos ARTEMIDES. Waqt il-ħin li għadda f'Nikosija, l-Ombudsman ta żewġ konferenzi pubbliċi dwar xogħolu, iltaqa' mal-Bord tal-Kmamar tal-Kummerċ ta' Ċipru, u nqas l-premjju "Yannos Kranidiotis" għas-servizz pubbliku.

(ii) Matul iż-żjara tiegħu fil-Greċja mit-23 sat-28 ta' Mejju, l-Ombudsman Ewropew iltaqa' mal-President, is-Sur Karolos PAPOULIAS, mal-Prim Ministru, is-Sur Kostas KARAMANLIS, mal-President tal-Parlament, is-Sur Dimitris SIOUFAS, mal-President tal-Kunsill tal-Istat, is-Sur Georgios PANAGIOTOPOULOS, ma' tliet ministri tal-gvern, mal-kapijiet tal-partiti politiċi, kif ukoll ma' eks-President u ma' żewġ eks-Prim Ministri. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll ma' avukati, Ngos, uffiċjali tas-servizz ċivili u ma' membri tal-komunità tan-negozju, biex jispjega dwar is-servizzi tiegħu. L-Ombudsman Grieg, is-Sur Yorgos KAMINIS, u l-persunal tiegħu kkoordinaw iż-żjara ta' informazzjoni tas-Sur DIAMANDOUROS.

(iii) L-Ombudsman Ewropew żar il-Latvja mit-28 sat-30 ta' Settembru. Iż-żjara ġiet organizzata mill-Ombudsman tal-Latvja, is-Sur Romāns APSĪTIS, li matula l-Ombudsman ippreżenta x-xogħol tiegħu

Dawn iż-żjarat kollha kienu ta' siwi immens fil-kuntest tat-tqajjim ta' għarfien dwar id-drittijiet taċ-ċittadini skont il-liġi tal-UE, filwaqt li kabbru l-profil pubbliku tal-Ombudsman Ewropew u tal-kontropartijiet nazzjonali tiegħu, u pprovdew tagħrif dwar id-dritt li jittressqu lmenti.

lir-rappreżentanti tal-gvern lokali, Ngos, membri tal-komunità tan-negozju u studenti universitarji. Organizzalaqgħat ma' rappreżentanti tal-ġudikatura u spjega x-xogħol tiegħu lil għadd ta' kumitati tal-parlament. Fl-aħħar nett, matul iż-żmien li għadda f'Riga, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President tal-Latvja, is-Sur Valdis ZATLERS, ma' tliet ministri tal-gvern, kif ukoll ma' MPE mil-Latvja.

(iv) L-Ombudsman mar Vilnius għal żjara ta' informazzjoni

mill-1 sat-3 ta' Ottubru, organizzata mill-Ombudsmen tas-Seimas (Parlamentari), is-Sur Romas VALENTUKEVIČIUS, is-Sinjura Albina RADZEVIČIŪTĒ, is-Sur Augustinas NORMANTAS, is-Sinjura Virginija PILIPAVIČIENĒ, is-Sinjura Zita ZAMŽICKIENĒ, u l-persunal tagħhom. Iltaqa' ma' diversi kumitati tas-Seimas, kif ukoll mal-Ministru tal-Ġustizzja, is-Sur Petras BAGUŠKA. L-Ombudsman ta konfe-

renza pubblika lil uffiċjali tas-servizz ċivili u lil studenti universitarji u ltaqa' ma' rappreżentanti tal-komunità tan-negozju tal-Litwanja, kif ukoll ma' NGOs.

(v) Fil-15 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS mar Budapest biex jieħu sehem f'avveniment ta' informazzjoni organizzat mill-kollegi ombudsmen tiegħu Ungeriżi, is-Sur Máté SZABÓ, is-Sur Sándor FÜLÖP, u s-Sur Ernő KÁLLAI.

Dawn ż-żjarat kollha kienu ta' siwi immens fil-kuntest tat-tqajjim ta' għarfien dwar id-drittijiet taċ-ċittadini skont il-liġi tal-UE, filwaqt li kabbru l-profil pubbliku tal-Ombudsman Ewropew u tal-kontropartijiet nazzjonali tiegħu, u pprovdew tagħrif dwar id-dritt li jitressqu lmenti.

LITWANJA — L-Ombudsman Ewropew mar fuq żjara ta' informazzjoni fil-Litwanja, bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru 2008. Iż-żjara għet koorganizzata mal-Ombudsmen (Parlamentari) tas-*Seimas*.

Jidher fir-ritratt mas-Sur DIAMANDOUROS, mix-xellug għal-lemin, is-Sinjura Virginija PILIPAVIČIENĖ, is-Sinjura Albina RADZEVIČIŪTĖ, is-Sur Augustinas NORMANTAS, is-Sinjura Žita ZAMŽICKIENĖ, u s-Sur Romas VALENTUKEVIČIUS.



GREĊJA — Waqt iż-żjara ta' informazzjoni tiegħu fil-Greċja bejn it-23 u t-28 ta' Mejju, l-Ombudsman Ewropew iltaqa' ma' ħafna uffiċjali ta' livell għoli, inkluż il-President, il-Prim Ministru u l-iSpeaker tal-Parlament. Jidher fir-ritratt maċ-Chairman tal-Kumitat tal-Parlament għall-Affarijiet Barranin, is-Sinjura Elsa PAPADEMETRIOU. Waqt iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll ma' avukati, NGOs, ħaddiema taċ-ċivil u membri tal-komunità kummerċjali, biex jispjega s-servizzi tiegħu. L-Ombudsman Grieg, is-Sur Yorgos KAMINIS, ikkoordina iż-żjara ta' informazzjoni tas-Sur DIAMANDOUROS.

© Athens News Agency

LATVJA — L-Ombudsman Ewropew żar il-Latvja bejn it-28 u t-30 ta' Settembru 2008 bl-għan li jżid l-għarfien dwar xogħlu. L-Ombudsman Latvjan, is-Sur Romāns APSĪTIS, ikkoorganizza din iż-żjara. Is-Sur DIAMANDOUROS jidher fir-ritratt mas-Sur APSĪTIS fuq il-lemin tiegħu u l-President tal-Latvja, is-Sur Valdis ZATLERS, fuq ix-xellug tiegħu.



© A.F.I.



LATVJA — Bħala parti miż-żjara ta' informazzjoni fil-Latvja, bejn it-28 u t-30 ta' Settembru 2008, l-Ombudsman Ewropew ippreżenta xogħlu lir-rappreżentanti tal-gvern u lill-ħaddiema taċ-ċivil, lill-NGos, lill-membri tal-komunità kummerċjali, u lill-istudenti universitarji. Jidher fir-ritratt mal-Ombudsman Latvjan, is-Sur Romāns APSĪTIS, fuq ix-xellug tiegħu, il-President tal-Qorti Kostituzzjonali, is-Sur Gunārs KŪTRIS, fuq il-lemin tiegħu, kif ukoll mal-imħallfin u l-istaff tal-Qorti Kostituzzjonali.

■ Attivitàjiet fuq il-midja

L-Ombudsman jirrikonoxxi l-irwol importanti li għandha l-midja fil-formazzjoni tal-opinjoni pubblika, għat-titjib tal-kwalità tad-dibattiti u għat- tkabbir tal-viżibilità tas-servizzi tiegħu fl-Istati

Politika proattiva dwar il-midja tikkostitwixxi komponent ċentrali tal-attivitàjiet tiegħu u tal-isforzi tiegħu għall-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet skont il-liġi tal-UE u biex titjieb il-kwalità tal-amministrazzjoni.

Membri kollha tal-UE. Politika proattiva dwar il-midja tikkostitwixxi komponent ċentrali tal-attivitàjiet tiegħu u tal-isforzi tiegħu għall-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet skont il-liġi tal-UE u biex titjieb il-kwalità tal-amministrazzjoni.

Fl-2008, l-attivitàjiet prinċipali tal-Ombudsman fuq il-midja kienu jinkludu konferenzi għall-istampa fi Brussell biex jippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu u fi Strasburg biex jispjega l-bidliet fl-Istatut tiegħu, kif ukoll f'Ateni, f'Budapest, f'Nikosija, f'Riġa, u f'Vilnius, bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni msemmija qabel. Tagħrif fil-qosor għall-istampa ma' ġurnalisti interessati minn firxa ta' gazzetti u aġenziji tal-istampa wkoll taw l-opportunità lill-Ombudsman biex jispjega x-xogħol tiegħu għaċ-ċitadini u l-opinjoni tiegħu dwar temi rilevanti. Fl-aħħar nett, is-Sur DIAMANDOUROS ta fl-2008 madwar 30 intervista lill-ġurnalisti mill-istampa, ix-xandir u l-midja elettronika, fi Strasburg.

Normalment, il-konferenzi tal-istampa huma organizzati bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni tal-Ombudsman Ewropew.

L- Ombudsman jidher fir-ritratt mal-Ombudsman Prinċipali Parlamentari tal-Litwanja, is-Sur Romas VALENTUKEVIČIUS, f'konferenza tal-istampa konġunta, fejn spjegaw is-servizzi li jipprovdu l-uffiċji tagħhom.



Fl-2008, inħarġu u tqassmu sbatax-il sqarrija għall-istampa lill-ġurnalisti u lill-partijiet interessati fl-Ewropa kollha. Fost il-kwistjonijiet koperti kienu t-trasparenza fil-qasam tal-allowances tal-MEPs, id-dewmien tal-ħlasijiet mill-Kummissjoni Ewropea, ir-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman, u r-reviżjoni tar-regoli tal-UE dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti. Rigward il-kwistjoni tal-aħħar, l-Ombudsman ippubblika wkoll ittra miftuħa fil-*European Voice* lill-Viċi President tal-Kummissjoni, Margot WALLSTRÖM, fejn fisser fil-qosor it-tħassib tiegħu dwar il-proposti tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

■ Pubbikazzjonijiet

Materjal dwar ix-xogħol tal-Ombudsman tqassam matul is-sena kollha, b'mod partikolari matul il-Konferenza Annwali tan-Netwerk Intrapriża Ewropa li saret fi Strasburgu f'Novembru u matul

Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Ombudsman huma disponibbli fuq il-websajt tiegħu <http://www.ombudsman.europa.eu> u wieħed jista' jakkwistahom mingħajr ħlas mill-ħanut tal-kotba tal-UE (EU Bookshop) mis-sit <http://bookshop.europa.eu>

l-Open Days organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell u fi Strasburgu.

Ta' interess partikolari fil-kuntest tal-pubblikazzjonijiet fl-2008 kienet il-gwida ġdida għax-xogħol tal-Ombudsman, prodotta fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE. Din il-pubblikazzjoni tqassmet lill-partijiet interessati ewlenin u lill-pubbliku ġenerali.

Il-pubblikazzjonijiet kollha tal-Ombudsman huma disponibbli fuq il-websajt tiegħu <http://www.ombudsman.europa.eu> u wieħed jista' jakkwistahom mingħajr ħlas mill-ħanut tal-kotba tal-UE (EU Bookshop) mis-sit <http://bookshop.europa.eu>

■ Komunikazzjonijiet Elettroniċi

Il-komunikazzjoni bl-e-mail

Kważi 60% tal-ilmenti kollha li l-Ombudsman irċieva fl-2008 tressqu permezz tal-Internet. Parti kbira minn dawn waslu permezz tal-formola għall-ilmenti elettroniċi, li hija disponibbli fuq il-websajt

Kważi 60% tal-ilmenti kollha li l-Ombudsman irċieva fl-2008 tressqu permezz tal-Internet.

tal-Ombudsman fi 23 lingwa.

Fl-2008, il-kont prinċipali tal-Ombudsman intuża biex ingħatat risposta għal total ta' aktar minn 4 300 e-mail rigward talbiet għal informazzjoni. Madwar 3 300 kienu talbiet individwali għal informazzjoni, u kollha kemm huma rċewu risposti individwali minn membru adatt tal-persunal tal-Ombudsman. Dan jipparaguna tajjeb ma' madwar 4 100 tal-2007 u 3 500 tal-2006. Mill-4 300 email, madwar 1 000 kienu relatati ma' posta multipla (mass mailing) rigward id-diffikultajiet allegati li ffaċċjaw l-istazzjonijiet tat-Televixin Katalan biex ixandru fir-reġjun ta' Valenzja.

L-iżviluppi tal-websajt

Il-Websajt tal-Ombudsman inħoloq f'Lulju tal-1998. Matul is-sena 2008 kollha, l-Iżviluppatur tal-Web tal-Ombudsman Ewropew kompli jaħdem mill-qrib mal-Kap tal-Unità tal-Komunikazzjoni, kif ukoll mas-servizzi tekniċi tal-Parlament Ewropew, fit-tnejja għall-bidla tal-websajt tal-Ombudsman f'servizz għaċ-ċittadin li jkun modern, dinamiku, informattiv, interattiv u li jkun qed jevolvi kontinwament. Huwa ppjanat li l-websajt il-ġdid jibda jaħdem fil-bidu tal-2009.

Il-Websajt tal-Ombudsman kienet tiġi regolarment aġġornata bid-deċiżjonijiet, stqarrijiet għall-istampa u dettalji dwar l-attivitajiet komunikattivi tiegħu. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008,

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008, il-websajt tal-Ombudsman irċeviet madwar 440 000 viżitaturi uniċi.

il-websajt tal-Ombudsman irċeviet madwar 440 000 viżitaturi uniċi. L-aktar paġni li ġew ikkonsultati fil-websajt kienu bil-lingwa Inġliża, segwiti minn paġni bil-lingwa Franċiża, Ġermaniża, Span-

jola u Taljana. F' termini ġeografiċi minn fejn joriġinaw iż-żjarat, l-akbar numru ta' viżitaturi ġew mir-Renju Unit, segwiti mill-Ġermanja, Franza, Spanja u l-Italja. Is-sezzjoni tal-links fil-websajt tal-Ombudsman tinkludi links għas-siti tal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali madwar l-Ewropa kollha. Fis-sena 2008 saru aktar minn 97 000 żjarat fil-paġni tal-links, u dan juri b'mod ċar il-valur addizzjonali tas-servizzi provduti liċ-ċittadini minn Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen.

Sabiex ikun żgurat li l-websajt tal-Ombudsman jibqa' minn tal-ewwel fost il-websajts tal-UE, matul l-2008 kollha l-Uffiċċju tal-Ombudsman ħa sehem fil-ħidma tal-Kumitat Editorjali Inter-Istittuzzjonali tal-Internet tal-UE (CEiii).

Iċ-chats fuq l-internet

Għall-ewwel darba fl-2008, l-uffiċċju tal-Ombudsman ħa sehem f'*chat* fuq l-internet, organizzat mill-Istitut Ewropew fil-Bulgarija, bħala parti minn proġett bit-titolu "Issa, Interattività mal-Parlament Ewropew". Taħt l-intestatura "L-irwol tal-Ombudsman Ewropew: għajnuna biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-ċittadini tagħha", membri tal-persunal tal-Ombudsman wiegħbu għal firxa ta' mistoqsijiet marbuta ma' kif l-Ombudsman jitratta l-ilmenti. *Iċ-chat* fuq il-web iġġenera kopertura wiesgħa fuq il-midja fil-Bulgarija dwar il-ħidma tal-Ombudsman u kien meqjus bħala suċċess kbir.



Riżorsi

5.1 Il-persunal

Biex jiżgura li l-istituzzjoni tkun tista' twettaq xogħolha sew rigward it-trattament tal-ilmenti, fit-23 lingwa tat-Trattat, dwar amministrazzjoni ħażina, u biex jitqajjem għarfien dwar id-dritt li jitressqu lmenti, l-Ombudsman għandu l-għajnuna ta' persunal multilingwi kkwalifikat tajjeb. Din it-taqsimha tiddeskrivi x-xogħol li jwettqu d-diversi dipartimenti u unitajiet fl-uffiċċju tal-Ombudsman. Tibda bi spjegazzjoni tar-ristrutturazzjoni li twettqet fl-2008, kif ukoll b'ħarsa ġenerali fil-qosor tal-irtir annwali tal-persunal, u l-laqgħat tal-persunal li saru matul is-sena.

■ Ir-ristrutturazzjoni

Fl-2008 twettaq programm ambizzjuż ta' ristrutturazzjoni interna li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju. Kien jinvolvi l-ħolqien ta' erba' Unitajiet f'kull wieħed mid-Dipartimenti eżistenti: id-Dipartiment

Fl-2008 twettaq programm ambizzjuż ta' ristrutturazzjoni interna li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju.

Legali u d-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi. Dan ir-ristrutturar jimmira li jistabbilixxi struttura maniġerjali li fiha ż-żewġ Kapijiet tad-Dipartimenti tal-uffiċċju, li jikkorrispondu mad-diretturi u li jirrappurtaw lis-Segretarju Ġenerali, kull wieħed minnhom ikun megħjun minn erba' Kapijiet ta' Unitajiet b'aktar prerogattivi maniġerjali.

L-Ombudsman implimenta r-riorganizzazzjoni interna tal-uffiċċju tiegħu mingħajr ma żied ebda persunal ġdid, l-għadd ta' karigi tal-persunal fil-pjan tal-istabbiliment baqa' 57. L-awtorità tal-baġit kienet qablet, fil-baġit tal-2009, fuq iż-żieda ta' sitt postijiet.

L-Ombudsman jidher fir-ritratt mal-istaff tiegħu waqt it-tieni rtir tal-istituzzjoni, li sar bejn is-27 u d-29 ta' Frar 2008. L-irtiri tal-istaff jiffurmaw parti miċ-ċiklu annwali tal-avvenimenti li jipprovdu opportunità lill-istaff u lir-rekluti li jiskambjaw viżjonijiet b'mod informali dwar suġġetti marbuta max-xogħol tal-Ombudsman. Konklużjonijiet li joħroġu mill-irtiri jgħinu lill-Ombudsman jiffirma oġġettivi strateġiċi li mbagħad jgħinu fit-tmexxija tal-attivitajiet tal-istituzzjoni.



■ L-irtir għall-persunal

L-irtiri għall-persunal tal-Ombudsman Ewropew jiffurmaw parti integrali tal-ippjanar strateġiku tal-Ombudsman b'mod prinċipali billi jipprovdu gwida utli għat-tfassil tal-politika u għat-tħejjija tal-Pjan ta' Ġestjoni Annwali (AMP). L-irtiri huma forum miftuħ ta' diskussjoni, djalogu u espressjoni ta' ideat (*brainstorming*). Jiffurmaw parti minn ċiklu annwali ta' avvenimenti li jipprovdu opportunità lill-persunal u lill-apprendisti li jiskambjaw opinjonijiet dwar temi marbuta direttament max-xogħol tal-Ombudsman. Il-konklużjonijiet li jaslu għalihom mill-irtiri jgħinu biex jitfasslu l-oġettivi strateġiċi tal-Ombudsman li, wieħed wara l-ieħor, jiggwidaw l-attivitajiet ta' kull Unità.

L-istituzzjoni organizzat it-tieni irtir tagħha mis-27 sad-29 ta' Frar 2008. Bħala parti mit-tħejjija għall-irtir, membri tal-persunal kienu mistiedna jwieġbu kwestjonarju li jitratta l-oġettivi tal-Ombudsman, il-mod kif wieħed minn barra jara lill-Ombudsman, u kif jaħdem l-uffiċċju. Ir-riżultati tal-kwestjonarju, flimkien mal-isfond ta' materjali oħra, servew bħala l-bażi tal-qafas ta' diskussjonijiet matul l-avveniment. Kull membru tal-persunal kien imħeġġeġ jieħu sehem b'mod attiv fid-dibattiti, li ffukaw fuq l-oġettivi u l-prijoritajiet tal-istituzzjoni, il-perċezzjonijiet esterni u x-xogħol reattiv u proattiv tal-Ombudsman.

It-tagħrif immedjat li nkiseb lura mill-persunal jissuġġerixxi b'mod ċar li t-tieni irtir deher bħala esperjenza pożittiva ħafna. It-temi u s-suġġetti li ġew diskussi tqiesu li kienu rilevanti ħafna. L-interess ġenwin, l-entużjażmu u t-trasparenza ta' kulħadd ikkontribwew biex tinholq atmosfera tax-xogħol eċċellenti.

■ Il-laqgħat mal-persunal

Biex jiġi żgurat li l-informazzjoni bejn il-membri tal-persunal tgħaddi mingħajr tfixkil, u biex jippromwovi l-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali, l-Ombudsman jorganizza laqgħat għall-persunal regolarment. Bħala regola, l-aġenda għal dawn il-laqgħat tinkludi deskrizzjoni ġenerali mill-Ombudsman tal-attivitajiet tiegħu reċenti u futuri kif ukoll preżentazzjoni tal-iżviluppi amministrattivi u legali u dawk dwar il-politika li jolqtu l-istituzzjoni. Matul is-sena msemmija, saru laqgħat għall-persunal fit-3 ta' Lulju u t-12 ta' Diċembru li ipprovdew forum utli għad-diskussjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni. Din il-laqgħa tal-aħħar kienet l-ewwel waħda li matulha, wara li ġie riorganizzat l-uffiċċju msemmi hawn fuq, il-Kapijiet tal-Unitajiet ħadu rwol aktar attiv, filwaqt li spjegaw l-attivitajiet tal-Unitajiet tagħhom u żviluppi rilevanti oħra.

L-Ombudsman u l-persunal tiegħu

Dan li ġej jagħti dehra ġenerali tal-istruttura tal-uffiċċju tal-Ombudsman u jipprovdi sfond ta' informazzjoni dwar l-Ombudsman u l-persunal ta' tmexxija tiegħu. Itemm b'deskrizzjoni qasira tal-irwol tal-Kumitat tal-Persunal tal-Ombudsman u tal-Uffiċjal għall-Ħarsien tad-Dejta.

L-Ombudsman Ewropew

P. Nikiforos DIAMANDOUROS — L-OMBUDSMAN EWROPEW

P. Nikiforos DIAMANDOUROS twieled f'Ateni, il-Greċja, fil-25 ta' Ġunju 1942. Ġie elett Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Jannar 2003. Ħa l-kariga fl-1 ta' April 2003 u ġie elett mill-ġdid għal perijodu ta' ħames snin fil-11 ta' Jannar 2005.

Mill-1998 sal-2003, kien l-ewwel Ombudsman nazzjonali tal-Greċja. Kien ukoll Professur tal-politika komparattiva fid-Dipartiment tax-Xjenza Politika u tal-Amministrazzjoni Pubblika tal-Università ta' Ateni (fil-preżent bil-lif). Mill-1995 sal-1998 serva ta' Direttur u Chairman taċ-Ċentru Nazzjonali Grieg għar-riċerka Soċjali (EKKE).

Irċieva l-grad ta' B.A. fix-xjenza politika mill-Università ta' Indiana (1963) u l-grad tal-M.A. (1965), l-M.Phil. (1969), u l-Ph.D. (1972) fl-istess qasam mill-Università ta' Columbia. Qabel ma ssieħeb fil-fakultà tal-Università

ta' Ateni fl-1988, kellu ħatriet fit-tagħlim u r-riċerka mal-Università tal-Istat ta' New York u l-Università ta' Columbia rispettivament (1973-1978). Mill-1980 sal-1983, serva ta' Direttur tal-Iżvilupp fil-Kulleġġ ta' Ateni, f'Ateni, il-Greċja. Mill-1983 sal-1988, kien Direttur tal-Programmi għall-Kunsill ta' Riċerka fix-Xjenza Soċjali, New York, għall-Ewropa tal-Punent, kif ukoll għal-Lvant Nofsani u għall-Afrika tat-Tramuntana. Mill-1988 sal-1991, kien id-Direttur tal-Istitut Grieg għall-Istudji Internazzjonali u Strateġiċi, f'Ateni, organizzazzjoni ta' riċerka b'politika ta' orjentament imwaqqfa b'finanzjament konġunt mill-Fundazzjonijiet Ford u MacArthur. Fl-1997, ingħatatlu l-ħatra ta' Visiting Professor tax-xjenza politika fiċ-Ċentru Juan March għal Studji Għolja fix-Xjenzi Soċjali (Madrid).

Serva ta' President tal-Assoċjazzjoni Griega tax-Xjenza Politika (1992-1998) u tal-Assoċjazzjoni tal-Istudji tal-Grieg Modern tal-Istati Uniti (1985-1988). Bejn l-1999 u l-2003, serva bħala membru tal-Kummissjoni Nazzjonali Griega tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'dan il-waqt mill-2000 sal-2003 kien membru tal-Kunsill Nazzjonali Grieg għar-Riforma Amministrattiva. Mill-1988 sal-1995, kien ko-chairman tas-Sottokomitat tal-Kunsill ta' Riċerka fix-Xjenza Soċjali, New York, għall-Ewropa tan-Nofsinhar, li l-attivitajiet tiegħu huma ffinanzjati b'għotja mill-Fondazzjoni Volkswagen. Huwa wkoll Editur Ġenerali konġunt tas-Serje dwar l-Ewropa tan-Nofsinhar il-Ġdida u r-riċevitur tal-għotjiet għar-riċerka fl-Umanistika tal-Fullbright u tan-National Endowment.

Kiteb b'mod estensiv dwar il-politiki u l-istorja tal-Greċja, tal-Ewropa tan-Nofsinhar u tal-Ewropa tax-Xlokk, u b'mod aktar speċifiku, dwar id-demokratizzazzjoni, il-bini tal-istat u tan-nazzjon, u r-relazzjoni bejn il-kultura u l-politika. ■

— Is-Segretarjat tal-Ombudsman

Is-Segretarjat tal-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli għat-tmexxija tal-uffiċċju privat tal-Ombudsman.

Is-Segretarjat tal-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli għat-tmexxija tal-uffiċċju privat tal-Ombudsman. Jieħu ħsieb l-aġenda tal-Ombudsman, jikkoordina l-korrispondenza tiegħu li dieħla u li ħierġa, jagħti pariri dwar ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE, jitratta l-aspetti tal-protokoll tax-xogħol tal-istituzzjoni u jwettaq id-dmirijiet segretarjali ġenerali għall-Ombudsman.

Is-Segretarju Ġenerali

Is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli għall-ippjanar strateġiku fi ħdan l-istituzzjoni, u għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni ġenerali tal-Uffiċċju.

Is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli għall-ippjanar strateġiku fi ħdan l-istituzzjoni, u għas-sorveljanza tal-amministrazzjoni ġenerali tal-Uffiċċju. Jagħti pariri lill-Ombudsman dwar l-istruttura u l-ġestjoni tal-Uffiċċju, dwar l-ippjanar tal-attivitajiet tiegħu u l-monitoraġġ tax-xogħol u tal-prestazzjoni tiegħu. Rigward ix-xogħol tad-Dipartiment Legali, b'mod speċifiku, is-Segretarju Ġenerali jassisti u jagħti pariri lill-Ombudsman fl-indirizzar tal-ilmenti u tal-mistoqsijiet. Fl-aħħar nett, is-Segretarju Ġenerali jikkoordina r-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju tal-Ombudsman u l-istituzzjonijiet Ewropej l-oħra u għandu rwol ewlieni x'jaqdi fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-uffiċċji tal-ombudsman fl-Ewropa kollha u fil-kuntatti maċ-ċittadini Ewropej.

Ian HARDEN — IS-SEGRETARJU ĠENERALI

Ian HARDEN twieled f'Norwich, l-Ingilterra, fit-22 ta' Marzu 1954. Studja l-liġi f' Churchill College, Cambridge, minn fejn iggradwa b'BA b'unuri tal-ogħla klassi fl-1975 u LLB fl-1976. Wara li ggradwa, daħal fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Sheffield, fejn kien lekċerer mill-1976 għall-1990, Lekċerer Anzjan mill-1990 sal-1993, Reader mill-1993 għall-1995, u sar Professur tal-Liġi Pubblika fl-1995. Fl-1996, issieħeb fl-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew bħala Konsulent Legali Prinċipali, fejn sar Kap tas-Segretarjat mill-1997 sal-1999, imbagħad, mis-sena 2000 'il quddiem, Kap tad-Dipartiment Legali. Fl-1 ta' Awwissu 2006 inħatar Segretarju Ġenerali fl-uffiċċju tal-Ombudsman. Huwa l-awtur jew il-koawtur ta' għadd ta' publikazzjonijiet dwar il-liġi tal-UE u l-liġi pubblika, inklużi *The Contracting State* (Buckingham: Open University Press, 1992); *Flexible Integration: Towards a more effective and democratic Europe* (Londra CEPR, 1995), u *European Economic and Monetary Union: The Institutional Framework* (Kluwer Law International, 1997). Huwa membru tal-*Association française de droit constitutionnel* u tal-*"Istudju tal-Grupp Parlamentari"* fir-Renju Unit u professur onorarju tal-Università ta' Sheffield. ■

Id-Dipartiment Legali

Id-Dipartiment Legali huma magħmul prinċipalment minn avukati li r-responsabbiltà l-aktar importanti tagħhom hija li janalizzaw l-ilmenti li jirċievi l-Ombudsman Ewropew u li jwettqu inve-

Id-Dipartiment Legali huma magħmul prinċipalment minn avukati li r-responsabbiltà l-aktar importanti tagħhom hija li janalizzaw l-ilmenti li jirċievi l-Ombudsman Ewropew u li jwettqu investigazzjonijiet.

stigazzjonijiet taħt is-sorveljanza tal-Kap tad-Dipartiment Legali u l-erba Kapijiet tal-Unità Legali. Il-Kap tad-Dipartiment Legali jagħti pariri wkoll lill-Ombudsman dwar l-istrateġija u d-direz- zjoni legali tal-istituzzjoni u jimmaniġġa d-Dipartiment.

Matul l-2008, fid-Dipartiment kellu staff totali ta' 24, li kienu jikkonsistu mill-Kap tad-Dipartiment Legali, erba' Kapijiet tal-Unità Legali, tliet Konsulenti Prinċipali Legali, 14-il Uffiċjal Legali, Avukat Lingwista, u Assistent għall-Kap tad-Dipartiment Legali. Matul is-sena msemmija, id-Dipartiment Legali mmonitorja 23 apprendista.

João SANT'ANNA — KAP TAD-DIPARTIMENT LEGALI

João SANT'ANNA twieled f'Setúbal, il-Portugall, fit-3 ta' Mejju 1957. Studja l-liġi fl-Università ta' Liżbona mill-1975 sal-1980 u rreġistra ruħu bħala avukat f'Liżbona fl-1981. Bejn l-1980 u l-1982, ħadem bħala avukat fid-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru Portugiż tal-Affarijiet Interni għar-Reġjun ta' Liżbona. Bejn l-1982 u l-1984 kompli l-istudji legali tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fl-Università Ludwig-Maximilian u fl-Istitut Max-Planck fi Munich. Wara li fl-1984 mar lura l-Portugall, inġatar Kap tad-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni Portugiż għar-Reġjun ta' Liżbona. Fl-1986, sar uffiċjal tas-servizz ċivili tal-Parlament Ewropew u ħadem mad-Direttorati Ġenerali għall- Informazzjoni u r-Relazzjonijiet Pubbliċi, għar-Riċerka, għall-Persunal u l-Finanzi, u fl-aħħar nett, mas-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew. Fl-2000 beda jaħdem mal-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew bħala Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi. Inġatar Kap tad-Dipartiment Legali fl-1 ta' Lulju 2007. ■

— Il-Kapijiet tal-Unità

Kull Kap tal-Unità Legali jissorvelja tim ta' Uffiċjali Legali u apprendisti bil-għan li jiżgura li l-indirizzar tal-ilmenti jkun ta' kwalità għolja. Jassistu lill-Kap tad-Dipartiment Legali sabiex ikun żgurat

Kull Kap tal-Unità Legali jissorvelja tim ta' Uffiċjali Legali u apprendisti bil-għan li jiżgura li l-indirizzar tal-ilmenti jkun ta' kwalità għolja.

li x-xogħol tad-Dipartiment ikun preċiż, konsistenti u jsir fil-ħin. Dan jinvolve l-promozzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità mal-proċeduri interni, l-istandards u l-iskadenzi. Il-Kapijiet tal-

Unità Legali għandhom ukoll ir-responsabbiltajiet tagħhom, li jixbhu lil dawk tal-Uffiċjali Legali deskritti hawn taħt. Huma jirrappreżentaw ukoll lill-Ombudsman f'ċerti avvenimenti pubbliċi. Kollha kemm huma jirrapportaw lill-Kap tad-Dipartiment Legali, li miegħu jiltaqgħu regolarment.

Bħalissa hemm erba' Kapijiet tal-Unità Legali. Dawn huma s-Sur Gerhard GRILL, Ġermaniż, li beda jaħdem fl-uffiċċju tal-Ombudsman fis-sena 1999, is-Sinjura Marta HIRSCH-ZIEMBIŃSKA, Pollokka, li bdiet fl-2003, u s-Sur Fergal Ó REGAN mill-Irlanda li beda fl-2006. Is-Sur Peter BONNOR, li huwa Daniż u li ilu jaħdem mill-1998, huwa Kap ta' Unità Legali *ad interim*.

— Uffiċjali Legali

L-Uffiċjali Legali jittrattaw ilmenti, li jistgħu jitressqu lill-Ombudsman f'kull waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Huma wkoll jipproponu u jwettqu s'ħarriġ bl-inizjattiva proprja

L-Uffiċjali Legali jittrattaw ilmenti, li jistgħu jitressqu lill-Ombudsman f'kull waħda mit-23 lingwa tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

tagħhom, jirrispondu talbiet għall-informazzjoni miċ-ċittadini, jipprovdu lill-Ombudsman għajnuna dwar kwistjonijiet legali, jagħtu pariri dwar proċeduri legali, żviluppi u tradizzjonijiet tal-Istati Membri rispettivi tagħhom, u jagħmlu preżentazzjonijiet

dwar ix-xogħol tal-Ombudsman.

Id-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi

Id-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi huwa responsabbli għax-xogħol kollu tal-Uffiċċju tal-Ombudsman li mhuwiex relatat direttament mal-eżami ta' ilmenti jew mat-tmexxija ta' s'ħarriġ. Mill-1 ta' Lulju 2008, dan jikkonsisti f'erba' Unitajiet, deskritti hawn taħt, kif ukoll fis-Segretarjat

għat-Trattament ta' Ilmenti. Il-Kap tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni u l-Finanzi jikkoordina x-xogħol globali tad-Dipartiment. F'dik il-kompetenza, huwa responsabbli għall-organizzazzjoni u l-operazzjoni ġenerali tal-uffiċċju, għall-politika tal-persunal, filwaqt li jipproponi u jimplimenta l-istrateġija baġitarja u finanzjarja tal-istituzzjoni, u jirrappreżenta l-Ombudsman f'għadd ta' fora interistituzzjonali. Fl-2008, id-Dipartiment kellu persunal ta' total ta' 31.

João SANT'ANNA

KAP TAD-DIPARTIMENT TAL-AMMINISTRAZZJONI U TAL-FINANZI (AD INTERIM) ■

— Is-Segretarjat għat-Trattament tal-Ilmenti

Is-Segretarjat għat-Trattament tal-Ilmenti huwa responsabbli għar-reġistrazzjoni, it-tqassim, u s-segwitu tal-ilmenti li jaslu għand l-Ombudsman Ewropew. Is-Segretarjat jiżgura li l-ilmenti kollha

Is-Segretarjat għat-Trattament tal-Ilmenti huwa responsabbli għar-reġistrazzjoni, it-tqassim, u s-segwitu tal-ilmenti li jaslu għand l-Ombudsman Ewropew.

jiġu rreġistrati f'database, li tinħareġ risposta ta' riċevuta, u li dawn jitwasslu għad-Dipartiment legali. Huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-korrispondenza kollha li tidħol u li toħroġ relatata mal-ilmenti, filwaqt li jiżgura li r-reġistrazzjonijiet dwar l-ilmenti

fid-database ikunu aġġornati matul il-proċedura kollha tal-ilmenti, filwaqt li jimmonitorja l-konformità mal-iskadenzi, jipproduċi statistika relatata mal-ilmenti, u jiffajlja d-dokumenti relatati mal-ilmenti. Is-Sur Peter BONNOR huwa l-Kap tas-Segretarjat għat-Trattament tal-Ilmenti.

— L-Unità tal-Amministrazzjoni u l-Persunal

Ix-xogħlijiet tal-Unità tal-Amministrazzjoni u l-Persunal huma varji. Jinkludu r-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-persunal, l-immaniġġjar tal-korrispondenza li tidħol u li toħroġ, l-iswiċċbord tat-

Ix-xogħlijiet tal-Unità tal-Amministrazzjoni u l-Persunal huma varji. Jinkludu r-reklutaġġ u l-ġestjoni tal-persunal.

telefon, l-infrastruttura tal-uffiċċju, il-koordinazzjoni tat-traduzzjoni tad-dokumenti, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-librerija legali ta' referenza, u l-politika tal-istituzzjoni dwar id-dokumen-

tazzjoni u l-arkivji. Din l-Unità hija responsabbli wkoll għall-politika tal-istituzzjoni dwar l-informazzjoni teknoloġika u biex tipprowdi l-bżonnijiet tal-IT tal-uffiċċju, xogħol li twettaq b'koperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew. Il-Kap ta' din l-Unità huwa s-Sur Alessandro DEL BON, li għandu ċ-ċittadinanza doppja Ġermaniża-Taljana, u li ssieħeb fl-uffiċċju tal-Ombudsman fl-1998.

— L-Unità Baġitarja u Finanzjarja

L-Unità Baġitarja u Finanzjarja għandha l-kompitu li tiżgura li l-Uffiċċju tal-Ombudsman jikkonforma ruħu mar-regoli finanzjarji applikabbli u li tiżgura li r-riżorsi disponibbli jintużaw ekonomi-

L-Unità Baġitarja u Finanzjarja għandha l-kompitu li tiżgura li l-Uffiċċju tal-Ombudsman jikkonforma ruħu mar-regoli finanzjarji applikabbli u li tiżgura li r-riżorsi disponibbli jintużaw ekonomikament u b'mod effiċjenti u li jiġu mħarsa kif jixraq.

kament u b'mod effiċjenti u li jiġu mħarsa kif jixraq. Din l-Unità hija responsabbli wkoll biex tistabbilixxi u timplimenta l-mekkaniżmi xierqa ta' kontroll intern li jkunu meħtieġa biex jintlaħqu dawn il-miri. Dawn ir-responsabbiltajiet joħorġu mill-fatt li l-Ombudsman Ewropew għandu baġit indipendenti. Uffiċjali Finanzjarji, taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal Awtorizzanti b'De-

lega, iħejju u jwettqu l-baġit. Il-Kap ta' din l-Unità huwa s-Sur Loïc JULIEN, li huwa Franċiż, u li beda jaħdem mal-Ombudsman fl-2005.

— L-Unità tal-Komunikazzjoni

L-Unità tal-Komunikazzjoni hija responsabbli għall-produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet u tal-materjal promozzjonali tal-Ombudsman, għaż-żamma' u l-iżvilupp tal-websajts tal-Ombudsman u

L-Unità tal-Komunikazzjoni hija responsabbli għall-produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet u tal-materjal promozzjonali tal-Ombudsman, għaż-żamma' u l-iżvilupp tal-websajts tal-Ombudsman u biex tistabbilixxi entità viżiva għall-istituzzjoni.

biex tistabbilixxi entità viżiva għall-istituzzjoni. Din l-Unità tikkordina wkoll in-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, u b'mod aktar ġenerali, ir-relazzjonijiet mal-assoċjazzjonijiet tal-ombudsman fl-Ewropa u l'hinn minnha. Il-Kap ta' din l-Unità huwa s-Sur Ben HAGARD, Brittaniku, li ssieħeb fl-uffiċċju tal-Ombudsman fl-1988.

— L-Unità tal-Midja, l-Intrapriża u tas-Soċjetà Ċivili

L-Unità tal-Midja, l-Intrapriża u s-Soċjetà Ċivili hija responsabbli sabiex tassisti lill-Ombudsman biex jagħmel kuntatt ma' individwi u organizzazzjonijiet li jista' jkollhom bżonn is-servizzi tiegħu.

L-Unità tal-Midja, l-Intrapriża u s-Soċjetà Ċivili hija responsabbli sabiex tassisti lill-Ombudsman biex jagħmel kuntatt ma' individwi u organizzazzjonijiet li jista' jkollhom bżonn is-servizzi tiegħu.

Tgħin biex tqajjem l-għarfien fl-Unjoni kollha dwar ix-xogħol tal-Ombudsman. L-Unità żżomm u tippromwovi relazzjonijiet mal-midja, u torganizza l-avvenimenti u ż-żjarat ta' informazzjoni tal-Ombudsman. Il-Membri ta' din l-Unità huma responsabbli wkoll biex jiktbu l-pubblikazzjonijiet u d-diskorsi tal-Ombudsman.

Is-Sinjura Rosita AGNEW, li hija Irlandiża u li bdiet taħdem mal-Ombudsman fl-2001, hija l-Kap ta' din l-Unità.

— Il-Kumitat tal-Persunal

Il-Kumitat tal-Persunal tal-Ombudsman jirrappreżenta l-interessi tal-persunal u jippromwovi djalogo kontinwu bejn l-istituzzjoni u l-persunal. Il-Kumitat tal-Persunal ta kontribut kbir għall-funzjonament mingħajr intoppi tas-servizz kemm billi pprova mezz għall-persunal li jwassal l-espressjoni tal-opinjoni tagħhom kif ukoll billi għid l-attenzjoni tal-amministrazzjoni għad-diffikultajiet dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolamenti rilevanti. Il-Kumitat tal-Persunal iressaq suġġerimenti dwar l-organizzazzjoni u t-tħaddim tas-servizz, kif ukoll proposti biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-persunal. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tal-Persunal kellu rwol importanti fl-irtiri tal-persunal tal-2006 u l-2008.

— Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta

Kull istituzzjoni tal-UE għandha Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta (DPO), li jikkopera mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u jiżgura li ma jkunx mistenni li d-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-dejta jintlaqtu ħażin permezz tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta. Id-DPO jiżgura wkoll li l-kontrolluri tad-dejta u s-suġġetti tad-dejta jkunu mgħarrfa bid-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament 45/2001¹. Minn Marzu 2006, is-Sur Loïc JULIEN huwa l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta fl-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew.

5.2 Il-Baġit

■ Il-baġit fl-2008

Mill-1 ta' Jannar 2000, il-baġit tal-Ombudsman kien taqsima indipendenti tal-baġit tal-Unjoni Ewropea (preżentament it-taqsimi VIII)². Huwa maqsum taħt tliet titoli. Fl-Ewwel Titolu nsibu fih is-salarji, il-benefiċċji u spejjeż oħra relatati mal-persunal. It-Tieni Titolu jkopri l-bini, l-għamara, it-tagħmir u diversi spejjeż operattivi. Fit-Tielet Titolu jinsabu l-ispejjeż tal-operazzjonijiet ġenerali li twettaq l-istituzzjoni.

L-approprijazzjonijiet ibbaġettjati fl-2008 ammontaw għal EUR 8 505 770.

1. Ir-Regolament (KE) 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data, ĠU 2001 L 8, p. 1.

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 2673/1999 tat-13 ta' Diċembru 1999 li jemenda r-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU 1999 L 326, p. 1.

■ Il-koperazzjoni interistituzzjonali

Sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi, u sabiex jiġi evitat l-irduppar inutli tal-persunal, l-Ombudsman jikkopera ma' istituzzjonijiet u entitajiet oħra tal-UE, safejn ikun possibbli. Għalkemm dawn is-servizzi jiġu fatturati naturalment lill-Ombudsman Ewropew, din il-koperazzjoni ppermettiet iffrankar notevoli għall-baġit tal-Komunità dovut għall-effiċjenza. L-Ombudsman jikkopera, b'mod partikolari, mal:-

- (i) Parlament Ewropew, li jipprovdi assistenza bis-servizzi tekniċi, inkluż il-bini, l-informazzjoni teknoloġika, il-komunikazzjonijiet, is-servizzi mediċi, it-taħriġ, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni;
- (ii) Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej f'diversi aspetti tal-pubblikazzjonijiet;
- (iii) Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-UE, li jipprovdi ħafna mit-traduzzjonijiet li jeħtieġ l-Ombudsman fix-xogħol tiegħu għaċ-ċittadini.

■ Il-kontroll tal-baġit

Bl-iskop li tiġi żgurata l-ġestjoni effikaċi tar-riżorsi li jinsabu għad-dispożizzjoni tal-Ombudsman, awditur intern, li jkun uffiċjal tal-Parlament Ewropew, iwettaq kontrolli regolari tas-sistemi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni u tal-operazzjonijiet finanzjarji mwettqa mill-uffiċċju.

L-istituzzjoni tiġi wkoll ikkontrollata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Kuntatt mal-Ombudsman Ewropew

Bil-posta

L-Ombudsman Ewropew
1 Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
67001 Strasbourg Cedex
FRANZA

Bit-telefon

+33 3 88 17 23 13

Bil-faks

+33 3 88 17 90 62

Bl-e-mail

eo@ombudsman.europa.eu

Websajt

<http://www.ombudsman.europa.eu>

L-Ombudsman Ewropew jistħarreġ ilmenti
kontra istituzzjonijiet u korpi ta' l-Unjoni
Ewropea.

→→→ www.ombudsman.europa.eu

L-Ombudsman Ewropew
1 Avenue du Président Robert Schuman
CS 30403
67001 Strasbourg Cedex
FRANZA